

Programm ta' Ħidma 2015



DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTA

L-opinjoniġiet jew il-pożizzjoniġiet espressi f'dan il-Programm ta' Ħidma ma jirrappreżentawx neċessarjament f'termini legali l-pożizzjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma tassumi ebda responsabbiltà għal żbalji jew ineżattezzi li jistgħu jidhru.

Programm ta' Ħidma 2015

Helsinki, 26 ta' Settembru 2014

Dok: MB/31/2014 finali

Referenza: ECHA-14-A-11-MT (PDF)
Numru tal-Kat.: ED-AH-14-001-MT-N
ISBN: 978-92-9244-854-7
ISSN: 1831-7413
DOI: 10.2823/70849
Data tal-Pubblikazzjoni: Jannar 2015
Lingwa: MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2014

Qoxra © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

ĊaĦda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors ikun kompletament rikonoxxut fil-forma "Sors: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, <http://echa.europa.eu/>", u sakemm jingħata avviż bil-miktub lill-Unità ta' Komunikazzjoni tal-ECHA (publications@echa.europa.eu).

Jekk għandek mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola biex titlob l-informazzjoni. Il-formola biex titlob l-informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA f': http://echa.europa.eu/about/contact_en.asp

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz Postali: Kaxxa Postali 400, FI-00121 Helsinki, Finlandja

Indirizz sekondarju: Annankatu 10, Helsinki, Finlandja

Werrej

Lista ta' akronimi	4
Introduzzjoni	6
II-miri strateġiċi tal-ECHA 2014-2018	8
Punti prinċipali tal-2015	10
1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji	13
1.1. Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni u Tqassim tad-dejta (Attività 1)	13
1.2. Valutazzjoni (Attività 2)	20
1.3. L-Immaniġġar tar-Riskji (Attività 3)	25
1.4. Klassifikazzjoni u Tikkettar (C&L) (Attività 4)	32
1.5. Bijoċidi (Attività 16)	36
1.6. PIC (Attività 17)	38
1.7. Pariri u assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni (Attività 5)	40
1.8. Għodod xjentifiċi tal-IT (Attività 6)	45
1.9. Attivitajiet xjentifiċi u konsulenza teknika lill-Istituzzjonijiet u l-Korpi tal-UE (Attività 7)	48
2. Korpi u Attivitajiet Trasversali tal-ECHA	51
2.1. Kumitati u Forum (Attività 8)	51
2.2. Bord ta' Appell (Attività 9)	56
2.3. Komunikazzjonijiet (Attività 10)	58
2.4. Kooperazzjoni Internazzjonali (Attività 11)	61
3. It-Tmexxija, l-organizzazzjoni u r-riżorsi	64
3.1. Tmexxija (Attività 12)	64
3.2. Finanzi, Akkwisti u Kontabilità (Attività 13)	66
3.3. Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi (Attività 14)	69
3.4. Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (Attività 15)	73
4. Riskji tal-Aġenzija	75
ANNEX 1: L-Organizzazzjoni tal-ECHA	78
ANNEX 2: Assunzjonijiet bażi	79
ANNEX 3: Riżorsi stmati għall-2015	82
ANNEX 4: Pjan ta' Akkwisti	83

Lista ta' akronimi

BPC	Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali
BPR	Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali
C&L	Klassifikazzjoni u Ttikkettar
CA	Aġent Kontraenti
CCH	Kontroll ta' konformità
Chesar	Il-Valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika u għodda ta' rappurtaġġ
CLH	Klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati
CLP	Klassifikazzjoni, ttikkettar u imballaġġ
CMR	Karċinoġenu, mutaġeniku jew tossiku għar-riproduzzjoni
CoRAP	Pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju
CSA	Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika
CSR	Rapport dwar is-sigurtà kimika
DNA	Awtorità nazzjonali Deżinjata
eChemPortal	OECD Portal globali għal informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi
ECHA	L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sustanzi Kimiċi
EU	L-Unjoni Ewropea
Forum	Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar
HelpNet	Netwerk ta' Uffiċċju tal-Informazzjoni REACH u CLP
HRMS	Sistema ta' ġestjoni ta' Riżorsi Umani
IAS	Servizz ta' Verifika interna tal-Kummissjoni
IATA	Approċċ Integrat dwar l-Ittestjar u l-Valutazzjoni
IPA	Strument għal Assistenza qabel l-Adeżjoni
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
ICT	Teknoloġija dwar il-Komunikazzjonijiet tal-Informazzjoni
IR	Rekwiżiti tal-informazzjoni
IT	Teknoloġija tal-Informazzjoni
IUCLID	Dejtabejż Internazzjonali Uniformi ta' Informazzjoni Kimika
MAWP	Programm ta' Ħidma Multiannali
MB	Bord ta' Tmexxija
MS	Stat Membru
MSC	Kumitat tal-Istati Membri
MSCA	Awtorità Kompetenti tal-Istati Membri
NGO	Organizzazzjoni mhux governattiva
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku
Odyssey	L-għodda tal-ECHA biex issostni kompiti ta' valutazzjoni
PBT	Persistenti, bjoakkumulattiv u tossiku
PIC	Kunsens Infurmat minn Qabel
PPORD	Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi
PSIS	Sessjonijiet ta' Informazzjoni qabel il-Preżentazzjoni
(Q)SAR	Relazzjoni Struttura-Attività (Kwantitattiva)
R4BP	Reġistru għal Prodotti Bijoċidali
RAC	Kumitat għall-Istima tar-Riskji
REACH	Reġistrazzjoni, Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi
REACH-IT	REACH-IT hija s-sistema ċentrali tal-IT li tipprovdi sostenn għal REACH
RIPE	Portal ta' Informazzjoni għall-Infurzar REACH
RMO	Possibbiltà tal-immaniġġjar tar-riskji
RMOA	Analiżi tal-Possibbiltà tal-Immaniġġjar tar-Riskji
SEAC	Kumitat dwar l-Analiżi Soċjo-Ekonomika
SIEF	Forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi
SME	Impriżi żgħar u ta' daqs medju
SVHC	Sustanza ta' tħassib serju ħafna

TA	Aġent temporanju
UN GHS	Sistema Globalment Armonizzata tan-Nazzjonijiet Uniti ta' klassifikazzjoni u ttikkettar tas-sustanzi kimiċi
UVCB	Sustanza ta' kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli, prodotti kumplessi ta' reazzjoni jew materjali bijoloġiċi
WP	Programm ta' Ħidma

II-mandat legali tal-ECHA

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija korp tal-Unjoni Ewropea (UE) stabbilita fl-1 ta' Ġunju 2007 mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar "ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH)".

L-ECHA kienet stabbilita bl-iskop li tmexxi u, f'xi każijiet, twettaq l-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tar-Regolament REACH u biex tiżgura konsistenza f'livell tal-UE. Kienet stabbilita wkoll biex timmaniġġa kompiti li jirrelataw għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanzi kimiċi, li, mill-2009, kienu rregolati permezz tar-Regolament dwar "il-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet" (Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Fl-2012, il-mandat tal-ECHA tkabbar permezz tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali – ir-"Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali".

Ir-riformulazzjoni tar-Regolament (PIC) (ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi) ukoll daħlet fis-seħħ fl-2012. Ċerti kompiti li jirrelataw għal PIC ser jiġu ttrasferiti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea lill-ECHA fl-2014.

Dawn l-atti leġislattivi huma applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE (MSs) mingħajr il-ħtieġa ta' traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali.

II-Missjoni, il-Viżjoni u l-Valuri tal-ECHA

Missjoni	Valuri
<p>L-ECHA hija l-forza ta' tmexxija fost l-awtoritajiet regolatorji fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni innovattiva tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività.</p> <p>L-ECHA tgħin lil kumpaniji biex jikkonformaw mal-leġislazzjoni, tavvanza l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi, tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u tindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib.</p>	<p>Transparenti Aħna ninvolvu b'mod attiv lill-imsieħba regolatorji u lill-partijiet interessati tagħna fl-attivitajiet tagħna u aħna trasparenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nagħmluha faċli biex ninftieħmu u biex wieħed jikkomunika magħna.</p> <p>Indipendenti Aħna indipendenti mill-interessi esterni kollha tagħna u imparzjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nikkonsultaw il-membri tal-pubbliku b'mod miftuħ qabel ma nieħdu haġna mid-deċiżjonijiet tagħna.</p> <p>Affidabbli Id-deċiżjonijiet tagħna huma bbażati fuq ix-xjenza u konsistenti. Il-kontabilità u s-sigurtà ta' informazzjoni kunfidenzjali huma l-pilastru tal-azzjonijiet kollha tagħna.</p> <p>Effiċjenti Aħna mmirati, impenjati u dejjem infittxu li nużaw ir-riżorsi tagħna bil-għaqqal. Napplikaw standards ta' kwalità għolja u nirrispettaw l-iskadenzi.</p> <p>Impenjati lejn il-benessri Nistimolaw l-użu sigur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-bniedem fl-Ewropa u biex niproteġu u ntejbu l-kwalità tal-ambjent.</p>
Viżjoni	
L-ECHA taspira li ssir l-awtorità regolatorja prinċipali dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi.	

Introduzzjoni

L-iskop tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi hu li jkun żgurat livell għoli ta'

protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u li tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni lilbera tas-sustanzi kimiċi fi ħdan is-suq intern. Barra minn hekk, l-iskop hu li jitjiebu l-kompetittività u l-innovazzjoni, u li jiġu promossi metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali biex jiġu vvalutati l-perikoli tas-sustanzi kimiċi. Is-sistema regolatorja tal-UE hija bbażata fuq il-prinċipju li manifatturi, importaturi u utenti downstream għandhom jiżguraw li jimmanifatturaw, iqiegħdu fis-suq jew jużaw sustanzi li ma jeffettwawx ħażin is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Id-dispożizzjonijiet għandhom bħala bażi l-prinċipju tal-prekawzjoni.

Il-mandat tal-ECHA ikopri kompiti taħt erba' regolamenti: REACH, CLP, Prodotti Bijoċidali u PIC. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn ir-regolamenti teħtieġ Aġenzija li tiffunzjona tajjeb, kapaċi li tagħti opinjonijiet b'bażi xjentifiċi indipendenti u ta' kwalità għolja fi ħdan skadenzi legali stretti, kif ukoll li tipprovdi s-sostenn neċessarju lill-partijiet interessati kkonċernati, inklużi l-industrija, fl-implimentazzjoni, biex jiġi żgurat li l-aspetti operazzjonali tal-leġiżlazzjoni jiffunzjonaw kif suppost.

Madankollu, l-operazzjoni effiċjenti tar-regolamenti tiddependi wkoll fuq l-imsieħba istituzzjonali tal-ECHA, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala 'l-Kummissjoni') min-naħa waħda, u fuq l-industrija biex timplimenta tajjeb ir-regolamenti, min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, huma meħtieġa kontribuzzjonijiet minn distributuri, bejjiegħa bl-imnut u konsumaturi, kif ukoll ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom. Permezz tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, l-ECHA tikkontribwixxi wkoll lejn li tilħaq il-miri tas-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar l-Ambjent, tal-UE.

Il-baġit finali tal-ECHA u l-pjan ta' stabbiliment għar-riżorsi tal-bniedem ser jiġu addottati f'Diċembru 2014 mill-Bord ta' Tmexxija tagħha (MB), wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea mill-Awtorità tal-Baġit (il-Kunsill u l-Parlament Ewropew). F'każ li d-dħul totali jew figuri awtorizzati tal-persunal ivarjaw b'mod sinifikanti mill-estimi preżenti, il-Programm ta' Ħidma jiġi aġġustat kif meħtieġ.

L-ippjanar f'dan il-Programm ta' Ħidma huwa bbażat fuq il-figuri tal-linja bażi ppreżentanti fl-Anness 2, li huma aġġornament tal-estimi tal-Kummissjoni li saru fiż-żmien meta kien qed jiġi ppreparat ir-Regolament REACH. Wara li għaddiet tliet skadenzi importanti għar-reġistrazzjonijiet REACH u n-notifikazzjonijiet CLP rispettivament, fl-2010, fl-2011 u fl-2013, l-ECHA tista' issa tibbaża xi wħud mill-previżjonijiet tagħha fuq dejta reali. Xi partijiet min-numri tal-linja bażi madankollu jibqgħu soġġetti għal grad sinifikanti ta' inċertezza, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għal REACH u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali.

II-miri strateġiċi tal-ECHA 2014-2018

Il-miri strateġiċi tal-ECHA ġew definiti fil-Programm ta' Ħidma Multi-Annali 2014–2018 addottat mill-Bord ta' Tmexxija fis-27 ta' Settembru 2013. Dan il-Programm ta' Ħidma 2015 huwa bbażat fuq l-erba' miri strateġiċi, li s-suċċessi tagħhom isirihom monitoraġġ permezz ta' kejl kull sena u li r-riżultati tiegħu ser jiġu rrapportati fir-Rapport Ġenerali annwali:

1. Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità għolja biex tippermetti l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi

L-ewwel mira strateġika (1) hija maqsuma fi tliet oqsma ta' azzjoni prinċipali: 1) it-titjib tal-kwalità tad-dossiers; 2) il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-komunikazzjoni ta' pariri dwar l-immaniġġjar tar-riskji fil-katina tal-provvista, u 3) t-titjib tad-disseminazzjoni ta' informazzjoni ta' (kwalità għolja).

Is-sistema ta' monitoraġġ ser tkopri l-ewwel qasam ta' azzjoni: it-titjib tal-kwalità tad-dossiers. Għat-tieni qasam ta' azzjoni, l-ECHA ser tistrieħ fuq l-istudju bażi tal-ħames snin li jmiss immexxi mill-Kummissjoni. Fir-rigward tat-tielet qasam ta' azzjoni, il-progress jista' jitkejjel permezz tal-inkjesti tal-partijiet interessati li għandhom jiġu żviluppanti meta l-paġni ġodda ta' disseminazzjoni jiġu rilaxxati fl-2015 (bir-referenza għall-paragun li tkun ir-riżultati tal-inkjesta estensiva mwettqa fl-2012-2013 bħala l-bażi għall-preparazzjoni tal-websajt fil-ġejjieni).

2. Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b'intelliġenza biex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib

It-tieni mira strateġika (2) tiffoka fuq il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b'intelliġenza biex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib. Fl-iżvilupp ta' indikaturi biex jitkejjlu s-suċċessi tal-ECHA f'li tilħaq il-mira strateġika 2, l-enfasi kienet fuq erba' oqsma. L-ewwel huwa l-iskrining tas-sustanza, fejn l-enfasi għandu jkun fuq l-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib bl-użu tal-bażijiet tad-dejta interni u esterni tal-ECHA. It-tieni u t-tielet oqsma huma l-proċessi tal-valutazzjoni tas-sustanzi u l-immaniġġjar regolatorju tar-riskji fejn l-enfasi qiegħed fuq il-mobilizzazzjoni tal-Istati Membri u l-eżiti mixtieqa ta' azzjonijiet regolatorji. Ir-raba' qasam huwa l-kwalità tad-dossiers u l-opinjoniżiet żviluppanti mill-Istati Membri u mill-Kumitati tal-ECHA.

3. L-indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala l-qalba għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra

Fil-kuntest ġenerali tal-miri strateġiċi, il-mira strateġika nru 3 u l-kejl/valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha hija ta' natura kwalitattiva. Tista' tiġi kkunsidrata kemm bħala żviluppatriċi għall-miri strateġiċi 1 u 2, kif ukoll element għall-monitoraġġ tar-reddittività tal-impriża kif jesperjenzawha oħrajn. Bħala żviluppatriċi, l-iskop primarju tal-mira strateġika nru 3 hu li ttejjji l-mogħdija biex l-ECHA tkun tista' timplimenta b'suċċess il-miri strateġiċi l-oħrajn, filwaqt li bħala element addizzjonali ta' monitoraġġ tfittex li tipprovdi riflessjonijiet infurmati minn oħrajn dwar il-kapaċità xjentifika-regolatorja ġenerali tal-ECHA. Għaldaqstant, l-ECHA tkejjel jekk hijiex qiegħda timplimenta b'suċċess azzjonijiet li huma maħsuba biex imexxu l-Aġenzija mis-sitwazzjoni preżenti tagħha lejn li tlihaq il-miri aħħarja tal-mira strateġija 3, filwaqt li kwalunkwe impatti kwantifikabbli ta' attivitajiet imwettqa taħt il-mira strateġija nru 3 jitkejjlu primarjament permezz tal-implimentazzjoni tal-miri strateġiċi 1 u 2.

4. It-tħaddin tal-kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'effiċjenza u b'effettività, filwaqt li jkun hemm addattament għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi

L-ECHA tipprova tilħaq il-MAWP tagħha fil-limiti stabbiliti mit-tnaqqis tar-riżorsi applikabbli għall-Aġenzija kollha tal-UE. Biex ikun hemm monitoraġġ tas-suċċess tal-mira strateġija nru 4, ġie żviluppat indikatur relattivament sempliċi biex ikejjel il-proporzjon ta' riżorsi umani u l-għoti ta' deċiżjonijiet u opinjonijiet finali. Il-kalkolu huwa bbażat fuq għadd ta' riżultati finali magħżula tal-Aġenzija ipparagunat mal-għadd totali tal-persunal.

Punti prinċipali tal-2015

It-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-istrategġija ta' ħames snin tal-ECHA, deskritta fil-Programm ta' Ħidma Multiannali (MAWP) 2014-2018, tinvolvi l-insewiment ulterjuri tal-erba' miri strateġiċi u l-istabilizzazzjoni tal-proċessi iktar ġodda tal-awtorizzazzjoni u s-sustanzi u l-prodotti bijoċidali. Madankollu, fir-rigward tal-attivitajiet li jirrelataw għall-bijoċidi hemm inċertezza konsiderevoli fir-rigward tal-volum ta' applikazzjonijiet u dħul relatat li jagħmel l-ippjanar ta' sfida kbira ħafna.

1. Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità għolja biex tippermetti l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi

Is-sena 2015 hija kruċjali għall-preparazzjoni tal-ECHA għall-aħħar skadenza ta' reġistrazzjoni ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali fl-2018. L-ECHA ser tagħmel ħilitha biex tiffaċilita s-sitwazzjoni ottimali, fejn ir-reġistranti jistgħu jipprovdu dejta ta' kwalità għolja mal-ewwel preżentazzjoni. Għal dan l-iskop, l-Aġenzija timmira li jkollha lesti l-għodod riveduti tal-IT għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tad-dossier, kif ukoll materjal ta' sostenn li għandu jintuża għall-ewwel darba fl-2016, biex tkun possibbli l-formazzjoni effiċjenti ta' formoli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi (SIEFs), operazzjoni ġusta u trasparenti SIEF u sforzi ta' reġistrazzjoni koordinati fis-snin li ġejjin. L-isforzi tal-ġenerazzjoni tad-dejta jirriżultaw fl-użu iktar sigur ta' sustanzi kimiċi kif ukoll jippromwovi l-innovazzjoni.

Meta tipprovdi pariri u assistenza lill-entitajiet fid-dmir, l-Aġenzija ser tiffoka fuq it-titjib ulterjuri tas-sostenn għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju tagħha, u tagħti orjentazzjoni aktar addattata għall-udjenza fil-forma ta' dokumenti gwida aġġornati, testi tal-paġna web u mezzi oħra ta' komunikazzjoni, u billi tuża diversi pjattaformi multiplikaturi biex tilħaq kumpaniji li jkunu għadhom mhumiex konxji mill-obbligi tagħhom taħt il-leġislazzjoni kimika tal-UE. L-ECHA għandha wkoll l-intenzjoni li ssostni setturi speċifiċi biex tiżviluppa pariri mmirati għall-membri tagħha.

Fl-istess ħin, l-ECHA twettaq kontrolli ta' konformità fuq is-sustanzi tal-ogħla prijorità, u tiffoka fuq punti finali tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent ta' livell ogħla f'dossiers prinċipali u individwali.

Fl-2015, l-ECHA ser tirrilaxxa pjattaforma ġdida ta' tqassim b'aċċess għall-informazzjoni iktar addattata għall-utent. Barra minn hekk, biex tiffaċilita d-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jiksbu informazzjoni dwar sustanzi kimiċi li jistgħu ikunu esposti għalihom, l-ECHA tippjana li tibda tippubblika informazzjoni dwar sustanzi f'format ġdid li jkun jikkontjeni l-informazzjoni essenzjali kollha dwar il-karatteristiċi intrinziċi, il-perikoli, l-użijiet u l-istatus regolatorju tas-sustanzi b'mod faċilment aċċessibbli.

2. Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b'intelliġenza biex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib

Fl-2015, l-ewwel riżultati mill-attivitajiet tal-iskrining u tal-ġenerazzjoni tad-dejta previsti taħt il-pjan direzzjonali ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna lejn l-2020 mistennija jagħtu l-frott, u eventwalment iwasslu għal għadd ikbar ta' Analiżi ta' Possibilitajiet dwar l-Immaniġġjar tar-Riskji u proposti sussegwenti għall-immaniġġjar tar-riskji regolatorju. B'hekk, l-għadd ta' sustanzi mressqa għal-Lista tal-Kandidati jżied. Huwa mistenni wkoll li numru akbar ta' Stati Membri jipparteċipaw f'dawn l-isforzi.

Wara tliet snin ta' valutazzjoni tas-sustanzi, l-ECHA ser tivvaluta l-proċess, l-eżiti u kif il-valutazzjoni tas-sustanzi ssostni u tikkontribwixxi għall-proċessi tal-immaniġġjar regolatorju tar-riskji u t-titjib tal-kwalità tad-dejta. Approċċ komuni ta' skrining, li nbeda fl-2014, hu mistenni jgħin lill-Istati Membri fl-għażla ta' sustanzi li għandhom jiġu

vvalutati in vista ta' mmaniġġjar tar-riskju aktar effettiv f'livell tal-UE.

In-numru għoli mistenni ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni ser ikun ta' sfida għas-Segretarjat kif ukoll għall-Kumitati tal-Istima tar-Riskji u tal-Analiżi Soċjo-ekonomika mill-perspettivi xjentifiċi u ta' tagħbija ta' xogħol. Il-lezzjonijiet mitgħallma mill-ewwel applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ser jintużaw biex itejjbu aktar l-effiċjenza tas-sistema għall-iffurmar tal-opinjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mistennija tistabbilixxi regoli simplifikati għal każijiet speċjali f'Regolament ta' Implimentazzjoni.

3. L-indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala l-qalba għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra

L-ECHA ser tkompli tibni approċċ sistematiku biex tiżviluppa aktar il-kapaċità xjentifika skont l-istrateġija xjentifika tagħha definita fl-2014, li ser tispjega l-oqsma li l-ECHA tikkunsidra l-aktar importanti mill-perspettiva regolatorja ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Fil-każ li l-Kummissjoni Ewropea ser taddatta r-rekwiżiti tal-informazzjoni (IR) REACH biex tiegħu kont akar tal-aspetti speċifiċi ta' nanomaterjali; l-ECHA ser iżżid l-attivitajiet tagħha biex ittejjeb il-kwalità ta' dejta tar-reġistrazzjoni għal nanomaterjali. L-ECHA ser tkompli wkoll il-kontribuzzjonijiet tagħha għall-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' ttestjar u valutazzjoni, inklużi alternattivi għall-ittejjir fuq l-animali.

4. It-tħaddin tal-kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'effiċjenza u b'effettività, filwaqt li jkun hemm addattament għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi

Biex tilħaq il-miri ambizzjużi tal-Programm ta' Ħidma b'riżorsi tal-persunal li qegħdin jonqsu, l-ECHA ser ikollha ttejjeb aktar l-effiċjenza tagħha. Fl-2015, l-Aġenzija xorta jkollha tinvesti fl-iżvilupp tas-sistemi tal-IT biex isservi kemm lill-industrija kif ukoll lill-Istati membri aħjar iżda wkoll biex tnaqqas ix-xogħol manwali fil-proċessi interni tagħha.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoidali (BPR), l-ECHA ser tagħti prijorità lill-preparazzjoni ta' deċiżjonijiet u s-sostenn għall-programm ta' reviżjoni ta' sustanzi attivi b'estimi mnaqqsa għal applikazzjonijiet u dħul mill-pagamenti, filwaqt li ttipprova żżomm il-flessibilità biex tirreaġixxi għal żidiet mhux previsti fit-tagħbija tax-xogħol matul is-sena.

It-tagħbija tax-xogħol oġġla mistennija tas-Segretarjat u tal-Kumitati żżid il-pressjoni sa livell li jkun jeħtieġ titjib kontinwu tal-effiċjenza. Għalhekk, l-ECHA tippjana li tanalizza possibiltajiet differenti biex il-Kumitati jitrattaw it-tagħbija tax-xogħol tagħhom.

Fuq il-bażi tal-kejl żviluppat fl-2014, l-ECHA ser tirrapporta fuq il-progress li jsir biex jintlaħqu l-miri strateġiċi għall-ewwel darba fl-2015.

L-ECHA ser tiegħ fuqha diversi azzjonijiet biex tkun ta' sostenn għal SMEs biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom:

- L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali ta' Reġistrazzjoni REACH 2018 ikollu l-iskop li jipprovdi sostenn partikolarment għal reġistranti SME.
- Bl-istess mod, id-dokumenti uffiċjali pprovduti mill-ECHA u mill-imsieħba tagħha fl-2015 taħt il-Pjan Direzzjonali CSR/ES ikunu ta' sostenn għal SMEs.
- Il-paġni l-ġodda ta' disseminazzjoni jkunu ta' benefiċċju għal SMEs u jippermettulhom isibu informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-istat ta' sorveljanza regolatorja ta' sustanzi kimiċi li jista' jkollhom obbligi lejhom.
- Il-komunikazzjoni aħjar tal-Aġenzija għall-faċilitazzjoni tal-preparazzjoni ta' applikazzjonijiet "tajbin għall-iskop" għal awtorizzazzjoni trawwem prevedibbiltà lejn id-deċiżjonijiet kummerċjali ta' SMEs.
 - Il-komunikazzjoni tal-ewwel esperjenzi tal-ECHA flimkien maċ-ċiklu sħiħ ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u teħid tad-deċiżjonijiet relatat jirriżultaw fl-istess.
- L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-EXHA dwar obbligi ta' BPR u CLP ikollhom fi ħsiebhom l-aktar lil SMEs.
- L-ECHA ser tkompli l-isforzi tagħha biex tipprovdi traduzzjonijiet ta' gwida f'lingwi uffiċjali tal-UE, meta xieraq.

1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji

1.1. Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni u Tqassim tad-dejta (Attività 1)

Ir-Reġistrazzjoni hija waħda mill-pilastri ta' REACH, iadarba hija l-ewwel pass biex jiġu żgurati l-manifattura jew l-importazzjoni u l-użu siguri tas-sustanzi kimiċi. Il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanza fi jew f'aktar minn tunnellata metrika waħda kull sena, jeħtieġu li jiddokumentaw il-karatteristiċi u l-użijiet tas-sustanzi tagħhom u juru li s-sustanzi jistgħu jintużaw b'mod sigur f'dossier tar-reġistrazzjoni ppreżentat lill-ECHA. Qabel ma tattribwixxi n-numru tar-reġistrazzjoni, l-ECHA tivverifika l-kompletezza tal-informazzjoni u l-ħlas tar-reġistrazzjoni. Ħafna mill-informazzjoni hija mbagħad imqassma lill-pubbliku permezz tal-websajt tal-ECHA.

Minħabba l-proċess ta' reġistrazzjoni, l-ECHA għandha dejtabejż uniku dwar is-sustanzi kimiċi, li jista' jiġi utilizzat b'mod effiċjenti fi proċessi regolatorji ulterjuri, speċjalment fl-identifikazzjoni ta' jekk ċerti sustanzi kimiċi jixirqilhomx miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji applikabbli fl-UE kollha u fl-infurmar lill-pubbliku ġenerali. L-informazzjoni tar-reġistrazzjoni hija wkoll il-punt ta' tluq għall-kumpaniji biex jiżviluppaw l-iskedi ta' dejta ta' sigurtà tagħhom fejn huma jikkomunikaw il-kondizzjonijiet tal-użu sigur aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista u jagħmlu l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi realtà għal egħxieren ta' eluf ta' utenti downstream u l-klijenti tagħhom. Huwa, għaldaqstant, kruċjali li l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tkun ta' kwalità adegwata biex jiġi żgurat li jintlaħħqu l-miri prinċipali ta' REACH. Fil-prattika, dan ifisser li l-informazzjoni tkun konformi mar-regolamenti, tajba għall-iskop u faċilment aċċessibbli għall-partijiet kollha.

L-Aġenzija ser tkompli b'azzjonijiet lejn li ttejjeb il-kwalità tad-dossier, u b'enfasi ġdida, torjenta mill-ġdid dawn l-azzjonijiet lejn sustanzi u dossiers li huma tal-aktar importanza għal skopijiet tal-immaniġġjar tar-riskji. Dan jiżgura l-integrazzjoni tal-miri tal-'kwalità tal-informazzjoni' u 'użu intelliġenti ta' din l-informazzjoni' tal-istrateġija multi-annali tal-ECHA. FL-aħħar, l-ECHA ser tkompli ssib sinerġiji biex il-bijoċidi u xogħol relatat għal PIC ikunu jistgħu jiġu integrati b'mod effiċjenti fl-attivitàjiet eżistenti tagħha tal-preżentazzjoni tad-dossier, tal-kondiviżjoni tad-dejta u tat-tqassim, mingħajr ma jiġu compromessi karatteristiċi speċifiċi ta' kull regolament.

1. Punti prinċipali tas-sena

Reġistrazzjoni u preżentazzjonijiet tad-dossier

Reġistrazzjoni

Il-maġġoranza tar-riżorsi tal-ECHA maħsuba għar-reġistrazzjoni u għall-ipproċessar tad-dossiers ser jiġu kkunsmati fl-immaniġġjar tad-dossiers deħlin, kemm jekk preżentazzjonijiet ġodda kif ukoll jekk aġġornamenti. Dan huwa qasam fejn l-ECHA ser tkompli tfittex titjib minħabba li l-ipproċessar effiċjenti ta' dawn id-dossiers huwa kruċjali biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal kumpaniji u aċċess veloċi għas-suq, kif ukoll it-titjib tad-dejtabejż tal-ECHA dwar sustanzi kimiċi.

Minbarra din l-attività prinċipali, ix-xogħol ta' żvilupp maġġuri fl-2015 huwa mmirat lejn kompiti li jirrelataw għall-preparazzjoni tal-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018 li ser tkun differenti ħafna mit-tnejn preċedenti minħabba l-profil tar-reġistranti (ħafna impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jaġixxu f'SIEFs żgħar jew li jingħaqdu ma SIEFs ikbar eżistenti) u l-volum ta' reġistrazzjonijiet mistenni (aktar mid-doppju tal-figuri tal-2010). Din hija wkoll l-opportunità biex wieħed jiżgura li l-għarfien u l-informazzjoni

ottenuta bl-ewwel żewġ skadenzi tgħin lir-reġistranti ġodda jipprovdi dejta ta' kwalità għolja mal-ewwel preżentazzjoni, għall-benefiċċju tal-industrija u tar-riżorsi tal-ECHA.

FI-2015, l-ECHA ser timplimenta l-ewwel elementi tal—'Pjan direzzjonali għall-iskadenza tal-2018', stabbilit fl-2014 f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati tal-industrija u – Kummissjoni. In linja mal-ordni kronoloġika ta' sfidi li r-reġistranti jiffaċċjaw, l-ewwel azzjonijiet x'aktarx jitrattaw aspetti li jirrelataw għall-formazzjoni u l-ġestjoni SIEF bħall-aħjar prattika u rakkmandazzjonijiet dwar dejta u kondiviżjoni tal-ispejjeż kfi ukoll li tiġi stabbilita l-ugwaljanza tas-sustanzi (ara d-dettall hawn taħt).

L-ECHA ser tkun teħtieġ ukoll tiżgura li l-ħtiġiet identifikati kollha ta' titjib għall-ħolqien tad-dossier u għodod u sostenn li jirrelataw għall-preżentazzjoni jinġabru b'mod effiċċjenti u jiġu diretti lejn ix-xogħol ta' żvilupp rispettiv (ara aktar fl-Attività 6 għal IUCLID u REACH-IT u fl-Attività 5 għas-sostenn). Dan biex tkun żgur li r-reġistranti tal-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni jkunu jistgħu, diġà f-2016, jibbenefikaw minn dan it-titjib immirat lejn li jissodisfa l-ħtiġiet ta' kumpaniji iżgħar u wkoll lejn iż-żieda fil-kwalità tar-reġistrazzjonijiet. Għal dawn tal-aħħar, it-titjib previst jinkludi l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet identifikati fil-proċedura tal-kontroll tal-kompletezza bħal titjib fl-għodda għall-kontroll tal-kompletezza u l-introduzzjoni ta' miżuri potenzjali oħra bbażati fuq ir-reviżjoni tal-2014 biex ir-reġistranti jkunu megħjuna jippreżentaw dossiers li huma kompleti u internament konsistenti kemm jista' jkun. Dan isir flimkien ma' attivitajiet ta' komunikazzjoni biex jinfurmaw lil reġistranti eżistenti u fil-ġejjieni, l-aġġornament ta' manwali rilevanti u l-organizzazzjoni ta' webinars. Tiġi kkunsidrata wkoll il-kooperazzjoni ma' setturi individwali għall-iżvilupp ta' sostenn għall-membri tagħhom. Dan it-tip ta' xogħol diġà beda jsir fl-oqsma ta' żjut essenzjali u lissija. L-għarfien ottenut fir-rigward tal-kwalità tad-dossier jintuża wkoll b'mod għaqli biex jipprovdi pariri prattiċi lil reġistranti tal-2018 dwar kif l-aħjar jibnu dossier li jkun jikkonforma.

L-ECHA ser issaħħaħ ukoll l-iżvilupp tal-iskrining tad-dejta u ta' metodoloġiji tal-analiżi għas-sostenn tal-miri strateġiċi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tad-dejta fid-dossiers u biex din l-informazzjoni tintuża b'mod intelliġenti. FI-2015, l-enfasi huwa fuq li jiġi żgurat li l-metodi żviluppanti fis-snin preċedenti qegħdin jintużaw sal-kapaċità massima tagħhom biex jagħżlu sustanzi li jeħtieġu aktar investigazzjoni jew azzjoni regolatorja min-naħa waħda, u biex jiġu stimolati aġġornamenti mir-reġistranti min-naħa l-oħra. Skont l-istrateġija stabbilita fl-2014, l-attivitajiet ta' skrining ikunu komuni għall-proċessi kollha REACH u CLP, biex l-istrument regolatorju l-iktar addattat ikun jista' jiġi propost fuq il-bażi ta' riżultati mill-iskrining u jkunu diretti lejn daww is-sustanzi fejn jista' jintlaħaq l-akbar impatt fejn jidhru l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi.

Bħal fi snin preċedenti, miżuri kemm regolatorji kif ukoll mhux regolatorji ser jintużaw bl-iskop li titjeb il-kwalità tad-dossier. Il-miżuri mhux regolatorji jinkludu kampanji mmirati li jindirizzaw nuqqasijiet frekwenti fid-dossiers, għodod u komunikazzjoni ġenerali aħjar għar-reġistranti. Pereżempju, fl-azzjonijiet tagħha dwar sustanzi rreġistrati bħala sustanzi intermedji biss, l-ECHA ser tkompli l-verifika tal-użijiet u titlob aktar informazzjoni meta xieraq iżda tagħti prijorità (potenzjali) lil SVHCs. Dan ikun ta' sostenn ukoll għall-implimentazzjoni tajba tal-'Pjan Direzzjonali SVHC lejn l-2020' u l-proċess ta' awtorizzazzjoni (ara l-Attività 3). Barra minn hekk, qegħdin jiġu kkunsidrati miżuri aktar ġodda, bħall-promozzjoni ta' eżempji pożittivi ta' kumpaniji li jtejjbu b'mod proattiv id-dossiers tagħhom. Riżorsi ta' attivitajiet ta' skrining jintużaw ukoll biex jiġu rintraċċati reġistranti li jkunu jidhru li qegħdin jużaw ħażin l-informazzjoni miġbura flimkien minn kumpaniji oħra mingħajr kumpens xieraq.

Tipi oħra ta' preżentazzjonijiet ta' dossiers, li jinkludu dossiers tal-bijoċidi u notifikazzjonijiet PIC

Bl-iskop li tkun stimolata l-innovazzjoni Ewropea, il-kumpaniji jistgħu jitolbu eżenzjoni temporanja mill-obbligi tar-reġistrazzjoni għal sustanzi wżati f'riċerka u żvilupp orjentati

lejn prodotti u proċessi ('notifikazzjonijiet PPORD'). FI-2015, l-ECHA għandha stabbilita sistema effettiva biex tivvaluta n-notifikazzjonijiet PPORD inklużi talbiet għall-ipprolongar, jiġifieri jiġi vverifikat li l-proċess ma jkunx abbużat iżda jintuża realment għal riċerka u żvilupp u biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet fejn ikun ta' importanza għal użu sigur, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Fir-rigward ta' dossiers dwar il-bijoċidi, l-2015 ser tara aktar simplifikazzjoni tal-proċessi ta' preżentazzjoni kif ukoll timplimenta l-awtomazzjoni fir-Reġistru għal Prodotti Bijoċidali (R4BP), li jkunu ġew żviluppati matul l-2014 għall-maġġoranza ta' dawn il-proċessi. Dan huwa mistenni jnaqqas l-intervent manwali, biex b'hekk tiżdied l-effiċjenza ġenerali (Ara aktar fl-Attività 16).

Fl-aħħar, il-volum ta' notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni taħt PIC x'aktarx ikun fl-istess ordni ta' manjitudni bħal fl-2014, bil-preżentazzjonijiet li jilfqu punt massimu lejn l-aħħar tas-sena (Ara aktar fl-Attività 17).

Programm ta' Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (CSA)

Il-komunikazzjoni ta' pariri adegwati dwar l-immaniġġjar tar-riskji permezz ta' xenarji tal-espożizzjoni bħala parti mir-rapport dwar is-sigurtà kimika (CSR) u kkomunikati permezz tal-katina tal-provvista fi skedi ta' dejta ta' sigurtà (SDSs) hija vitali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-kunċett tal-użu sigur taħt REACH. Il-ħtieġa li skedi estiżi ta' dejta ta' sigurtà jiġu promossi bħala għodda ċentrali tal-immaniġġjar tar-riskju, kif ukoll li jiġu indirizzati problemi fir-rigward tal-kontenut u l-format tagħhom li jkunu qegħdin jostakolaw l-operazzjoni tagħhom kien spjegat fir-reviżjoni REACH imwettqa mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, is-sostenn tal-ECHA lil reġistranti u lil utenti downstream f'dan il-qasam huwa parti mill-miri strateġiċi tagħha u, fi ħdan l-Aġenzija, l-attivitajiet huma miġbura taħt il-programm tal-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (CSA). Kollaborazzjoni mal-partijiet interessati tal-ECHA issir permezz tan-Netzwerk ta' Skambju dwar Xenarji tal-Espożizzjoni (ENES) li jopera permezz ta' gruppi ta' ħidma u jiltaqa' f'laqgħat plenarji biex jikkondividu riżultati u jidentifikaw kwistjonijiet emerġenti darbtejn fis-sena.

Il-programm CSA tal-ECHA ser ikompli jiggwida l-kontribuzzjoni tal-Aġenzija lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tar-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika (CSR) / Xenarju tal-Espożizzjoni (ES), tul il-linji stabbiliti fil-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Pjan Direzzjonali. FI-2015, ir-riżultati jinkludu pubblikazzjoni ta' eżempji illustrattivi dwar id-deskrizzjoni tal-użu, kif ukoll ta' gwida relatata, il-pubblikazzjoni ta' preżentazzjoni armonizzata għal xenarju tal-espożizzjoni għal komunikazzjoni fil-katina tal-provvista, u rilaxx tal-librerija ta' frażegġ riveduta għall-preparazzjoni ta' xenarji tal-espożizzjoni. Fl-aħħar, l-2015 ser timmarka l-kommemorazzjoni tat-tieni sena tal-Pjan Direzzjonali CSR/ES, u reviżjoni tal-progress kif ukoll ir-reviżjoni potenzjali tad-dokument huma previsti.

L-attivitajiet l-oħra taħt il-programm CSA jinkludu eżemplifikazzjoni ulterjuri u żvilupp tal-metodoloġija b'sostenn tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika ta' sustanzi kumplessi, bħal sustanzi ta' kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli, prodotti ta' reazzjoni kumplessa jew materjali bijoloġiċi (UVCBs). Dan iwassal biex reġistranti jingħataw pariri ulterjuri kif ukoll biex jiġu kkompletati l-ispeċifikazzjonijiet li jintużaw għall-iżvilupp tal-għodda tar-Rappurtaġġ u tal-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (Chesar 3, ara Attività 6).

Barra minn hekk, l-ECHA ser tkompli wkoll tgħin lil utenti downstream jifmhu u jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt REACH. L-attivitajiet ser jiffukaw fuq miżuri għall-promozzjoni ta' informazzjoni fil-katina tal-provvista li hija realistika, iġġenerata b'mod effiċjenti, u faċli biex tinftiehem.

Element wieħed huwa li jitjeb il-mod li bih utenti downstream jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar użijiet lil regjistranti, billi jiżviluppaw il-mapep li jintużaw fil-preżent. Ieħor huwa li formulaturi jiġu sostnuti biex jiżviluppaw metodoloġiji biex jinkorporaw informazzjoni dwar ix-xenarju tal-espożizzjoni fil-ġenerazzjoni ta' informazzjoni dwar l-użu sigur għal taħlitiet, u biex jiġi promoss l-eżitu ta' dawn l-iżviluppi fil-websajt tal-ECHA. Proġetti li jirrelataw għall-armonizzazzjoni ta' xenarji tal-espożizzjoni huma kontinwi u huwa propost li jingħata sostenn addizzjonali li jirrelata għall-ġenerazzjoni ta' skedi ta' dejta ta' sigurtà. Tutorjali bil-vidjow addattati għall-utent dwar kwistjonijiet prinċipali għall-utent downstream ser jiġu żviluppati, immirati lejn SMEs u lejn kumpaniji b'għarfien limitat dwar REACH.

Utenti downstream għandhom ukoll obbligi ta' konformità li jirrelataw għal sustanzi kimiċi minn leġiżlazzjoni oħra. L-ECHA, flimkien ma' partijiet interessati, għandha l-ħsieb li teżemplifika kif informazzjoni u attivitajiet assoċjati għal leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi fl-UE kif ukoll obbligi nazzjonali jistgħu jiġu kkoordinati bl-iktar mod effettiv.

L-identifikazzjoni tas-sustanzi u l-kondiviżjoni tad-dejta

Attivitajiet dwar l-identità tas-sustanza huma parti mill-proċessi kollha REACH, CLO u tal-bijoċidi. Fl-2015, it-tagħbija tax-xogħol hi mistennija tibqa' għall-inqas fl-istess livell bħal fi snin preċedenti, jiġifieri aktar minn 2 500 valutazzjoni dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi, li jirrelataw l-aktar għal proċessi ta' domanda u valutazzjoni. L-enfasi speċifiċi tal-2015 x'aktarx tkun fuq dossiers ippreżentati fl-2013 li jeħtieġu attivitajiet ta' valutazzjoni, speċjalment għal sustanzi ta' tħassib potenzjali. Barra minn hekk, l-ipproċessar regolari ta' domandi taħt REACH u Bijoċidi, li jistabbilixxu kuntatt bejn il-kumpaniji u jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tad-dejta, hu mistenni jibqa' f'livell għoli, u ser jorbot parti maġġuri tar-riżorsi li jirrelataw għall-identifikazzjoni tas-sustanzi.

Fuq in-naħa tal-kwalità tad-dossier, fl-2015 l-ECHA timmira li tikkonkludi x-xogħol fuq metodoloġija li tistabbilixxi sustanzi ugwali. L-enfasi hija fuq sustanzi kumplessi (UVCBs u xi sustanzi multikostitwenti kumplessi, li jirrappreżentaw aktar minn 30% tas-sustanzi fis-suq) li għalihom ir-regjistranti qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet biex jipprovdu informazzjoni adegwata għall-identifikazzjoni mingħajr ambigwiżità għas-sustanza tagħhom, u biex jiġġustifikaw ċerti dispożizzjonijiet tad-dejta fid-dossiers tagħhom, eż. dawk ibbażati fuq read-across. Il-kuntratt tal-Kummissjoni dwar il-karatterizzazzjoni ta' sustanzi UVCB ser jiġi segwit ukoll mill-qrib biex jimplementa r-riżultati tiegħu fil-proċessi u fil-materjal ta' sostenn tal-ECHA. L-intenzjoni tal-ECHA permezz ta' dan ix-xogħol hi li tipprepara gwida għal regjistranti biex tgħin ix-xogħol tagħhom fis-SIEFs, u li tidentifika elementi li jistgħu jiġu introdotti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni mill-Kummissjoni, jekk xieraq.

L-ECHA ser tkompli wkoll tivverifika l-informazzjoni dwar l-identità tas-sustanza ta' dossiers tar-reġistrazzjoni, fuq il-bażi ta' skринing tal-IT ikkumplementat b'kontrolli manwali meta meħtieġ, u ser issegwi l-ewwel lott ta' verifiki mwettqa fl-2014. Dan biex taċċerta li r-regjistranti jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati jew jieħdu aktar azzjoni jekk dan ma jkunx il-każ.

Fl-aħħar, fil-qasam tal-kondiviżjoni tad-dejta, l-attivitajiet huma mistennija jiżdiedu fl-2015, speċjalment għal bijoċidi fejn l-ECHA ser tipproċessa t-talbiet għal ekwivalenza teknika u dawk għal kondiviżjoni tad-dejta u tipprovdi s-servizz ta' similarità kimika fuq talba. Fl-2015, volum għoli ta' talbiet hu mistenni fir-rigward tal-iskadenza tal-1 ta' Settembru 2015 għal fornituri li mhumiex parti mill-programm ta' reviżjoni (ara aktar fl-Attività 16). Taħt REACH, it-tagħbija tax-xogħol fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-dejta hi mistennija tiżdied, wara x-xejra diġà osservata fl-2014. Dan huwa dovut għall-għadd dejjem jiżdied ta' disputazzjonijiet ippreżentati lill-ECHA, hekk kif aktar SMEs jiġu

involuti f'negozjati ta' kondiviżjoni tad-dejta u jistrieħu dejjem aktar fuq is-sostenn tal-ECHA.

It-tqassim – aċċess elettroniku tal-informazzjoni lill-pubbliku

Il-portal ta' tqassim tal-ECHA iservi bħala vetrina kemm għas-soċjetà ċivili kif ukoll għal kumpaniji, fejn l-isforzi tal-kumpaniji f'li jgħbr u informazzjoni biex javvanzaw l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi huma soġġetti għal skrutinju. Fl-istess ħin, għaċ-ċittadini Ewropej il-websajt ta' tqassim huwa l-post biex jiksbu informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi li jistgħu ikunu esposti għalihom. Fl-2015, l-ECHA tippjana li tintroduċi l-paġni web ġodda ta' tqassim ibbażasti fuq l-situdju tal-2013 tal-partijiet interessati u workshops u konsultazzjonijiet sussegwenti. Il-paġni l-ġodda ser jikkontjeni profili qosra (sommarji) ta' sustanzi biex jippermettu li l-karatteristiċi u l-użijiet primarji tagħhom jinftieħu mad-daqqa ta' għajn.

Barra minn hekk, il-paġni l-ġodda ser joffru ħarsa iktar integrata lejn l-informazzjoni regolatorja għal kull sustanza kif ukoll aċċess aħjar għal dejta primarka tar-reġistrazzjoni billi l-informazzjoni tkun tista' titniżżel b'mod iktar faċli. L-ECHA ser tkompli tippublika d-deċiżjonijiet ta' valutazzjoni, iżda dawn ser ikunu magħmula aktar viżibbli fil-paġni tas-sustanzi kif deskritt fuq. Hija l-intenzjoni tal-ECHA li tuża dejjem aktar dan il-websajt fl-istrateġija tagħha biex tissimula aġġornamenti tad-dossier biex ittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni.

Attivitajiet oħra tal-2015 li jirrelataw għat-tqassim jinkludu l-konklużjoni tat-talbiet għal kunfidenzjalità li fadal, riċevuti f'Mejju 2013, u l-ewwel livell ta' stima tat-talbiet riċevuti fid-dossiers tar-reġistrazzjoni tal-2014 biex l-informazzjoni li hija meqjusa bħala mhux kunfidenzjali tkun magħmula pubblikament disponibbli malajr kemm jista' jkun. Dawn il-valutazzjonijiet ser jiġu kkompletati, u dan iwassal jew biex jiġu aċċettati, jew miċħuda jew għal talbiet għal aktar ġustifikazzjoni.

Fl-aħħar, il-proċess ta' publikazzjoni għal informazzjoni ppreżentata dwar sustanzi attivi u prodotti bijoċidali kif ukoll dwar notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni taħt PIC ser jiġi integrat aktar fi ħdan il-proċessi eżistenti REACH u s-sistemi tal-IT biex tkun żgurata konsistenza fl-approċċ u kollox isir b'effiċjenza.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha REACH, CLP, tal-bijoċidi u PIC, domandi u disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta jgħaddu mill-kontrolli meħtieġa u jittieħdu d-deċiżjonijiet rispettivi, u jiġu vvalutati l-kljems għal kunfidenzjalità, skont il-proċeduri standard, biex b'hekk tkun żgurata identifikazzjoni f'waqtha tad-dossiers problematiċi biex jiġu stimolati l-aġġornamenti tagħhom u jkollhom impatt fuq il-kwalità tad-dejta, u fi ħdan l-iskadenzi legali jew il-miri interni stabbiliti.
2. Deċiżjonijiet huma ġustifikati tajjeb u ta' kwalità teknika u xjentifika għolja.
3. Il-partijiet interessati u l-pubbliku għandhom aċċess faċli għal informazzjoni mid-dossiers kollha ta' sustanzi rreġistrati u notifikazzjonijiet dwar Klassifikazzjoni u Ttikatter (C&L), kif ukoll minn dossiers dwar il-bijoċidi fi żmien raġjonevoli wara r-reġistrazzjoni/l-preżentazzjoni ta' notifikazzjonijiet.

4. L-industrija tingħata sostenn xjentifiku u tekniku ta' kwalità għolja biex tippermetti l-iżvilupp b'suċċess tar-rapporti dwar is-sigurtà kimika (CSRs) u pariri adegwati dwar l-immaniġġjar tar-riskji permezz tal-katina tal-provvista fix-xenarji tal-espożizzjoni.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezz u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' reġistrazzjonijiet u notifikazzjonijiet PPORD ipproċessati fil-qafas taż-żmien legali.	100%	Żmien irreġistrat f'REACH-IT. Rappurtaġġ kull xahar.
Perċentaġġ ta' domandi konklużi fil-qafas ta' żmien intern (20 jum utli).	80%	Żmien irreġistrat f'REACH-IT. Rappurtaġġ kull xahar.
Perċentaġġ ta' disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta konkluż fil-qafas ta' żmien legali/intern.	100%	Żmien ta' stima rreġistrat. Monitoraġġ kull xahar.
Firxa tal-pubblikazzjoni ta' dossiers tar-reġistrazzjoni ppreżentati b'suċċess sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-31 ta' Mejju 2013.	100%	Rata ta' publikazzjoni rreġistrata. Monitoraġġ kull xahar .
Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati bil-preżentazzjoni tad-dossier u bl-attivitajiet ta' tqassim tal-ECHA, kif ukoll bl-attivitajiet tal-ECHA dwar it-titjib tal-kwalità ta' CSRs u x-xenarji tal-espożizzjoni għal komunikazzjoni.	Għolja	Inkjesta kull sena.

3. Riżultati prinċipali

Reġistrazzjoni u preżentazzjonijiet tad-dossiers

- Bejn wiehded u ieħor 5 700 dossier tar-reġistrazzjoni (l-aktar aġġornamenti) u 400 notifikazzjoni ta' Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD) (inklużi talbiet għal estensjoni) jgħaddu mill-kontroll tal-kompletezza u huma attribwiti numru tar-reġistrazzjoni jew notifikazzjoni PPORD, meta rilevanti.
- Sa 50 deċiżjoni dwar PPORDs.
- Sa 3 000 applikazzjoni dwar il-bijoċidi (applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni nazzjonali, applikazzjonijiet għal sustanzi attivi ġodda, tiġdid jew reviżjoni, awtorizzazzjonijiet ta' prodotti, tal-Unjoni) huma pproċessati u l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni nazzjonali huma mibgħuta lill-Istati Membri.

Pjan Direzzjonali tar-reġistrazzjoni 2018 u l-kwalità tad-dossiers

- Strateġija u metodi biex isostnu lil reġistranti tal-2018 fir-rigward ta' REACH l-

Anness III

- L-iżvilupp tal-għodda għall-kontroll tal-kompletezza u l-implimentazzjoni tal-proċess rivedut, jekk meħtieġ, għal rilaxx lil reġistranti fl-2016.
- Pakketti ta' sostenn magħmula disponibbli lil reġistranti biex jistimulaw aġġornamenti spontanji.

Programm CSA

- Huma ppubblikati eżempji illustrattivi dwar id-deskrizzjoni tal-użu.
- Ftehim dwar u l-pubblikazzjoni ta' preżentazzjoni armonizzata għal xenarji tal-espożizzjoni għal komunikazzjoni fil-katina tal-provvista.
- Issir reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali CSR/ES.

Identifikazzjoni tas-sustanzi u kondivizzjoni tad-dejta

- Bejn wieħed u ieħor ser jiġu pprovdu 1 050 numru ġdid ta' domandi.
- Bejn wieħed u ieħor 5 sa 10 deċiżjonijiet dwar disputazzjonijiet ta' kondivizzjoni tad-dejta taħt REACH u għadd ekwivalenti taħt il-leġiżlazzjonijiet dwar il-bijoċidi.
- Stabbilita metodoloġija għal sustanzi ugwali

Tqassim

- Informazzjoni ppubblikata fuq il-paġni ta' Tqassim hija marbuta mal-Portal Globali tal-OECD għal informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi (eChemPortal).
- Introduzzjoni tal-paġni ġodda ta' Tqassim li jintegraw l-informazzjoni ppreżentata lill-ECHA bħala parti mil-leġiżlazzjonijiet REACH, CLP u dwar il-bijoċidi u li tirriżulta minn proċessi regolatorji differenti.
- Il-pubblikazzjoni ta' statistiċi u rapporti li jirriżultaw mir-Regolament PIC.
- Sa 250 talba għal kunfidenzjalità taħt REACH mill-2014 jgħaddu mill-ewwel stima.

1.2. Valutazzjoni (Attività 2)

Il-valutazzjoni tad-dossier tinkludi kemm l-eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar kif ukoll kontrolli ta' konformità. L-iskop tal-kontroll ta' konformità hu li jeżamina jekk id-dossiers tar-reġistrazzjoni humiex konformi mar-rekwiżiti tal-informazzjoni tar-Regolament REACH, filwaqt li l-eżaminazzjoni tal-proposti ta' ttestjar timmira li tiżgura li l-ġenerazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanza partikolari tkun maħsuba għal ħtiġiet ta' informazzjoni reali u li jiġi evitat l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-animalli.

Il-valutazzjoni tas-sustanzi għandha l-iskop li tivverifika jekk sustanza tikkostitwix tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Il-valutazzjoni tas-sustanzi titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u tinvolvi valutazzjoni tal-informazzjoni kollha disponibbli. Tista' twassal ukoll għal talbiet għal aktar informazzjoni minn reġistranti, jekk xieraq. Il-punt ta' tluq għall-valutazzjoni tas-sustanzi huwa l-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) għal sustanzi soġġetti għall-valutazzjoni tas-sustanzi.

1. Punti prinċipali tas-sena

Il-valutazzjoni tad-dossier

Bħala parti importanti mill-attivitajiet taħt il-mira strateġika 1, l-ECHA tkompli timplimenta b'mod komplet l-istrateġija multiannali ta' kontroll tal-konformità ikkonsolidata fl-2014¹. Min-naħa l-oħra, l-2015 hija sena primarji biex joħorġu deċiżjonijiet ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar mir-reġistrazzjonijiet tal-2013 u l-ipproċessar tagħhom permezz ta' proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet. Għaldaqstant, il-kapaċità biex jinfetħu kontrolli ġodda ta' konformità tibqa' limitata. Il-valutazzjoni ta' segwitu qiegħda tilħaq il-quċċata tat-tagħbija tax-xogħol tagħha hekk kif dossiers aġġornati ser ikunu riċevuti minn deċiżjonijiet preċedenti ta' proposti ta' ttestjar kif ukoll kontrolli ta' konformità. Minħabba l-volum għoli u l-kumplessità tal-proċess ta' valutazzjoni tad-dossier, jitqies essenzjali li l-isforzi għat-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tal-proċess jitkoplew fl-2015.

L-enfasi tal-ECHA fuq il-kontroll tal-konformità hija fuq ir-reġistrazzjonijiet standard kollha riċevuti mill-2010 u mill-2013 fl-ogħla żewġ limiti ta' tunnellaġġ. Dossiers tar-reġistrazzjoni riċevuti jgħaddu mill-iskrining komuni għall-proċessi kollha REACH u CLP u l-prijoritajiet għall-kontroll tal-konformità huma stabbiliti kif meħtieġ. Dawn il-prijoritajiet jimmiraw biex jiżguraw interfaċċja effiċjenti ma' u jservu l-ħtiġiet tal-valutazzjoni tas-sustanzi kif ukoll miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji regolatorji in ġenerali u implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC b'mod partikolari. Barramin hekk, il-kontroll tal-konformità huwa integrat b'mod iktar sod ma' miżuri oħra li jtejjbu l-kwalità tad-dossier u wżati għal każijiet fejn huwa l-aktar miżuri effettiva biex id-dossier jasal li jikkonforma.

Is-sustanzi tal-ogħla prijorità huma indirizzati taħt il-kontroll tal-konformità b'enfasi fuq l-ogħla livell, il-punti finali tas-saħħa tal-bniedem (jiġifieri il-ġenotossicità, tossiċità b'dożaġġ ripetut, tossiċità tal-iżvilupp qabel it-twelid, tossiċità tar-riproduzzjoni u karċinoġeniċità) u tal-ambjent (jiġifieri tossiċità akkwatika għal żmien twil, biodegradazzjoni u bjoakkumulazzjoni) tad-dossiers prinċipali u individwali. Barra minn

¹ Ara d-dokument "Sustanzi kimiċi iktar siguri – li jiffukaw fuq dak li huwa l-iktar importanti" 26.9.2014.

dan, l-identità tas-sustanza, sal-punt rilevanti, hija dejjem ivvalutata hekk kif dossier jinfetaħ għal kontroll tal-konformità. L-ambitu tal-kontroll ser jitqabbel mat-tħassib identifikat, ibbażat fuq l-IT, skringing manwali u ġudizzju espert. Proporzjon żgħir ta' kontrolli ta' konformità ser ikompli jkunu bbażati fuq għażla saltwarja biex ikun aċċertat li ebda reġistrant ma jista' jkun ċert li d-dossier tiegħu mhuwiex ser jiġi eżaminat.

Barra minn hekk, l-ECHA ser tkompli tindirizza l-konformità ta' dossiers li jkopru forom differenti, inklużi nano-forom, ta' sustanza. L-Aġenzija ser timplimenta l-approċċ żviluppat fl-2014 biex tindirizza l-kwistjonijiet tas-sigurtà tas-sustanzi kimiċi li jirrelataw għar-rapport u tikkonsolida l-approċċ biex jiġu indirizzati dossiers li jistrieħu fuq approċċi inadegwati ta' read-across jew tal-kategorija.

Fir-rigward tal-eżaminazzjoni tal-proposti ta' ttestjar, l-ECHA ser tkompli tikkonkludi dwar il-proposti b'mod sistematiku. L-iskop hu li wieħed jikkonkludi (joħroġ deċiżjonijiet ta' abbozz) għal mhux anqas minn 75% tal-proposti validi kollha ta' ttestjar ippreżentati sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-1 ta' Ġunju 2013.

Fl-2015, parti importanti tar-riżorsi ser ikompli jiġu allokati għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar id-deċiżjonijiet ta' abbozz maħruġa fl-2013 u fl-2014. In-numru għoli ta' każijiet iqiegħed pressjoni għolja fuq l-MSAs u wkoll fuq il-Kumitat tal-Istati Membri, jekk proporzjon għoli tad-deċiżjonijiet ta' abbozz jistiga proposti għal emendi mill-MSAs. L-ECHA ser tkompli timmira li tottimizza l-involvement tal-MSAs u tal-Kumitat u għal dan l-iskop, jiġifieri torganizza webinars u sessjonijiet oħra ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi biex tiffaċilita teħid tad-deċiżjonijiet sussegwenti f'każijiet individwali.

L-ECHA ser tkompli żżid riżorsi allokati għall-kontroll ta' segwitu tal-informazzjoni pprovduta bi tweġiba għad-deċiżjonijiet tal-valutazzjoni tad-dossier tal-ECHA u biex tindika l-każ għal segwitu regolatorju meta meħtieġ u biex tiżgura provviżjoni ta' bażi solida għall-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar biex jieħdu azzjoni fuq dossiers li ma jikkonformawx. L-ECHA ser tirrevedi, u jekk neċessarju, tirrevedi l-prattika tagħha li titlob verifiki tal-istudju mill-GLP (Prattika Laboratorja Tajba) ta' monitoraġġ tal-awtoritajiet biex jippromwovu konformità mal-GLP.

L-ECHA ser tkompli wkoll tikkontribwixxi għal titjib ġenerali fil-kwalità tad-dossiers permezz ta' feedback effettiv lil setturi tal-industrija (meta rilevanti, speċifiċi) billi tuża esperjenza ġenerata minn deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tad-dossier; b'mod partikolari, l-ECHA ser tieħu u tikkomunika messaġġi primarji rilevanti għal reġistranti ta' tunnellaġġi iktar baxxi u SMEs b'mod ġenerali. Tikkonsolida wkoll rappurtaġġ dwar l-eżitu tal-proċess ta' valutazzjoni tad-dossier bl-iskop li tipprovidi iktar trasparenza u stampa aktar komprensiva tal-konformità tad-dossiers u disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli li tirrelata għal punti finali ta' livell oġġla rilevanti għall-użu sigur u l-identifikazzjoni ta' SVHC b'mod partikolari.

II-valutazzjoni tas-sustanzi

In vista tal-miri strateġiċi 1 u 2, l-ECHA ser tirrevedi l-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi mill-perjodu 2012-2014, b'mod partikolari r-rwol kumplementari mal-valutazzjoni tad-dossier u r-rwol funzjonali għall-immaniġġar regolatorju tar-riskji. Din ir-reviżjoni ser talimenta r-rapport tal-ECHA dwar l-implimentazzjoni dovuta fl-2016 u teħtieġ il-kontribuzzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSAs).

L-ECHA tkompli tiżgura li l-proċess jikkontribwixxi b'mod komplet għat-titjib tal-kwalità tad-dossier u talimenta b'mod effiċjenti l-proċessi tal-immaniġġar tar-riskji. Għaldaqstant, l-enfasi għandu jkun fuq l-għażla ta' sustanzi kandidati ulterjuri għall-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) li jeħtieġu kjarifika tar-riskji rilevanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent biex wieħed jiddeċiedi dwar segwitu regolatorju, u

fil-parti l-kbira tal-każijiet, iwassal għal talbiet għal aktar informazzjoni li ma tistax tkun mitluba taħt il-valutazzjoni tad-dossier minħabba li l-kwistjonijiet jeħtieġu valutazzjoni f'livell tal-UE u tas-sustanzi. Il-prerekwiżiti għal dan huma implimentazzjoni b'suċċess ta' skringing komuni tul diversi proċessi li jservi kemm proċessi tal-valutazzjoni tas-sustanzi kif ukoll ta' mmaniġġjar regolatorju tar-riskji, u interazzjoni dinamika effetta mal-valutazzjoni tad-dossier, bl-involvement sħiħ tal-MSAs. L-ottimizzazzjoni tal-iżvilupp ta' aġġornamenti CoRAP jikkunsidra wkoll similaritajiet tas-sustanzi, rilevanza regolatorja u l-użu effiċjenti tal-kapaċità tal-valutazzjoni MSCA, filwaqt li tinżamm il-mira li għandha tiġi vvalutata ta' madwar 50 sustanza kull sena.

FI-2015, il-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi ser ikompli bl-ipproċessar tal-lott tal-2014 ta' deċiżjonijiet ta' abbozz u l-immaniġġjar ta' numru dejjem jidied ta' rapporti, deċiżjonijiet ta' abbozz u finali u segwiti ġenerati taħt il-valutazzjoni tas-sustanzi. L-ECHA ser tkompli tippubblika wkoll verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi u dokumenti ta' eżitu oħra rilevanti.

L-ECHA ser tkompli tappoġġa u tinteraġixxi ma' MSAs li qegħdin jaħdmu fuq il-valutazzjoni tas-sustanzi billi torganizza workshop u laqgħat tekniċi, toħroġ gwidi prattiċi, u billi twettaq skringing ta' konsistenza fuq deċiżjonijiet ta' abbozz. Prattiki amministrattivi effiċjenti huma prerekwiżit biex iżommu u jkunu ta' sostenn għall-proċess ta' valutazzjoni ta' sustanzi.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Deċiżjonijiet ta' abbozz u finali xjentifikament u legalment tajbin, dwar il-valutazzjoni tad-dossier, huma ppreparati, f'konformità mar-rekwiżiti legali u skont l-istrateġija għall-kontroll tal-konformità u l-ippjanar multiannali mmexxi mill-approċċ strateġiku tal-ECHA.
2. Il-konformità mad-deċiżjonijiet tad-dossiers tal-valutazzjoni hija segwita mingħajr dewmien wara li tkun għaddiet l-iskadenza mogħtija fid-deċiżjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu infurmati bl-eżitu u bil-każijiet li jeħtieġu l-azzjoni tagħhom.
3. L-aġġornament tal-CoRAP huwa stabbilit f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, b'interkonnessjonijiet effettivi ma' proċessi tal-immaniġġjar tar-riskji oħra ta' valutazzjoni u regolatorji u skont l-iskadenza legali.
4. Il-valutazzjonijiet kollha tas-sustanzi huma ppreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali skont l-approċċi u l-proċeduri standard maqbuli u fi żmien l-iskadenzi legali.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fi-2015	Mezz u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' valutazzjonijiet tad-dossier trattat fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull xahar
Perċentaġġ ta' eżaminazzjonijiet ta' proposti ta' ttestjar konklużi għal dossiers riċevuti sal-iskadenza tal-2013	75 %	Rapport intern kull xahar

biex jintlaħaq ir-rekwiżit legali li jiġu ppreparati deċiżjonijiet ta' abbozz sal-iskadenza tal-1 ta' Ġunju 2016.		
Perċentaġġ tal-valutazzjonijiet ta' segwitu, dovuti fis-sena partikolari, mwettqa fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza stabbilita fid-deċiżjoni finali tal-valutazzjoni tad-dossier.	75%	Rapport intern kull kwart
Perċentaġġ tal-valutazzjonijiet ta' sustanzi trattati fi ħdan il-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull xahar
Livell ta' sodisfazzjoni tal-MSAs bis-sostenn tal-ECHA għall-valutazzjoni tas-sustanza.	Għolja	Inkjesta kull sena

3. Riżultati prinċipali

Valutazzjoni tad-dossier

- Konklużi 200 kontroll ta' konformità (li minnhom għall-inqas 50 % huma pplanati biex jindirizzaw il-punti finali tal-ogħla livell tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent), li jwasslu għal madwar 150 deċiżjoni ta' abbozz ġdida
- Tal-inqas 220 eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar konklużi b'deċiżjoni ta' abbozz
- Aktar minn 300 deċiżjoni finali ta' dossiers ta' valutazzjoni, li joriġinaw minn deċiżjonijiet ta' abbozz ippreparati fl-2012-2015
- 400 eżaminazzjoni ta' segwitu għall-valutazzjoni tad-dossiers
- Rapport ta' valutazzjoni annwali tal-ECHA² u komunikazzjonijiet relatati. Messaġġi primarji rilevanti għal reġistranti ta' tunnellaġġi iktar baxxi u SMEs b'mod ġenerali
- Workshop jew laqgħa teknika waħda dwar il-valutazzjoni tad-dossiers
- Rapport ta' valutazzjoni annwali (Artikolu 54)
- Ippubblikati verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tad-dossiers

Valutazzjoni tas-sustanzi

- It-tielet aġġornament tal-CoRAP addottat sal-aħħar ta' Marzu 2015 b'mhux anqas minn 50 sustanza skedati għal valutazzjoni fl-2015.
- Ir-raba' aġġornament ta' abbozz ippreżentat lill-Kumitat tal-Istati Membri għal

² REACH Art. 54.

opinjoni sa tmiem Ottubru 2015

- Madwar 40 deċiżjoni ta' abbozz dwar il-valutazzjoni ta' sustanzi li joriġinaw mill-valutazzjonijiet tal-2014 li jitolbu għal aktar informazzjoni
- Addottati mhux inqas minn 40 deċiżjoni finali, li jitolbu aktar informazzjoni jew konklużjonijiet taħt il-valutazzjoni ta' sustanzi; Ippubblikati verżjonijiet mhux kunfidenzjali tad-deċiżjonijiet kollha dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi.
- Ippubblikati dokumenti ta' konklużjoni għall-valutazzjonijiet kollha tas-sustanzi li kienu kkompletati
- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali lil awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-kompiti tagħhom fir-rigward tal-valutazzjoni
- Workshop wieħed dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi
- Rapport dwar ir-reviżjoni tal-proċess dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi 2012-2014

1.3. L-Immaniġġar tar-Riskji (Attività 3)

Il-kompiti tal-ECHA li jirrelataw għall-immaniġġar tar-riskji jinkludu l-aġġornament tal-Lista tal-Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs), il-preparazzjoni regolari ta' rakkmandazzjoni lill-Kummissjoni dwar sustanzi mil-Lista tal-Kandidati li għandhom jiġu inklużi fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni – il-lista ta' sustanzi soġġetti għal awtorizzazzjoni (l-Anness XIV ma' REACH) – u t-trattament tal-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni. Sustanzi li jimponu riskji inaċċettabbli f'livell tal-UE jistgħu jiġu pprojbti għal kolloxx jew ristretti għal użijiet partikolari (Titolu VIII ta' REACH). L-ECHA tista' tiġi mitluba mill-Kummissjoni biex tipprepara proposti għal restrizzjonijiet jew tirrevedi daww eżistenti. L-Istati Membri jippreżentaw ukoll proposti għal restrizzjonijiet, li huma verifikati għal konformità u mressqa lill-Kummitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u lill-Kummitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) għal teħid ta' opinjoni.

Il-mira strateġika 2 tal-ECHA titlob l-użu intelliġenti ta' dejta REACH u CLP biex ikun żgurat li l-awtoritajiet ikunu jistgħu f'ħin waqtu u b'effiċjenza jindirizzaw l-ogħla tħassib. Għal dan l-iskop, l-ECHA timplimenta approċċi komuni ta' skrining għall-proċessi kollha REACH u CLP biex tidentifika s-sustanzi u l-użijiet li huma l-iżjed importanti. Il-qafas tal-possibiltà tal-analiżi tal-immaniġġar tar-riskji (RMOA) jappoġġa l-għażla tal-istrument(i) l-iktar xierqa tal-immaniġġar regolatorju tar-riskji biex ikun indirizzat it-tħassib identifikat. L-approċċi komuni ta' skrining u l-RMOA flimkien jimmiraw li jiżguraw użu effiċjenti u integrat tal-proċessi REACH u CLP biex jiġu kkjarifikati, permezz tal-ġenerazzjoni ulterjuri ta' dejta fejn meħtieġ, u indirizzat it-tħassib identifikat.

1. Punti prinċipali tas-sena

L-identifikazzjoni ta' ħtiġiet għall-Immaniġġar regolatorju tar-Riskji

L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali sal-2020, li huwa element prinċipali tal-mira strateġika 2 tal-ECHA, għaddejja bl-akbar veloċità. Hekk kif jindika l-isem sħiħ ("Il-pjan direzzjonali għall-identifikazzjoni SVHC u l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-immaniġġar tar-riskji REACH minn issa sal-2020"), dan il-pjan direzzjonali ikopri firxa ta' azzjonijiet iktar wiesgħa mill-identifikazzjoni SVHC u jimmira lejn implimentazzjoni ħolistika u integrata tal-proċessi tal-immaniġġar tar-risksji REACH u CLP, billi jagħmel użu komplet mid-dejtabejżis tar-reġistrazzjoni u oħrajn REACH/CLP kif ukoll billi jagħti bidu għall-valutazzjoni tad-dossiers u tas-sustanzi meta tkun meħtieġa aktar informazzjoni.

Skrining komuni li jservi kemm proċessi REACH kif ukoll daww CLP

L-iskrining komuni ser jintuża biex jgħin lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni/l-ECHA jikkonċentraw l-ewwel fuq sustanzi u użijiet bl-ogħla tħassib u bl-ikbar impatt. Dan jeħtieġ konsolidazzjoni u għarfien komuni aħjar dwar il-prijoritajiet, jiġifieri liema sustanzi u użijiet huma l-iktar importanti meta wieħed jikkunsidra l-miri ta' prijorità tas-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar l-Ambjent. L-ECHA ser tkompli d-diskussjoni dwar dawn il-prijoritajiet u kif ser ikollhom impatt fuq l-implimentazzjoni prattika tal-approċċ komuni ta' skrining, li ser ikun iffaċilitat permezz ta' workshop. L-esperjenza ottenuta tul l-2014 fl-implimentazzjoni ta' approċċ komuni ta' skrining ser tintuża biex twessgħa l-ambitu u wkoll biex issostni l-għażla bbażata fuq tħassib ta' sustanzi għal kontroll ta' konformità. L-esperjenza kollha dwar il-kontroll ta' konformità u l-valutazzjoni tas-sustanzi ser tgħin biex tidderieġi l-użu ta' dawn l-istrumenti biex iservu ħtiġiet regolatorji ta' immaniġġar tar-riskji.

L-isforzi matul il-leġiżlazzjoni preċedenti u l-ewwel snin tal-implimentazzjoni ta' REACH indirizzaw ħafna mis-sustanzi u l-użijiet magħrufa u faċilment identifikabbli li jikkawżaw

ir-riskji. Sforzi ulterjuri ta' skringing jeħtieġu li jikkonċentraw fuq sustanzi u użijiet li s'issa rċevew inqas attenzjoni, per eżempju minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar karatteristiċi, inċertezza dwar il-kriterji li għandhom jintużaw (eż. interferenti endokrinali) jew minħabba sitwazzjonijiet tal-espożizzjoni iktar kumplessi (eż. sustanzi f'oġġetti).

Stima tal-karatteristiċi ta' perikolu

L-istima tal-persistenti, bjoakkumulattiv u tossiku (PBT)/persistenti ħafna u bjoakkumulattiv ħafna (vPvB) u karatteristiċi li jinterferixxu mal-endokrina (ED) għandha s-sostenn tal-gruppi esperti rispettivi. Il-grupp expert PBT ser ikun qiegħed jaħdem iktar u iktar fuq sustanzi li huma identifikati permezz tad-dejta tar-reġistrazzjoni REACH minħabba li s-sustanzi li ntirtu mil-leġiżlazzjoni preċedenti diġà ġew ipproċessati. L-ECHA ser tagħti attenzjoni partikolari lis-sostenn tal-użu effiċjenti tal-informazzjoni kollha disponibbli u li aktar informazzjoni hija ġġenerata (eż. permezz tal-valutazzjoni tas-sustanzi) meta huwa neċessarju biex tittieħed deċiżjoni, biss, jew meta sustanza tissodisfa l-kriterji.

Il-grupp expert ED li fl-istabbiliment tiegħu ibbenefika mill-esperjenza ottenuta mill-grupp expert PBT u huwa previst fl-2015 li jappoġġa b'mod attiv ix-xogħol speċifiku għas-sustanzi fuq interferenti tal-endokrina.

L-identifikazzjoni tal-azzjonijiet regolatorji l-iktar xierqa

L-iskringing komuni u l-valutazzjoni PBT/ED għandhom iwasslu għall-identifikazzjoni ta' diversi kandidati għal aktar ġbir ta' informazzjoni (eż. permezz tal-valutazzjoni tas-sustanzi) jew direttament għall-valutazzjoni tal-għażliet tal-immaniġġjar tar-riskji l-iktar xierqa (RMOA).

Huwa previst li l-approċċ RMO ser ikun iktar simplifikat u effettiv minħabba li l-approċċ komuni tal-iskringing u l-Pjan Direzzjonali SVHC jagħti punt ta' tluq miftiehem aħjar għall-identifikazzjoni ta' sustanzi u azzjonijiet. Allinjament aħjar ta' dokumentazzjoni u approċċi wżati fil-valutazzjoni tas-sustanzi u xogħol RMOA hu mistenni jirriżulta fi gwadanni fl-effiċjenza, f'temrini ta' inqas riżorsi meħtieġa u żminijiet iqsar ta' rendiment. L-eżitu tal-ewwel valutazzjonijiet tas-sustanzi segwit minn RMOAs jista' diġà jirriżulta fl-introduzzjoni ta' azzjonijiet regolatorji fl-2015.

Kooperazzjoni u komunikazzjoni

L-isforzi meħtieġa għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tax-xogħol ta' implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali ser jibqgħu għoljin minħabba li biex jintlaħħqu l-miri tal-pjan direzzjonali hu meħtieġ l-involvement kontinwu ta' u l-interazzjoni mal-awtoritajiet kollha. L-ECHA ser tkompli tappoġġa lil dawk l-Istati Membri li s'issa ma kkontribwewx b'mod attiv għax-xogħol ta' implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali. Barra minn hekk, il-gruppi esperti PBT u ED, il-gruppi CMR (karċinoġenu, mutaġen u reprotossiku) u dawk ta' koordinazzjoni ta' sensitizzanti ser ikomplu l-ħidma tagħhom. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċ biex jindirizza użijiet mingħajr karburanti ta' sustanzi ta' żejt mhux maħdum u flussi tal-faħam ser ikollhom is-sostenn ta' grupp ad hoc/ Laqgħat ta' Esperti dwar l-Immaniġġjar tar-Riskji ser ikomplu jiġu organizzati flimkien mal-Istati Membri u ser ikopru l-aspetti ta' implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC kif uoll jorbtu x-xogħol ta' skringing, valutazzjoni u RMOA mal-implimentazzjoni tal-proċessi regolatorji.

L-ewwel rapport ta' progress dwar attivitajiet għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC fl-2014 ser jiġi ppubblika fl-ewwel kwart. Il-komunikazzjoni dwar attivitajiet speċifiċi għal sustanzi – il-bidu tal-istima tal-perikoli u l-RMOA kif ukoll konklużjonijiet RMOA – ser jilħqu stadju ta' status quo fl-2015. Dan jipprovdi aktar trasparenza u

prevedibbiltà għall-partijiet interessati.

Awtorizzazzjoni

L-identifikazzjoni ta' SVHCc u rakkmandazzjonijiet tal-Anness XIV

Ix-xogħol fuq skrining u stima, inkluża l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni, kif ukoll fuq RMOA għandu kwassal għal proposti ta' identifikazzjoni SVHC għal sustanzi li għalihom jeżisti għarfien komuni fost awtoritajiet li l-inklużjoni fil-Lista tal-Kandidati hija azzjoni effettiva u neċessarja regolatorja. Fi kliem ieħor, sustanzi 'tajbin' jitqiegħdu fil-Lista tal-Kandidat. In-numru attwali ta' sustanzi ikun jiddependi fuq kemm Stati Membri jipparteċipaw fl-iskrining, fil-valutazzjoni u fil-ħidma RMOA u kemm riżorsi huma investiti minnhom. It-tagħbija tax-xogħol ġenerali li tirrelata għall-proċess ta' identifikazzjoni SVHC hi prevista li tiżdied minħabba li għadd miżjud ta' dossiers hu mistenni li jitratta PBTs jew sustanzi ta' tħassib ekwivalenti u għaldaqstant ikun jeħtieġ sforz speċifiku matul il-proċess ta' identifikazzjoni.

L-iżvilupp tas-seba' rakkmandazzjoni tal-Anness XIV ser jibbenefika mill-esperjenza ottenuta fl-2014 dwar l-użu tal-approċċ ta' prijoritizzazzjoni tal-Anness XIV rivedut. Kemm ix-xogħol ta' rakkmandazzjoni jkun jista' jservi d-deċiżjoni finali dwar inklużjoni ta' sustanzi fl-Anness XIV jiddependi fuq il-livell ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar liema awtorizzazzjoni tas-sustanzi hija l-aħjar RMO. Fit-tul, ix-xogħol sistematiku RMOA qabel l-inklużjoni tas-sustanzi fil-Lista tal-Kandidati għandu jagħmel il-fażi ta' rakkmandazzjoni aktar effiċjenti u prevedibbli.

Applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni

Huwa antiċipat li madwar 70 applikazzjoni li jirrelataw għall-użu tal-komposti tal-kromju ser jiġu ppreżentati fl-2015 u madwar 30 kmieni fl-2016. Madankollu, teżisti ħafna inċertezza assoċjata ma' dan in-numru li essenzjalment tirrelata għall-mod li bih l-applikanti fl-aħħar mill-aħħar jinġabru fi gruppi fl-applikazzjoni. Waqt il-kitba (Awwissu 2014), l-ECHA diġà rċeviet aktar minn 100 talba għal sessjonijiet ta' informazzjoni.

L-ECHA tista' tirċievi numru ogħla ta' applikazzjonijiet (possibilment sa 150). FI kwalunkwe każ, fl-2015, l-ECHA ser ikollha titratta numru miżjud ta' applikazzjonijiet b'mod effiċjenti, miftuħ u affidabbli u tiżviluppa pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ li jasal ammont ikbar ta' applikazzjonijiet. Minbarra dan ta' hawn fuq, l-ipproċessar ta' bejn wieħed u ieħor 15-il applikazzjoni mistennija fl-2014 ser ikompli fl-2015.

Is-Segretarjat tal-ECHA ser ikompli jappoġġa lil RAC u SEAC, u b'mod partikolari r-rapportaturi tagħhom, biex jiżviluppaw opinjonijiet ta' kwalità ogħla b'mod trasparenti u effiċjenti li jistgħu effettivament jappoġġaw it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għoti jew ir-rifjut ta' awtorizzazzjoni. L-ECHA tippjana li tkompli tippromwovi b'mod attiv il-parteċipazzjoni ta' partijiet tersi fil-proċess ta' konsultazzjoni għal kull applikazzjoni biex tiżgura li informazzjoni xierqa dwar sustanzi jew tekniki alternattivi, jekk disponibbli, jiġu inseriti fil-proċess tal-iffurmar tal-opinjonijiet.

L-ECHA ser twettaq monitoraġġ b'attenzjoni taż-żmien ta' ħidma meħtieġ għall-persunal tagħha u tal-membri tal-Kumitat fl-immaniġġjar ta' dan il-proċess, u ser tkompli tissimplifika u ttipprovdi aktar kjarifikazzjoni biex tiffoka fuq il-proċess tal-iffurmar tal-opinjoni fil-Kumitati. Dan jgħin biex l-operazzjonijiet proprji tal-ECHA kif ukoll dawk tal-kumitati tagħha jiġu addattati fil-ħin qabel ma' jasal l-għadd miżjud ta' applikazzjonijiet fl-2015. Il-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT li bdiet tintuża fl-2014 tippermetti komunikazzjoni iżjed effiċjenti mal-applikanti f-2015. Għodda ġdida biex ikun hemm komunikazzjoni effettiva mal-Kumitati, il-'*Każ Dinamiku*', bdiet tintuża fl-2014 fl-ECHA u huwa maħsub li żżid l-effiċjenza u l-preċiżjoni tal-proċess tal-applikazzjoni.

Il-lezzjonijiet mitgħallma mill-ewwel applikazzjonijiet ser jiġu analizzati flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati kmieni fl-2015 f'seminar ta' feedback u jintużaw biex itejjbu aktar l-effiċjenza tas-sistema għall-iffurmar tal-opinjonijiet. Fuq il-bażi ta' dan is-seminar ta' feedback, l-ECHA ser tivvaluta jekk tkomplix torganizza "*Sessjonijiet ta' Informazzjoni Qabel il-Preżentazzjoni*" (PSISs) ma' applikanti fil-ġejjieni. Dawn is-sessjonijiet urew li kienu xierqa biex jikkjarifikaw kwalunkwe kwistjonijiet tekniċi li jifdal li jirrelataw għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet. Madankollu, hu mistenni li ċ-ċarezza tal-komunikazzjoni mal-applikanti u l-kollaborazzjoni mal-partijiet interessati tal-ECHA ser ikompli jkunu meħtieġa. Għaldaqstant, l-ECHA tippjana li tkompli torganizza seminars u PSISs għal applikanti potenzjali.

Il-mira tal-ECHA hu li jkollha applikazzjonijiet 'tajbin għall-iskop' li ma jikkawżawx piż finanzjarju jew amministrattiv mhux neċessarju għall-industrija minħabba l-attivitajiet ta' applikazzjoni. Għaldaqstant, ikkjarifikat fl-2014 li jekk l-applikant juża l-livellmingħajr effett derivat, ta' "*referenza*" (DNEL) jew ir-relazzjoni doża-tweġiba stabbilita minn RAC, l-applikazzjoni m'għandhiex għalfejn tinkludi d-dejta ta' perikolu. Dan jissimplifika u jnaqqas l-ispejjeż ta' applikazzjonijiet b'mod konsiderevoli. Barra minn hekk, fl-2014 l-ECHA stabbiliet "*Servizz tal-imsieħba*" biex tgħin lill-applikanti potenzjali kollha jsiru jafu dwar xulxin fil-katina tal-provvista. Dawn iż-żewġ novità, kif ukoll l-esperjenza li l-ECHA otteniet dwar l-isfidi speċifiċi li jirrelataw għall-applikazzjonijiet magħmula mill-utenti downstream, ser ikunu l-bażi biex il-proċess ta' applikazzjoni isir wieħed sempliċi u sinifikanti kemm jista' jkun. Għal dak l-iskop, l-ECHA ser taħdem flimkien mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex timplimenta r-rakkmandazzjonijiet li huma taħt żvilupp fit-taskforce għat-titjib tal-operabbiltà tal-proċess ta' awtorizzazzjoni.

Restrizzjonijiet

Kull dossier ta' restrizzjoni huwa uniku f'termini tal-ambitu u tal-aspetti xjentifiċi u tekniċi li jeħtieġ li jiġu vvalutati. Minħabba din l-eteroġeneità, jibqa' ta' sfida għall-ECHA u b'mod partikolari għall-kumitati tagħha li jifformulaw l-opinjonijiet tagħhom u li jiżguraw li dawn huma pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u regulatorja.

Is-Segretarjat tal-ECHA jappoġġa lill-Kumitati, u b'mod partikolari lil rapportaturi, fil-preparazzjoni ta' opinjonijiet dwar dossiers ta' restrizzjoni. L-għadd ta' opinjonijiet li saret ħidma fuqhom fl-2015 ser ikun jiddependi fuq l-għadd ta' dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV riċevuti fl-2014 u kmieni fl-2015.

Fl-2015, l-ECHA tistenna li ttiprovdi sostenn lil rapportaturi RAC u SEAC dwar 10 dossiers ta' restrizzjoni, madwar l-istess ammont bħal fl-2014. Is-Segretarjat tal-ECHA ser ikompli jipprovdi sostenn ta' kwalità għolja u f'waqtu lil RAC, SEAC u lill-Forum hekk kif jiżviluppaw dawn l-opinjonijiet.

Fl-2014, l-Istati Membri, l-ECHA u l-Kummissjoni stabbilew taskforce biex jagħti sett koerenti ta' rakkmandazzjonijiet biex itejjbu l-effiċjenza tal-preparazzjoni tad-dossier u l-proċessi ta' iffurmar tal-opinjonijiet. Fl-2015, l-ECHA ser timplimenta dawn rakkmandazzjonijiet li huma rilevanti għas-segretarjat, ir-RAC, is-SEAC, jew il-Forum. Flimkien mar-rakkmandazzjoni tat-taskforce, l-ECHA ser ttiprovdi assistenza lill-Istati Membri meta tipprepara dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV permezz ta' workshops, "*Laqgħat ta' Informazzjoni Preparatorji*" (PRIM) u permezz ta' feedback speċifiku, kif meħtieġ.

L-ECHA ser tkompli wkoll tkun ta' sostenn għall-awtoritajiet tal-infurzar u l-uffiċċji tal-informazzjoni tal-Istati Membri, u ttejjeb l-aċċessibiltà u l-kwalità tajba li tintiehem tal-Anness XVII fuq il-websajt tagħha. L-ECHA ser tkompli twieġeb mistoqsijiet li jirrelataw għall-interpretazzjoni u l-infurzar tar-restrizzjonijiet.

L-ECHA ser tkun ta' sostenn għall-Kummissjoni fl-identifikazzjoni tal-aħjar sustanzi possibbli li għalihom l-ECHA ser tipprepara dossiers ta' restrizzjoni. Fuq it-talba tal-

Kummissjoni, l-ECHA ser tipprepara sa tliet dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV (li jkopru jew proposti ġodda jew reviżjonijiet ta' restrizzjonijiet eżistenti).

SA fejn possibbli, l-ECHA ser tkompli tagħti pariri u servizzi dwar talbiet speċifiċi mill-Kummissjoni, pereżempju, fil-kuntest tar-reviżjoni ta' restrizzjonijiet eżistenti fl-Anness XVII. Jekk mitlub, l-ECHA ser ttiprovdi sostenn tekniku għall-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' regolamenti dwar id-dossiers ta' restrizzjoni, li għalihom l-opinjoni ta' RAC u SEAC kienu mressqa lill-Kummissjoni fl-2014-15. L-ECHA ser ttiprovdi wkoll sostenn lill-Kummissjoni matul l-iżvilupp ta' proposti ta' restrizzjoni għal CMRs fl-oġġetti tal-konsumatur taħt l-Artikolu 68(2).

L-Artikolu 69(2) jeħtieġ lill-ECHA tipprepara dossiers ta' restrizzjoni għal oġġetti li jinkludu sustanzi li huma fuq il-Lista tal-Awtorizzazzjoni u jqiegħdu riskju li mhuwiex ikkontrollat b'mod adegwat. Fuq il-bażi ta' dan l-approċċ żviluppat matul l-2014 u skont l-eżitu tal-analiżi, l-ECHA ser tirreġistra l-eżitu u tipprepara u tippreżenta – jekk rilevanti – il-proposti tagħha għal dawn it-tipi ta' restrizzjoni fl-2015. L-ECHA ser tivvaluta wkoll fl-2015 jekk restrizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 69(2) tkunx neċessarja għall-erba' ftalai li għalihom id-data ta' terminazzjoni hija Frar 2015 u, jekk iva, tipprepara dossier ta' restrizzjoni tal-Anness XV.

Attivitajiet oħra li jirrelataw għall-immaniġġjar tar-riskju

Analiżi soċjo-ekonomika

L-ECHA ser tkompli l-isforzi tagħha biex iżżid l-għarfien dwar l-applikazzjoni Prattika tal-analiżi Soċjo-ekonomika (SEA). Ir-riżultati tal-istudju dwar il-valutazzjoni tas-saħħa biex jiġu evitati effetti negattivi għas-saħħa saru disponibbli fl-2014. Għalhekk, il-valuri ta' referenza għal kemm wieħed lest li jħallas għall-ewwel sett ta' punti finali għas-saħħa tal-bniedem huma disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti (għal restrizzjonijiet) u kumpaniji (għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni). Ser jiġu żviluppati aktar metodoloġiji biex jikkwantifikaw aħjar l-impatt għas-saħħa tal-bniedem permezz ta' kemm wieħed lest li jħallas jew approċċi ta' Kwalità/Diżabilità Aġġustati f'Sena ta' Haja.

Billi tibni fuq ix-xogħol ippubblikat fl-2014 fuq l-ispejjeż tal-infurzar tar-restrizzjonijiet, l-ECHA ser tkompli tiżviluppa metodoloġiji biex tivvaluta l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-immaniġġjar regolatorju tar-riskju. L-ECHA ser tkompli tappoġġa workshops li jirrelataw għal SEA permezz tan-"Netwerk tal-Analiżi Soċjo-ekonomika u l-Analiżi ta' Prattikanti Alternattivi" (NeRSAP) ma' partijiet interessati dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u mal-MSCAs dwar restrizzjonijiet.

Sustanzi f'oġġetti

Sforzi biex tiżdied kuxjenza dwar obbligi li jirrelataw għall-preżenza ta' sustanzi f'oġġetti fil-Lista tal-Kandidati ser ikompli. L-ECHA ser tesplora possibiltajiet dwar kif tikkoopera ma' awtoritajiet u' organizzazzjonijiet tal-industrija f'pajjiżi terzi biex tiżdied il-kuxjenza ta' produtturi ta' oġġetti li huma maħsuba għal esportazzjoni lejn swieq tal-UE. Dan biex jinstab mezz għas-sostenn tal-komunikazzjoni tal-importaturi ta' oġġetti fil-ktajjen tal-provvista tagħhom upstream. L-isforzi biex tiżdied kuxjenza ser ikopru wkoll ir-rekwiżiti għal oġġetti trattati li jirriżultaw mir-Regolament dwar Prodotti Bijoċidali.

L-ECHA ser tkompli x-xogħol li bdiet fl-2014 biex tidentifika u tiżviluppa mezzi ulterjuri għas-sostenn ta' dawk fid-dmir, b'mod partikolari importaturi ta' oġġetti iżda wkoll distributuri ta' oġġetti, u konsumaturi fl-identifikazzjoni ta' liema sustanzi fil-Lista ta' Kandidati jistgħu potenzjalment jirriżultaw f'oġġetti.

Links ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE

Biex jitjieb aħjar l-għarfien dwar kif sustanzi kimiċi huma rregolati u kif regolamenti differenti jikkomplimentaw lil xulxin, il-possibilitajiet għall-ġbir u t-tqassim tal-informazzjoni dwar liema sustanzi huma koperti minn biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni tal-UE ser jiġi esplorat aktar fl-2015. Barra minn hekk, l-ECHA ser tesplora aktar possibilitajiet dwar kif tappoġġa l-użu effettiv ta' dejta REACH minn utenti finali industrijali biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt leġiżlazzjoni oħra, bħad-Direttiva Industrijali tal-Emissjonijiet, leġiżlazzjoni tal-ħaddiema, ambjentali u tal-prodotti u viċi versa.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw għall-proċessi ta' awtorizzazzjoni u restrizzjoni huma ppreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali, skont l-approċċi u l-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.
2. L-industrija, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma pprovduti bl-aħjar sostenn u pariri xjentifiċi u tekniċi biex jiġu identifikati sustanzi li jeħtieġu aktar immaniġġjar tar-riskji u biex jiġi definit l-aħjar approċċ tal-immaniġġjar tar-riskji.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezz u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' SVHCs, dossiers ta' restrizzjoni u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni trattati fil-qafas taż-żmien legali.	100 %	Rapport intern kull xahar
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, l-MSAs, il-Kumitati tal-ECHA, l-industrija, NGOs u partijiet oħra interessati bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv iprovdut.	Għolja	Inkjesta kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Ippubblikat ir-rapport ta' progress tal-Pjan Direzzjonali SVHC.
- Workshop biex jippromwovi implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-proċessi REACH u CLP u dwar prijoritajiet komuni organizzati.
- Fuq il-bażi tal-approċċ komuni ta' skrinjng tad-dejtabejż ta' reġistrazzjoni, listi ta' sustanzi ta' tħassib potenzjali għal aktar skrutinju, pprovduti lill-Istati Membri.

- Fuq talba mill-Kummissjoni, ipprovdut sostenn għall-iżvilupp ta' sa ħames analiżi RMO.
- Fuq talba mill-Kummissjoni, sa ħames SVHCs proposti għal-Lista tal-Kandidati.
- Ippubblikati minn wieħed sa żewġ aġġornamenti tal-Lista tal-Kandidati.
- Is-Sitt rakkmandazzjoni tal-Anness XIV ippreżentata lill-Kummissjoni. L-iżvilupp ta' rakkmandazzjoni ta' abbozz ġdida għall-inklużjoni tas-sustanzi tal-Lista tal-Kandidati fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni (Anness XIV).
- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali kemm lil dawk li jippreżentaw proposti għal restrizzjonijiet kif ukoll lil RAC u SEAC u r-rapportaturi tagħha għall-iżvilupp tagħhom ta' opinjonijiet dwar restrizzjonijiet u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Seminar ta' feedback dwar il-lezzjonijiet mitgħallma mill-ewwel applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni flimkien mal-Kummissjoni u l-partijiet interessati.
- Ippreparati sa tliet dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV (inklużi, meta rilevanti, dossiers jew rapporti li jirrelataw għal reviżjonijiet ta' restrizzjonijiet eżistenti).
- Komunikazzjoni aħjar u addattata permezz tal-web u mkien ieħor għal applikanti potenzjali, inklużi SMEs, biex tiffaċilita l-preparazzjoni ta' applikazzjonijiet "tajbin għall-iskop" għal awtorizzazzjoni.
- Istruzzjonijiet, gwida u kjarifiki biex itejjbu aktar l-effiċjenza ta' kumitati xjentifiċi tal-ECHA biex jimmaniġġjaw l-opinjonijiet dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet.
- Valuri monetarji ta' referenza fuq it-tieni sett ta' punti finali tas-saħħa.
- Sa żewġ avvenimenti ta' taħriġ, workshops u pariri mogħtija lill-Istati Membri biex jgħinuhom jissodisfaw il-kompiti tagħhom fil-preparazzjoni ta' dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV, inkluż l-SEA.
- Għall-inqas seminar jew workshop wieħed organizzat dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, inkluża SEA, mal-industrija u partijiet oħra interessati.
- Possibilitajiet biex itejjbu l-flus u l-użu ta' informazzjoni bejn REACH u leġiżlazzjonijiet oħra li jirrelataw għal sustanzi kimiċi esplorati.

1.4. Klassifikazzjoni u Ttikketta (C&L) (Attività 4)

Il-klassifikazzjoni u ttikkettar ta' sustanzi u taħlitiet jippermettu l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi. Huwa l-obbligu tal-manifatturi, l-importaturi u l-utenti downstream li jikklassifikaw u jittikkettaw is-sustanzi u t-taħlitiet skont ir-rekwiżiti legali u li jinnotifikaw il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi.

L-ECHA iżżomm dejtabeż tan-notifikazzjonijiet kollha fl-Inventarju C&L. F'ċerti każijiet, l-Istati Membri jew l-industrija jistgħu jipproponu l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' sustanza fl-UE. Hekk kif tibda tintuża r-regola armonizzata dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanza fir-Regolament CLP, il-manifatturi, l-importaturi u l-utenti downstream kollha huma obbligati jikklassifikaw u jittikkettaw is-sustanza kif meħtieġ. Dan isir normalment għal sustanzi attivi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) u prodotti bijoċidali (BPs). Il-klassifikazzjoni ta' sustanzi karċinoġeni, mutaġeni u reprotossiċi (CMR), kif ukoll għal sensitizzanti respiratorji, hija wkoll normalment armonizzata. Klassijiet oħra ta' perikolu jistgħu jiġu armonizzati jekk ikun hemm il-ħtieġa.

1. Il-punti prinċipali tas-sena

It-trattament ta' proposti għall-Klassifikazzjoni u l-Ittikketta armonizzati (CLH)

L-ECHA ser tkompli tipprovdi, u meta xieraq tintensifika aktar, sostenn lill-Istati Membri u rapportaturi RAC matul il-preparazzjoni ta' proposti għall-armonizzazzjoni ta' klassifikazzjoni u ttikkettar u l-iżvilupp ta' opinjonijiet minn RAC.

Għal sustanzi attivi kemm għal PPPs u BPs, il-konsegwenza ta' klassifikazzjoni fil-kategorija 1A jew 1B għal karċinoġeni, mutaġeni u tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) hija li l-użu tas-sustanza, in ġenerali, ma tkunx approvata. Biex tissimplifika t-teħid tad-deċiżjoni regolatorju, bl-iskop li tipprovdi kjaressa għal partijiet interessati tal-industrija u effiċjenza għall-partijiet kollha involuti, l-ECHA tagħmel sforz konsiderevoli lejn l-allinjament tal-proċess CLH u l-proċessi ta' approvazzjoni fil-kuntest tar-regolamenti PPP u BP. L-ipproċessar parallel ta' sustanzi attivi f'PPPs jimponi sfidi f'li jkun evitat ir-riskju ta' opinjonijiet diverġenti u l-aġġustament tal-proċessi għall-kwadri taż-żmien legali rispettivi għat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li titjeb aktar l-effiċjenza u l-prevedibbiltà tal-proċess.

Waqt li l-għadd totali ta' proposti għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati mistennija tkun fl-istess livell bħal fi snin preċedenti, l-ammont ta' sustanzi attivi għal pestiċidi u bijoċidi x'aktarx jiżdied, parzjalment dovut għall-programm ta' reviżjoni tal-bijoċidi. Iż-żmien tal-proċess CLH, ħtiġiet ta' riżorsi, skambju ta' informazzjoni rilevanti kif ukoll soluzzjonijiet proattivi għal kwistjonijiet kontroversjali huma kkoordinati mill-qrib u b'mod attiv mal-Istati Membri, mal-EFSA u mal-Kummissjoni Ewropea.

Biex ikun sodisfatt il-livell għoli ta' domanda, ser isiru sforzi kontinwi biex titjeb il-prevedibbiltà tal-linji ta' żmien u biex jiġu ssimplifikati aktar Prattiki u proċeduri ta' ħidma (per eżempju permezz ta' laqgħat esperti, attivitajiet biex iqajjmu kuxjenza, kriterji biex jitrattaw informazzjoni ġdida riċevuta tul il-proċess) għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Is-Segretarjat tal-ECHA huwa impenjat lejn li jkompli s-sostenn tiegħu lil Stati Membri fil-preparazzjoni ta' proposti u lil rapportaturi RAC, biex ikun żgurat li l-iffurmar tal-opinjoni tar-RAC ikollu bażi adegwata u li l-opinjonijiet li jirriżultaw ikunu jappoġġaw id-deċiżjoni finali mill-Kummissjoni.

Il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati (CLH) hija fiha nfisha miżura regolatorja tal-immaniġġjar tar-riskji (RRMM) u hija ta' sostenn ukoll għal RRMMs oħrajn. Bl-iskop tal-

limitazzjoni fir-riżorsi disponibbli fl-Istati Membri għall-preparazzjoni ta' proposti għal CLH, huwa importanti sostenn fl-għażla ta' sustanzi li għalihom l-armonizzazzjoni hija prijorità. L-ECHA tippjana li żżomm l-attivitajiet ta' skringing tagħha biex tidentifika sustanzi ta' prijorità f'livell għoli. L-iskringing ta' sustanzi huwa kkombinat mal-identifikazzjoni ta' prijoritajiet għal proċessi oħra bħal SVHC u l-valutazzjoni tas-sustanzi (ara l-attività 3).

L-inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (l-Inventarju C&L)

L-inventarju C&L huwa dejtabejż uniku tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' kważi s-sustanzi kollha fis-suq tal-UE. Fl-2014, id-dejtabejż kellha 6.1 miljun notifikazzjoni, li jkopru l-klassifikazzjoni ta' 125 000 sustanza li minnhom 115 000 huma disponibbli fl-Inventarju pubbliku C&L. Fuq medja, aktar minn 10 000 notifika huma aġġornati kull xahar. Dan l-għarfien ma hu disponibbli mkien ieħor fid-dinja. Għalkemm l-inventarju ilu disponibbli mill-2012, il-manutenzjoni u l-aġġornament ser ikompli fl-2015, fl-inklużjoni ta' dejta SEVESO III³ bħala l-karatteristika prinċipali l-ġdida.

Għal madwar 25 % tas-sustanzi fl-Inventarju C&L, il-klassifikazzjoni notifikata tvarja. Aktar konverġenza fil-klassifikazzjonijiet awtonomi u kjarizza dwar ir-raġunijiet għal klassifikazzjonijiet diverġenti iżżid l-utilità tal-inventarju, b'mod partikolari għal SMEs. Klassifikazzjonijiet awtonomi adegwati huma r-responsabbiltà tal-industrija u biex l-industrija tkun tista' tissodisfa l-obbligu legali tagħhom li jaslu għal ftehim dwar l-iskrizzjonijiet, l-ECHA stabbiliet pjattaforma-IT li tippermetti li notifikaturi tal-istess sustanza jiddiskutu l-iskrizzjonijiet tagħhom fl-inventarju mingħajr ma tkun rivelata l-identità tagħhom. Minħabba li l-użu ta' din il-Pjattaforma C&L huwa ħafna inqas minn dak li wieħed jistenna, l-ECHA ser tkompli diskussjonijiet ma' organizzazzjonijiet tal-industrija u tinkoraġġixxi lill-industrija biex terfa' r-responsabbiltà u tagħmel użu ottimali mill-għodod ipprovduti. L-ECHA tippjana li twettaq monitoraġġ fuq il-livell ta' konverġenza fuq bażi regolari.

Id-dejta ta' notifikazzjoni fl-inventarju, flimkien mad-dejtabejżis l-oħra disponibbli, ser tintuża dejjem iktar biex issostni lil Stati Membri f'li jimmiraw lejn sustanzi li jkun u jeħtieġu prijorità għal immaniġġjar tar-riskju ulterjuri.

Ismijiet kimiċi alternattivi

F'ċerti każijiet, manifatturi, importaturi u utenti downstream jistgħu jitolbu l-użu ta' isem kimiku alternattiv biex iżommu l-isem preċiż ta' ċerti ingredjenti fit-taħlitiet tagħhom kunfidenzjali. Sa Ġunju 2015, l-industrija tista' titlob isem kimiku alternattiv jew mill-Istati Membri jew mill-ECHA. Wara din id-data, l-ECHA biss titratta dawn l-applikazzjonijiet. L-ECHA tistenna li l-għadd ta' talbiet jikber għal madwar 150 kull sena.

Il-proċess għat-talba ta' ismijiet kimiċi alternattivi kien introdott fl-2011. Il-proċess kien maħsub biex ikun effiċjenti u flessibbli biex jitratta għadd kbir ta' talbiet fil-kwadru taż-żmien legali qasir u biex ikampa bil-punti massimi fl-ammont ta' talbiet.

II-Klassifikazzjoni ta' taħlitiet

L-obbligu li wieħed japplika CLP għal taħlitiet wara l-1 ta' Ġunju 2015 jeħtieġ li titkompla

³ Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikolużi, li jemenda u sussegwentement iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE.

titqajjem kuxjenza mal-industrija biex CLP tiġi applikata għat-taħlitiet tagħhom. Element primarju tal-istrateġija biex titqajjem kuxjenza huwa li jingħata sostenn lil organizzazzjonijiet li huma f'kuntatt mill-qrib ma' SMEs. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-elementi l-ġodda fil-klassifikazzjoni ta' taħlita skont SLP. Barra minn hekk, jeħtieġ li jingħata bidu għall-ippjanar ta' attivitajiet biex jgħinu lill-pubbliku ġenerali jsir aktar familjari mal-pitogrammi l-ġodda.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw għal C&L armonizzat huma trattati fi proċess trasparenti u prevedibbli bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u regolatorja, skont l-approċċi u l-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.
2. Kwalunkwe talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv hija konkluża fil-qafas ta' żmien legali.
3. L-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar u l-pjattaforma ta' komunikazzjoni C&L jinżammu aġġornati u l-funzjonalitajiet tagħhom u l-faċilità tagħhom ta' użu mill-utent, jitjiebu aktar.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezz u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' proposti għal C&L armonizzat u talbiet għall-użu ta' isem kimiku alternattiv ipproċessati fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull kwart
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, l-MSAs, RAC u l-industrija bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut.	Għolja	Inkjesta kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali kemm lil dawk li jippreżentaw proposti għal C&L armonizzat, lil RAC u lir-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' opinjonijiet u dokumenti tal-isfond kif ukoll lill-Kummissjoni għas-sostenn tal-ipproċessar ulterjuri fuq talba tagħhom.
- Allinjament tal-iżvilupp ta' opinjonijiet CLH għal sustanzi attivi f'pestiċidi u bijoċidi bil-proċessi u l-kwadri taż-żmien regolatorji rispettivi.
- Analiżi kontinwa ta' dejtabejżis bl-iskop li jipprovdu informazzjoni lill-Istati Membri u lill-industrija biex jiġu identifikati sustanzi ta' prijorità għal klassifikazzjoni armonizzata.
- Inventarju C&L aġġornat u miżmum tajjeb; pjattaforma ta' komunikazzjoni aġġornata u mtejjba għal notifikaturi u reġistranti tal-istess sustanza.

- Attivitajiet li jżidu kuxjenza flimkien mal-industrija u l-Kummissjoni biex tintlaħaq iktar konverġenza fi klassifikazzjonijiet awtonomi u użu miżjud tal-Pjattaforma C&L.
- Dejta ta' monitoraġġ li tirrifletti l-grad ta' konverġenza fi klassifikazzjonijiet awtonomi.
- Attivitajiet kontinwi biex iżidu kuxjenza dwar l-obbligu li wieħed japplika CLP għal taħlitiet wara l-1 ta' Ġunju 2015.
- Sa 150 deċiżjoni legalment ġusta dwar l-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi.

1.5. Bijoċidi (Attività 16)

Ir-Regolament ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013. Dan ir-regolament jestendi l-mandat regolatorju tal-ECHA fir-rigward tal-kompiti amministrattivi, tekniċi u xjentifiċi li jirrelataw għall-impimentazzjoni tal-BPR, b'mod partikolari dwar l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodotti bijoċidali. Ir-regolament il-ġdid introduċa ħafna titjib u elementi ġodda meta pparagunat mad-Direttiva preċedenti dwar il-Prodotti Bijoċidali. Dawn jinkludu, pereżempju, proċeduri simplifikati għal proċessi ta' approvazzjoni u awtorizzazzjoni, attenzjoni speċjali biex jiġu evitati s-sustanzi attivi l-aktar perikolużi, dispożizzjonijiet biex jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali u għal kondivizzjoni obbligatorja tad-dejta, u dwar oġġetti trattati bi prodotti bijoċidali.

1. Punti prinċipali tas-sena

L-2015 ser tkun it-tieni sena kompleta ta' operazzjoni taħt ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali u infatti ser tkun punt tajjeb fiż-żmien biex ikunu rfinuti l-proċessi fid-dawl tal-esperjenza ottenuta għall-massimizzazzjoni tal-effettività u tal-effiċjenza tagħhom. L-ECHA ser tkompli tikkoordina mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bl-iskop li tiżgura r-rispett ta' skadenzi u l-progress tajjeb tas-sustanzi attivi tal-Programm ta' Reviżjoni. Dan jinkludi l-aħjar użu possibbli tal-ġhodod tal-IT (R4BP 3, editur tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodotti (SPC) u IUCLID) ipprovduti mill-Aġenzija. Dan ser jittraduċi f'li tkun ipprovduta funzjoni effettiva ta' koordinazzjoni għall-Programm ta' Reviżjoni u sostenn adegwat għall-Istati Membri, l-iffurmar tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali (BPC) u t-teħid tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Avveniment importanti huwa l-iskadenza li ser tintlaħaq fl-1 ta' Settembru 2015, eżattament sentejn wara li jibda jopera r-regolament. Il-prodotti bijoċidali li ġejjin biss ser ikunu jistgħu jibqgħu fis-suq: dawk li jikkontjenu sustanzi attivi fejn jew il-fornitur tas-sustanzi jew il-fornitur tal-prodotti jiġi inkluż fil-lista deskritta fl-Artikolu 95. Għaldaqstant, l-ECHA tistenna żieda massima ta' applikazzjonijiet għall-inklużjoni f'din il-lista għall-ewwel semestru u l-valutazzjoni tagħhom ser tiġġenera żieda fit-tagħbija tax-xoġhol.

Fl-istess ħin, l-ECHA ser tkun iffaċċjata bl-isfida speċifika u kritikament importanti biex tissodisfa l-mira annwali ambizzjuża għall-2015 biex tagħti opinjoni dwar l-istima tal-Istat Membru ta' valutazzjoni ta' 50 sustanza attiva – kombinazzjonijiet ta' tipi ta' prodotti taħt il-Programm ta' Reviżjoni. Biex tintlaħaq din il-mira, ikollhom jiġu sodisfatti żewġ kondizzjonijiet: l-MSAs għandhom ikunu jistgħu jikkonsenjaw il-kwantità mistennija ta' rapporti ta' stima ta' kwalità tajba fil-ħin u l-proċess għar-reviżjoni tal-pari għandu jiġi żvolt b'mod effiċjenti. L-ECHA ser tikkontribwixxi b'immaniġġjar strett tal-proċess, immaniġġjar effettiv ta' laqgħat, il-kontribuzzjoni xjentifika tagħha għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet u l-interazzjoni upstream tagħha mal-awtoritajiet kompetenti ta' valutazzjoni biex tkun żgurata l-kwalità u l-konsistenza tal-valutazzjonijiet. Madankollu, minħabba limiti għar-riżorsi, l-ECHA tista' ma tkunx fil-pożizzjoni li tipprovidi l-livell ippanat ta' sostenn għal dan il-proċess, speċjalment jekk il-punt massimu ta' applikazzjonijiet imsemmi fil-paragrafu preċedenti jkun oġġla milli mistenni.

Huwa mistenni li l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali tal-Unjoni ser jibda jiżdied. Dan jeħtieġ ukoll sostenn koordinat tajjeb u effiċjenti għall-proċess inkluż sostenn u pariri għall-applikanti, u koordinazzjoni simili tal-proċess bħal għal sustanzi attivi.

Minħabba li numru sinifikanti ta' tipi ta' applikazzjoni ser ikunu magħmula disponibbli biss fis-sistemi tal-IT fl-aħħar tal-2014 b'rilaġx maġġuri ta' R4BP 3, il-proċessi riveduti ser ikollhom jiġu rfinuti fid-dawl tal-esperjenza ottenuta biex tiġi massimizzata l-effettività

u l-effiċjenza tagħhom kif previst fil-programm tax-xogħol multiannali 2014 – 2018.

L-ECHA ser ikollha wkoll tipparteċipa u tikkontribwixxi għall-attivitajiet Ewropej kontinwi bejn korpi ta' valutazzjoni biex tiżgura l-konsistenza u l-koordinazzjoni bejn il-valutazzjonijiet tal-istess sustanza kimika taħt ambiti leġiżlattivi differenti (eż. prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, addittivi alimentari, kożmetiċi).

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers u t-talbiet kollha huma pproċessati skont il-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.
2. L-ECHA għandha kapaċità tajba li ssostni xjentifikament u teknikament ix-xogħol ta' valutazzjoni imwettaq mill-MSCA's.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2015	Mezz u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' dossiers ipproċessati fil-qafas taż-żmien legali.	100 %	Monitoraġġ kull kwart
Livell ta' soddisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdot lill-membri tal-BPC, lill-Grupp ta' Koordinazzjoni, lill-Kummissjoni, l-MSCA's u l-industrija.	Għolja	Inkjesta kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Sostenn xjentifiku, tekniku, legali u amministrattiv għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni mill-Unjoni u valutazzjoni tas-sustanzi attivi mwettqa mill-MSCA's.
- Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Artikolu 95 u l-manutenzjoni ta' din il-lista: sa 200 deċiżjoni.
- Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet ta' ekwivalenza teknika: sa 20 deċiżjoni.
- Deċiżjonijiet dwar is-similarità kimika ta' sustanzi attivi: sa 10 każijiet.
- Aġġustamenti ta' rfinitura għal flussi tax-xogħol u proċessi biex jiġu trattati dossiers deġlin ġodda meta neċessarju.
- Parteċipazzjoni u kontribuzzjoni għal avvenimenti xjentifiċi u workshops biex jitjieb l-għarfien dwar il-valutazzjoni tal-bijoċidi (sustanzi attivi u prodotti bijoċidali).

1.6. PIC (Attività 17)

Ir-Regolament dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC, Regolament (UE) 649/2012) jamministra l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi perikolużi u jqiegħed obbligi fuq il-kumpaniji li jixtiequ jesportaw dawn is-sustanzi kimiċi lejn pajjiżi mhux tal-UE. Jimmira li jippromwovi responsabbiltà aktar kondiviża u kooperazzjoni fil-kummerċ internazzjonali ta' sustanzi kimiċi perikolużi, u li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent billi jipprovdi lil pajjiżi żviluppanti b'informazzjoni dwar kif jaħżnu, jittrasportaw, jużaw u jarmu sustanzi kimiċi perikolużi b'mod sigur. Dan ir-regolament jimplimenta, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali.

ECHA hija responsabbli għal ċerti kompiti amministrattivi u tekniċi. L-ECHA tipprovdi wkoll assistenza kif ukoll gwida teknika u xjentifika lill-industrija, lill-awtoritajiet nazzjonali deżinjati (DNAs) kemm mill-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi, u l-Kummissjoni Ewropea.

1. Punti prinċipali tas-sena

Fl-2015, l-Aġenzija ser tkun għaddejja b'veloċità qawwija fir-rigward tal-ipproċessar u l-konsenja ta' notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni lill-pajjiżi tal-importazzjoni barra l-UE, u f'li żżomm id-dejtabejż tan-notifikazzjonijiet u l-kunsensi espliċiti mogħtia mill-pajjiżi tal-importazzjoni billi tuża s-sistema tal-IT ġdida (ePIC).

L-isfida primarja tiffaċċjaha fil-bidu tas-sena biex tikkompleta l-ipproċessar taż-żieda massima mistennija ta' notifikazzjonijiet riċevuti lejn l-aħħar tas-sena 2014, bl-ewwel waħda li kienet trattata kompletament mill-ECHA u bl-użu ta' ePIC. Minħabba li l-proċedura tista' tikkonsisti f'diversi stadji qabel ma jkunx riċevut ir-rikonoxximent formali ta' rċevuta mill-pajjiż li jimporta, dan ser ikollu riperkussjonijiet fuq it-tagħbija tax-xogħol tal-ewwel kwart. L-ECHA hija impenjata lejn li tirrispetta l-iskadenzi legali billi tiżgura li n-notifikazzjonijiet kollha huma pproċessati fl-Q1/2015. L-2015 ser tkun ukoll l-ewwel sena fejn l-ECHA hija responsabbli mill-kompilazzjoni tal-informazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' rapport sommarju dwar esportazzjonijiet u importazzjonijiet realizzati fil-livell tal-Unjoni fl-2014 għas-sustanzi elenkati fl-Anness I tar-Regolament PIC. Dan ser isir b'mod f'waqtu.

L-ECHA ser tkompli tipprovdi sostenn xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni fir-responsabbiltajiet tagħha taħt PIC, pereżempju, fl-abbozzar ta' notifikazzjonijiet PIC u kompiti relatati. Barra minn hekk, l-ECHA ser tkompli tappoġġa l-partijiet interessati kollha rilevanti u tiżgura kollaborazzjoni tajba mal-awtoritajiet nazzjonali deżinjati tal-UE u mhux tal-UE (DNAs).

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Aċċerta ruħek mill-implimentazzjoni b'suċċess tal-attivitajiet PIC u tal-immaniġġar effettiv tan-notifikazzjonijiet.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' notifikazzjonijiet PIC ipproċessati fi ħdan il-qafas ta' żmien legali	100%	Żmien irreġistrat f'ePIC. Rappurtaġġ kull xahar.
Livell ta' soddisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku, u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni, lid-DNA's tal-Istati Membri u l-industrija.	Għolja	Inkjesta kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Huma pproċessati bejn wieħed u ieħor 4 000 notifikazzjoni PIC.
- Ipprovduti lill-Kummissjoni sostenn xjentifiku u tekniku u, bil-kunsens tal-Kummissjoni, lil DNAs.

1.7. Pariri u assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal- Informazzjoni (Attività 5)

Ir-regolamenti REACH, CLP, tal-Bijoċidi u PIC kollha jeħtieġu lill-ECHA tipprovdi gwida teknika u xjentifika u għodod għall-industrija, għall-awtoritajiet kompetenti u għal partijiet interessati oħra.

Bl-istess mod, ir-regolament ta' stabbiliment tal-ECHA jstipula li l-ECHA tipprovdi pariri u assistenza lil manifatturi u lil importaturi kif ukoll sistenn lil awtoritajiet kompetenti u lil uffiċċji tal-informazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri.

1. Punti prinċipali tas-sena

Gwida

Bħalma kien diġà l-każ fl-2014, l-enfasi prinċipali tal-attivitajiet ta' gwida għal REACH ser tkun fuq il-ħtiġiet ta' reġistranti potenzjali għall-iskadenza tal-2018, b'kont meħud ta' proporzjon miżjud ta' SMEs bħala reġistranti potenzjali. Minħabba li gwida stabbli dwar kwistjonijiet kritiċi għandha tkun disponibbli ħafna qabel dan l-iskadenza, idealment sal-1 ta' Ġunju 2016, l-enfasi titqiegħed fuq dokumenti rispettivi. Għal dan l-iskop, pereżempju, wara l-eżitu ta' dan il-workshop dwar sustanzi ugwali li l-ECHA organizzat fil-ħarifa tal-2014, l-Aġenzija ser tkun qiegħda tikkunsidra jekk taġġornax il-*Gwida għall-identifikazzjoni u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP* tagħha. Dan għandu jiġi żviluppat matul l-2015 taħt il-qasam għal azzjoni strateġika, punt primarju tal-2015 1.1 "It-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni f'dossiers" biex ikun possibbli li l-punt primarju tal-2016 jintlaħaq fi żmien tajjeb "reviżjoni tal-gwida dwar l-identifikazzjoni u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi".

Waqt li tiftakar f'SMEs u kumpaniji inqas esperjenzati, l-ECHA ser tiffoka fuq mezzi biex l-assistenza multiformi tagħha (ta' diversi forom, minn dokumenti ta' Gwida għal webinars, minn skedi informattivi għal manwali tal-utenti u gwidi prattiċi jew paġni web ta' speġazzjoni) iktar faċilment aċċessibbli. Dan jirrikonoxxi li s-"simplifikazzjoni" tal-gwida teħtieġ li tintlaħaq billi jkun ipprovdut aċċess iktar faċli u li jinftehem iktar għall-informazzjoni kollha ta' assistenza għal dawk fid-dmir. Dan ix-xogħol fuq il-kontenut kif ukoll l-"aċċessibilità" ta' dokumentazzjoni u r-relazzjoni tagħha ma' sorsi oħra ta' informazzjoni ser ikun ibbażat fuq ir-reviżjoni li hija parti mill-Pjan Direzzjonali ta' Reġistrazzjoni 2018 bl-iskop li jiġi żgurat li l-utenti jistgħu isibu l-livell korrett ta' kumplessità ta' dokument xieraq għall-ħtiġiet u għall-kompetenza tagħhom. L-ECHA ser tkompli wkoll tipprovdi gwida simplifikata f'dokument ta' "Gwida fil-Qosor" (dejjem ipprovduti fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE) kif ukoll li tittraduċi dokumenti ta' gwida oħra rilevanti għal SME.

F'każ li input xieraq minn attivitajiet fil-livell tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) isir disponibbli biż-żmien jista' jkun ukoll possibbli li jibda xogħol ta' aġġornament fuq il-Kapitolu R.6 IR&CSA: Relazzjonijiet Struttura-Attività Kwantitattivi (QSARs) u r-raggruppament ta' sustanzi kimiċi. Bl-istess mod, meta jkun intlaħaq livell suffiċjenti ta' konsensus dwar ir-reviżjoni ta' ħtiġiet ta' informazzjoni dwar nanomaterjali l-aġġornamenti korrispondenti għall-gwida jistgħu jibdwu matul l-2015.

L-ECHA ser tiffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni ta' aġġornamenti ta' partijiet prijoritizzati tal-Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA) kif definit fil-Pjan Direzzjonali CSA preżenti oriġinarjament mibdi fl-2013 – għal darb'oħra speċjalment fuq dokumenti mistennija li jkunu disponibbli sentejn sħaħ qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018 – jiġifieri sal-1 ta' Ġunju 2016.

Matul l-2015, l-inkorporazzjoni sfiha tal-gwida ġdida u tal-aġġornamenti ġodda tal-gwida dwar BPR fil-proċeduri "normali" tal-ECHA kif definiti fil-proċedura aġġornata tal-konsultazzjoni tal-gwida MB/63/2013 (finali) ser tiġi kkompletata. Dan jestendi għall-konsultazzjoni diġà implimentata tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali kull meta xieraq għal gwida REACH jew CLP (eż. kif diġà sar matul l-2014 għall-aġġornament għall-Gwida dwar il-preparazzjoni ta' dossiers għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati (Gwida CLH)). Dawn il-konsultazzjonijiet u intrakonsultazzjonijiet iktar kompleti ser jikkontribwixxu għall-istadju primarju MAWP għall-2015 ta' "mekkaniżmu ta' koordinazzjoni aħjar stabbilit għall-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet li jirrelataw għal sustanzi kimiċi".

Uffiċċju tal-Infurmazzjoni ECHA u BPR, Network ta' Uffiċċji tal-Infurmazzjoni CLP u REACH (HelpNet)

Matul l-2015, l-Uffiċċju Nazzjonali ECHA ser ikompli jipprovdi pariri u assistenza lil dawk fid-dmir fl-industrija bi tweġiba għad-domandi tagħhom. F'dan ir-rigward, għal kwistjonijiet regolatorji, l-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni ECHA ġeneralment jaġixxi biss bħala l-ewwel punt ta' domanda għal dawk li ma jiġux mill-UE/ŻEE minħabba li l-kumpaniji huma l-ewwel mistennija jindirizzaw id-domandi tagħhom lill-uffiċċju tal-infurmazzjoni nazzjonali rispettiv li mhux biss jista' jagħti tweġiba għal ħafna mill-mistoqsijiet iżda wkoll bil-lingwa(i) nazzjonali tagħhom. Fir-rigward ta' l-għoti ta' sostenn meta jintużaw l-għodod xjentifiċi tal-IT tal-ECHA, l-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA huwa l-ewwel stadju.

L-ECHA ser tenfasizza attivitajiet partikolarment biex tagħmeil SMEs u entitajiet "ġodda" fid-dmir konxji mill-obbligi BPR, CLP, PIC u REACH tagħhom, u biex ikollhom is-sostenn ta' uffiċċji tal-infurmazzjoni nazzjonali u tal-ECHA f'li jifmuhom. Bħala parti minn dan l-isforz, is-Segretarjat tal-HelpNet ser ikompli jippromwovi kooperazzjoni bejn uffiċċji tal-infurmazzjoni nazzjonali u l-kontropartijiet nazzjonali EEN (Network Ewropew tal-Impriża) tagħhom.

Barra minn hekk, il-preparazzjonijiet tal-industrija għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni REACH tal-2018 ser ikunu mexxejja sinifikanti għas-sostenn tal-ECHA fl-2015, b'enfasi partikolari fuq l-adattament ta' servizzi u għodod ta' sostenn għall-ħtiġiet ta' kumpaniji b'inqas esperjenza. L-iżvilupp u l-konsenja ta' attivitajiet ta' sostenn tal-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA u tal-HelpNet huma inklużi fil-Pjan Direzzjonali ta' Reġistrazzjoni tal-ECHA 2018 u ser jinvolvu wkoll b'mod speċifiku lil uffiċċji tal-infurmazzjoni REACH f'attivitajiet ta' sostenn u komunikazzjoni.

L-iskadenza CLP tal-2015 għall-klassifikazzjoni tat-taħlitiet ser tiddetermina wkoll ix-xogħol tal-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA: l-industrija ser tibbenefika minn orjentazzjoni iktar faċli lejn infurmazzjoni u gwida disponibbli; sforzi tal-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA ser jimmiraw lejn il-promozzjoni ta' implimentazzjoni b'suċċess minn utenti downstream ikkonċernati; is-Segretarjat tal-HelpNet ser jaħdem għal żieda fil-kuxjenza u fil-preparazzjoni tal-industrija permezz ta' sforzi konġunti ta' uffiċċji tal-infurmazzjoni nazzjonali CLP.

Billi jibnu fuq is-sostenn mibdi fl-2014, utenti MSCA jistgħu jistennew sostenn mill-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni ECHA fir-rigward tal-aċċess tagħhom għal sistemi tal-IT tal-ECHA u l-użu tagħhom. Amministraturi tal-utenti MSCA ser jinżammu aġġornati kif meħtieġ dwar kwalunkwe żvilupp tal-għodod xjentifiċi tal-IT tal-ECHA permezz ta' pjattaforma għall-iskambju tal-infurmazzjoni u matul diversi avvenimenti organizzati għalihom.

B'mod ġenerali, dawn l-attivitajiet għall-benefiċċju tal-industrija u l-MSAs huma parti mill-isforzi tal-ECHA lejn il-miri strateġiċi 1 u 2 tagħha – għat-titjib tal-kwalità ta' dossiers ippreżentati u biex amministrazzjonijiet pubbliċi jiġu megħjuna jagħmlu l-aħjar

użu possibbli minn din id-dejta ppreżentata.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Utenti MSCA tas-sistemi tal-IT tal-ECHA, uffiċċji nazzjonali tal-industrija u nazzjonali jirċievu sostenn f'waqtu u effiċjenti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt REACH, CLP, il-BPR u PIC.
2. L-industrija tirċievi sostenn permezz ta' dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt REACH, CLP, il-BPR u PIC.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' mistoqsijiet tal-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA mogħtija twegħiba fil-qafas ta' żmien stabbilit (15-il jum utli).	90% (REACH/CLP); 75% (BPR); 75% (sostenn tal-IT tal-MSCA)	Rapport dwar l-Oġġett Kummerċjali kull xahar
Livell ta' sodisfazzjon tal-utenti bil-kwalità tas-servizzi tal-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA.	Għolja	Inkjesti għall-klijent
Livell ta' sodisfazzjon ta' amministraturi tal-utenti tal-MSCA bis-servizzi ta' sostenn IT MSCA tal-ECHA	Għolja	Inkjesti għall-klijent
Livell ta' sodisfazzjon ta' membri HelpNet bis-Segretarjat HelpNet	Għolja	Inkjesti għall-klijent
Livell ta' sodisfazzjon espress f'feedback mill-utenti tal-gwida.	Għolja	Inkjesti għall-klijent kull sena

3. Riżultati Prinċipali

Gwida

- Il-finalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' gwida mibdija fl-2014 għandha tiġi kkompletata fl-2015 (l-**aġġornamenti** kollha sakemm ma jkunux indikati bħala "**għodda**"):
 - Aġġornament tal-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (CSA) –elementi relatati tal-Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Infurmazzjoni u l-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA) – prijoritajiet li għandhom jiġu identifikati kmieni fl-2014 taħt il-programm CSA – li x'aktarx jinkludi l-Kapitolu R12 (Sistema tad-deskrittur tal-użu) u dokumenti oħra li jirrelataw għall-format u l-kontenut tar-Rapporti dwar is-Sigurtà Kimika (CSRs).

- Gwida dwar IR&CSA, Kapitolu R.7.a: Taqsima R.7.6 – Aġġornament ta' dokumenti ta' gwida li jitrattaw ġenerazzjoni waħda estiża ta' studji fuq it-tossiċità riproduttiva (EOGRTS).
- Gwida dwar IR&CSA, Kapitolu R7a, Taqsimiet R.7.2 (Ġilda u Għajnejn).
- Gwida dwar ir-Regolament dwar Prodotti Bijoċidali (BPR): Vol. I Identità/Phys-Kim/Analitika: Parti B Valutazzjoni tal-Effett/Perikolu (**ġdida**).
- Gwida dwar il-BPR: Gwida dwar Mikroorganiżmi (**ġdida**).
- Għandu jingħata bidu għal proġetti ta' gwida li għandhom jipproduċu abbozzi ta' dokumenti ta' konsultazzjoni matul I-2015 (I-**aġġornamenti** kollha, sakemm ma jkunux indikati bħala "**ġodda**"):
 - Gwida dwar I-ittikkettar u I-imballaġġ skont ir-Regolament (KE) 1272/2008 (CLP).
 - Gwida għall-identifikazzjoni u I-għoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP.
 - Gwida dwar IR&CSA Kapitolu R.6: Relazzjonijiet Struttura-Attività Kwantitattiva (QSARs) u r-raggruppament ta' sustanzi kimiċi – għandha tintuża biss jekk input addattat għal dan l-aġġornament isir disponibbli minn aġġornamenti ta' gwida OECD li jistgħu jiġu ppubblikati fit-tieni nofs tal-2014 u/jew il-workshop tal-ECHA previst għall-Ħarifa tal-2014.
 - Aktar aġġornamenti tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika (CSA) – elementi relatati tal-Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Infurmazzjoni u I-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA) – li jirrelataw għall-istima tal-espożizzjoni u – karatterizzazzjoni tar-riskju.
 - Aġġornament għal dokumenti ta' gwida fir-rigward ta' nanomaterjali, jekk l-eżistu tar-reviżjoni tal-annessi REACH fir-rigward tan-nanomaterjali jkun diġà disponibbli kmieni fl-2015.
 - Gwida dwar IR&CSA, Kapitolu R7a, Taqsimiet R.7.3 (Sensitizzazzjoni).
 - Gwida dwar il-BPR: Vol. II Effikaċja: Parti B Espożizzjoni, Effett/Perikolu u Stima tar-Riskju (**ġdida**).
 - Gwida dwar il-BPR: Vol. III Saħħa Bniedem: Parti B Espożizzjoni, Effett/Reviżjoni tal-istima tal-Perikolu u tar-Riskju tad-dokument komplet u b'mod partikolari taqsima dwar l-Istima tal-Espożizzjoni (jiġifieri aġġornament ta' test ippubblikat f'Diċembru 2013).
 - Gwida dwar il-BPR: Volumi I, II III & IV: Parti C Valutazzjoni (**ġdida**).

Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA

Sostenn lil kumpaniji

- Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-industrija dwar REACH, CLP, ir-regolamenti BPR u PIC u I-għodod tal-IT xjentifiċi tal-ECHA.
- Sessjonijiet wiċċ imb'wiċċ ipprovduti f'avvenimenti tal-partijiet interessati.
- Mogħtija webinars dwar l-użu tal-għodod xjentifiċi tal-IT tal-ECHA.

Sostenn lil MSCAs

- Utenti MSCA jingħataw sostenn fil-bidu tal-istabbiliment ta' aċċess remot u matul fażijiet ta' skjerament tal-għodod tal-IT tal-ECHA.
- Huwa sostnut il-bini ta' kapaċità bażika biex jintużaw l-għodod tal-IT tal-ECHA fl-MSAs.
- Bħala punt singolu ta' kuntatt għal MSCAs, tingħata tweġiba għal mistoqsijiet dwar kwistjonijiet li jirrelataw għall-għodod tal-IT xjentifiċi tal-ECHA.
- Huwa pprovdut taħriġ lil amministraturi tal-utenti u lil utenti finali fl-MSAs dwar il-kwistjonijiet tekniċi u l-funzjonalitajiet tal-utenti tal-għodod tal-IT tal-ECHA.

Sostenn lil uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali

- Ipprovdut sostenn organizzazzjonali u amministrattiv lill-Grupp ta' Tmexxija HelpNet, bħall-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija HelpNet (għall-inqas darba fis-sena) u workshops.
- Ippreparati abbozzi ta' mistoqsijiet frekwenti (FAQs), diskussi mill-Grupp ta' Tmexxija HelpNet u ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA kif maqbul ma' HelpNet.
- Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali.
- Magħmula possibbli l-bini tal-kapaċità, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u l-iskambju ta' informazzjoni ta' uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali BPR, CLP u REACH għas-sostenn tal-klijent.
- Ipprovdut taħriġ ta' uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali dwar proċessi u funzjonalitajiet tal-industrija ta' għodod tal-IT xjentifiċi tal-ECHA.

1.8. Għodod xjentifiċi tal-IT (Attività 6)

Ir-Regolamenti REACH, CLP u dwar Prodotti Bijoċidali għandhom impatt fuq għadd sinifikanti ta' kumpaniji – aktar minn 70 000 entità legali hija rreġistrata f'REACH-IT – u jeħtieġu preżentazzjoni, pproċessar u l-kondiviżjoni ta' ammonti enormi ta' dejta bejn l-industrija u –awtoritajiet. Għaldaqstant, l-ECHA għandha tkun aġenzija bbażata fuq l-IT u l-konsenja f'waqtha ta' sistemi tal-IT għall-industrija, l-Istati Membri u l-użu proprju tal-Aġenzija huma primarji għas-suċċess tal-ECHA.

1. Punti prinċipali tas-sena

Li jingħata sostenn tal-IT għall-proċessi regolatorji huwa wieħed mill-oqsma ta' azzjoni strateġija tal-ECHA (MAWP 4.2.1).

Fl-2015, l-ECHA ser tirrilaxxa Pjattaforma ta' Tqassim ġdida bbażata fuq sistema ta' IT ristrutturata li tindirizza n-nuqqasijiet, il-limitazzjonijiet u l-irbit tas-sistemi ta' tqassim preżenti, li jirrappreżentaw il-magna tal-ipproċessar tad-dejta tal-paġni web dwar informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi ppubblikata fuq il-websajt tal-ECHA.

Il-Pjattaforma ta' Tqassim ser timplimenta l-viżjoni l-ġdida għas-soddisfazzjon tal-kompiti ta' tqassim tal-ECHA, aktar iffukata fuq l-integrazzjoni ta' informazzjoni relatata tul proċessi u regolamenti – li fl-aħħar tasal għall-mudell tal-“profil qasir tas-sustanzi kimiċi” – u l-faċilità tal-użu għall-partijiet interessati.

Biex tintlaħaq il-mira li tkun offerta integrazzjoni aħjar tal-informazzjoni pubblika dwar sustanzi, i-pjattaforma l-ġdida ser tgħin l-investment magħmul mill-ECHA dwar l-integrazzjoni tad-dejta u fuq sistemi ta' mmaniġġjar ta' każijiet interni u ġġib flimkien dejta ppreżentata mill-industrija kif ukoll dejta maħluqa mill-proċessi regolatorji f'dehra ċentrika tas-sustanzi.

Isir progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' REACH-IT, IUCLID u Chesar biex tkun żgurata l-introduzzjoni ta' verżjonijiet ġodda fl-2016.

L-użu ta' formati IUCLID huwa obligatorju f' REACH, CLP u l-BPR. L-għodda tintuża ħafna, l-ECHA tgħodd għal 30 000 utent irreġistrat; L-ECHA kejjlet fuq medja 3 000 - 4 000 download għal kull verżjoni ta' rilaxx. Il-verżjoni preżenti tagħha, IUCLID 5, kienet maħsuba fl-2004 u teħtieġ fażi ġdid ta' diżinn mill-ġdid. L-użu ta' formati IUCLID huwa obligatorju f'REACH, CLP u l-BPR. Fl-2015, il-proġett IUCLID 6 ser jikkompleta r-ristrutturazzjoni tal-fondazzjonijiet tekniċi tal-applikazzjoni u l-ECHA ser tibda tużh internament. Mal-pass tal-bidliet tal-ambjent tal-IT, huwa normali fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott li wieħed jgħaddi minn fażi ġdida ta' ddiżinjar mill-ġdid. REACH-IT 3 ukoll ser imissha dan l-aġġornament teknoloġiku u tiġi ristrutturata biex taddatta għal IUCLID 6 u tilħaq livell ta' manutenzjoni ħafna aħjar. L-iżvilupp tal-bidliet huwa meħtieġ hekk kif il-preparamenti għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018 jibdwew.

Il-proġett tal-integrazzjoni tad-dejta huwa magħluq u nbidel f'servizz ta' mmaniġġjar tad-dejta fl-2014. Wara programm ta' reviżjoni multiannali tas-sistemi tal-IT tal-ECHA, fl-2015 il-Pjattaforma għall-Integrazzjoni tad-Dejta (DIP) hija fl-aħħar il-final għas-sistemi ta' ouput tal-ECHA, notevolment: Tqassim u Daxxbord ta' Portal għall-awtoritajiet. L-għoti ta' dejta minn IUCLID u mis-sistemi ta' preżentazzjoni lid-DIP huwa aġġornat biex jaqbel mal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' dawn is-sistemi.

Il-funzjonalitajiet tal-Portal tal-Infurmazzjoni REACH għall-Infurzar (RIPE) huma kkonsolidati f'Daxxbord ta' Portal, biex fl-aħħar jimplimentaw il-kunċett ta' aċċess wieħed għal awtoritajiet.

Is-sistemi ta' preżentazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali – R4BP – u għar-Regolament dwar Kunsens Infurmat minn Qabel – ePIC – ser ikunu qed isirlihom manutenzjoni matul l-2015. Fl-2015, l-awtoritajiet tal-infurzar fir-Regolament swar il-Prodotti Bijoċidali ser ikollhom is-sostenn tas-sistemi tal-IT tal-ECHA.

L-ECHA ser tippovdi soluzzjoni ta' kollaborazzjoni ddedikata offruta mill-Kummissjoni u bbażata fuq CIRCA-BC. L-iskop tal-proġett hu li jiżgura kontinwazzjoni tal-użu ta' CIRCA-BC – pjattaforma magħrufa tajjeb minn utenti esterni tal-ECHA – filwaqt li fl-istess ħin jaġġorna s-sigurtà billi jintroduċi awtentikazzjoni qawwija. Għaldaqstant, is-soluzzjoni ser tippovdi lil membri tal-Kumitat, lil MSCAs, lill-Kummissjoni u lil gruppi ta' ħidma bi pjattaforma ta' kollaborazzjoni familjari fuq il-web, li tkun ukoll iktar sigura. L-ECHA ser tiffaċilita t-tranżizzjoni mal-utenti esterni tagħha billi tippovdi servizz ta' sostenn fil-kuntest tas-servizz ta' sostenn tal-IT diġà eżistenti, tal-MSAs.

Il-programm tal-Immaniġġjar tal-Kontenut tal-Impriżi (ECM) – li ngħata bidu fl-2011 biex jagħti sostenn tal-IT lill-proċessi regolatorji tal-Aġenzija permezz ta' sistemi tal-IT ta' "immaniġġjar tal-każijiet" – ser jikkompleta l-estensjoni għall-proċessi regolatorji kollha REACH u CLP u, wara l-esperjenza ottenuta, ser jimplementa titjib biex tiżied l-effiċjenza fl-ipproċessar.

Dawn is-sistemi tal-IT ta' "immaniġġjar tal-każijiet" – notevolment "ECM-DEP" għas-sostenn tal-proċessi ta' valutazzjoni u l-"Każ Dinamiku" għas-sostenn tal-proċessi l-oħrajn kollha REACH u CLP – jintużaw għall-ipproċessar tal-każijiet kummerċjali (eż. il-kontroll tal-konformità ta' dossier irregjistrat) u bħala repożitorju għad-dokumenti ġġenerati kif ukoll ir-rintraċċar tal-istadji tal-proċess. Diġà fl-2014, 2 931 kontroll ta' konformità, 880 proposta ta' ttestjar kienu pproċessari fl-ECM-DEP; fl-2015, huwa stmat li bejn wieħed u ieħor 5 000 każ regolatorju ser jiġi pproċessat f'ECM-DEP u Każ Dinamiku.

Fl-2015, is-sistemi tal-IT tal-"immaniġġjar tal-każijiet" ser jiġu integrati mal-Pjattaforma ta' Tqassim ġdida u ser ikunu ta' sostenn għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ECHA dwar il-kontroll ta' dokumenti u rekords dwar iż-żamma ta' dokumenti u rekords, kif stabbilit fl-IQMS. Bħala eżitu, l-immaniġġjar tar-rekords ser jiġi applikat b'konsistenza u b'mod awtomatizzat tul il-proċessi regolatorji kollha.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-ECHA tippovi għodod u servizzi relatati speċjalizzati, li jsostnu b'mod effiċjenti lill-MSAs u lill-partijiet interessati industrijali fil-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' dossiers lill-ECHA.
2. Sistemi IT tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb jippermettu lill-ECHA tirċievi u tippovezza tajjeb il-preżentazzjonijiet, twettaq valutazzjonijiet u attivitajiet ta' stima tar-riskji kif ukoll li tqassam l-informazzjoni pubblika, fil-leġiżlazzjonijiet REACH, CLP, tal-Bijoċidi u PIC.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Livell ta' sodisfazzjon ta' utenti esterni bl-għodod tal-IT (IUCLID, REACH-IT,	Għolja	Inkjesta kull sena

R4BP 3, CHESAR , ePIC u Tqassim).		
-----------------------------------	--	--

3. Riżultati Prinċipali

- L-ewwel rilaxx tal-pjattaforma l-ġdida ta' tqassim.
- Ikkompletati l-fondazzjonijiet tekniċi IUCLID 6.
- Ikkompletati l-fondazzjonijiet tekniċi REACH-IT 3.
- CIRCA-BC b'rinforz ta' sigurtà aċċessibbli għal utenti esterni u operazzjonali s-servizz ta' sostenn għall-utenti.
- Is-sistemi tal-IT tal-immaniġġjar tal-każijiet jintużaw kollha mill-proċessi REACH u CLP, huwa pprovdut titjib fl-effiċjenza u jingħata sostenn aħjar lill-proċessi regolatorji taħt REACH.
- L-immaniġġjar tar-rekords huwa applikat b'konsistenza mill-proċessi REACH u CLP.
- Il-konsolidazzjoni ta' RIPE u d-daxxbord tal-Portal f'punt wieħed ta' aċċess għall-Awtoritajiet.
- Infurzar fir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali sostnut mis-sistemi tal-IT tal-ECHA.

1.9. Attivitàjiet xjentifiċi u konsulenza teknika lill-Istituzzjonijiet u I-Korpi tal-UE (Attività 7)

L-ECHA hija organizzazzjoni regolatorja b'missjoni f'kuntest xjentifiku u tekniku. Għaldaqstant, l-ECHA teħtieġ li tinvesti aktar b'mod kontinwu fl-iżvilupp tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tagħha biex tkun tista' tibbaża d-deċiżjonijiet, l-opinjoni u l-pariri tagħha fuq għarfien xjentifiku jew tekniku aġġornat. Dan jippermetti wkoll lill-ECHA tagħti pariri, fuq talba, lill-Istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE dwar kwistjonijiet rilevanti, bħall-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni.

1. Punti prinċipali tal-2015

L-ECHA tkompli timplimenta t-tielet mira strateġija tagħha, jiġifieri tindirizza sfidi xjentifiċi billi sservi bħala qalba għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropew u atturi oħra. Dan ikun immexxi mill-Istrateġija tax-Xjenza stabbilita fl-2014. F'dan il-kuntest, l-ECHA b'mod partikolari ser tkompli timplimenta l-qafas tal-immaniġġjar tal-kompetenza bħala parti integrali taċ-ċiklu ta' ppjanar u operazzjonali tal-Aġenzija, u ser tanalizza l-prattikabbiltà li dan jiġi estiż għal oqsma ta' prijorità ulterjuri kif ukoll għall-membri tal-Kumitat tal-ECHA minbarra għall-persunal xjentifiku proprju wara l-fażi pilota fl-2014.

L-ECHA tkompli tikkontribwixxi b'mod attiv għall-iżvilupp ulterjuri ta' metodi ta' ttestjar, inklużi metodi ta' ttestjar alternattivi u Approċċ Integrat għall-Ittestjar u l-Valutazzjoni (IATA), b'enfasi speċjali fuq IATAs għas-sensitizzazzjoni tal-ġilda. Dan ix-xogħol jitwettaq bl-iskop li jkun ta' sostenn għal reġistranti li jużaw l-iktar metodi u approċċi aġġornati meta jippreparaw għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018. L-ECHA ser tippromwovi wkoll id-djalogu regolatorju tax-xjenza bejn l-awtoritajiet u r-riċerkaturi fl-isforzi tal-promozzjoni ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.

L-ECHA tkompli timplimenta l-pjan tax-xogħol tagħha fuq nanomaterjali u titratta b'mod effettiv is-sustanzi f'nanofurma taħt ir-Regolamenti REACH, CLP, u tal-Prodotti Bijoċidali. L-ECHA ser tiffoka b'mod partikolari fuq l-implimentazzjoni tar-reviżjoni mistennija tal-annessi REACH biex taddattom speċifikament għal nanomaterjali bl-iskop ta' reġistrazzjoni, u skont l-adozzjoni ta' din ir-reviżjoni taħseb li żżid l-attivitàjiet tagħha fuq i—nanomaterjali fl-qosma li ġejjin:

- Aktar attivitàjiet u diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma tan-Nanomaterjali;
- Aġġornamenti u bidliet fil-gwida REACH u dokumenti oħra ta' konsulenza;
- Sostenn lil MSCAs u lill-Kummissjoni b'pariri xjentifiċi u tekniċi;
- Aktar attivitàjiet f'livell internazzjonali, l-iktar permezz tal-OECD, fir-rigward tal-ittestjar u l-valutazzjoni ta' nanomaterjali.

L-ECHA tagħmel sforzi biex tidentifika b'effiċjenza sustanzi li jixbħu lil PBT u li jħarbtu l-endokrina taħt REACH, CLP, u l-BPR, bl-għajnuna tal-grupp espert PBT u l-grupp ta' konsulenza ta' esperti fir-rigward ta' sustanzi li jħarbtu l-endokrina. Tingħata attenzjoni lill-konsistenza ta' valutazzjoni nekm dawn ir-regolamenti u attenzjoni lejn kriterji fil-ġejjieni li għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni għall-identifikazzjoni ta' entitajiet li jħarbtu –endokrina.

L-ECHA ser tibda l-preparazzjoni tat-tieni rapport taħt l-Artikolu 117(2) dwar l-operazzjoni ta' REACH.

L-ECHA ser tirrevedi u ssaħħaħ aktar il-kooperazzjoni xjentifika tagħha maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni, u tiżviluppa aktar il-kooperazzjoni xjentifika ma' Aġenziji oħra tal-UE kemm bilateralment (b'mod partikolari EFSA u EMA), kif ukoll permezz tan-netwerk tal-Aġenziji tal-UE għal pariri xjentifiċi.

Fuq il-bażi tal-proposta prevista tal-Kummissjoni għal Regolament fil-ġejjieni dwar il-Fertilizzanti, l-ECHA ser tibda tipprepara l-implimentazzjoni tar-reġistru tal-UE, għall-ġejjieni, għal biostimulanti tal-pjanti u addittivi tal-fertilizzanti agronomiċi spjegati fil-proposta għal Regolament rivedut dwar il-Fertilizzanti. Dan jimplika l-preparazzjoni tal-ħtiġiet tal-baġit għall-iżvilupp tal-għodod li jippermettu li l-proċeduri tar-reġistrazzjoni jkunu qegħdin joperaw hekk kif ir-Regolament rivedut dwar il-Fertilizzanti jidħol fis-seħħ fil-ġejjieni: dan il-baġit għandu jkopri x-xogħol ta' preparazzjoni għall-għodda tal-IT, u kompiti oħra fil-ġejjieni tal-ECHA. Barra minn hekk, l-ECHA ser issostni s-servizzi tal-Kummissjoni fil-proċedura leġiżlattiva li tirrigwarda r-Regolament dwar il-Fertilizzanti, sa fejn huma kkonċernati l-proċeduri ta' reġistrazzjoni għal addittivi tal-fertilizzanti.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-ECHA tagħti fuq talba konsulenza ta' kwalità xjentifika u teknika għolja dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi, inklużi nanomaterjali u sustanzi li jħarbtu l-endokrina, sustanzi simili għal PBT, metodi ta' ttestjar u l-użu ta' metodi alternattivi.
2. L-ECHA kapaċi tħaddan żviluppi xjentifiċi u ħtiġiet emerġenti għax-xjenza regolatorja.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza ta' verifika
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni u lill-MSAs.	Għolja	Inkjesta kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Analiżi tal-prattikabbiltà biex l-analiżi tal-kompetenza u attivitajiet għall-bini tal-kapaċità jiġu estiżi għal membri tal-Kumitat u għal suġġetti/oqsma xjentifiċi addizzjonali.
- Organizzat workshop topiku xjentifiku wieħed eż. fil-qasam tal-istima tar-riskju tal-ħamrija.

- Kooperazzjoni ma' soċjetajiet xjentifiċi (SETAC⁴, EUROTOX⁵); li tospita sessjonijiet speċjali f'laqgħat annwali.
- Il-pjan ta' ħidma tal-ECHA dwar metodi ta' ttestjar, inklużi metodi alternattivi, aġġornat.
- Aġġornamenti għall-paġni web tal-ECHA dwar linji gwida ta' ttestjar UE/OECD aġġornati, b'informazzjoni lir-reġistranti.
- Eżempji/gwidi prattiċi ppubblikati dwar l-użu ta' metodi alternattivi.
- Qafas ta' valutazzjoni read-across (RAAF) irfinut u estiż għal effetti ambjentali.
- Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' Linji Gwida ta' Ttestjar OECD u għal Rotot b'Eżiti ta' Żvantaġġ/Mezzi ta' Azzjoni, kif ukoll għall-iżvilupp IATA tal-OECD u l-ECHA ta' alternattivi għal punti finali tossikoloġiċi differenti, u b'mod partikolari fir-rigward tal-IATA għas-sensitizzazzjoni tal-ġilda bl-idea tal-finalizzazzjoni tagħha fl-2016.
- Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ulterjuri ta' metodoloġiji dwar l-istima tal-perikolu u tar-riskju, inklużi, eż. analiżi tal-inċertezza, u approċċi għal punti finali kkumplikati bħat-tossiċità riproduttiva.
- Kontribuzzjoni għal proġetti ta' riċerka FP7 fil-qasam ta' karatterizzazzjoni, perikolu, stima tal-espożizzjoni u stima tar-riskji, u mmaniġġjar tar-riskji ta' nanomaterjali.
- Kontribuzzjonijiet għas-segwitu tar-reviżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rakkmandazzjoni tad-definizzjoni ta' nanomaterjali.
- Sostenn lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni riveduta dwar il-Fertilizzanti.

⁴ Soċjetà ta' Tossikoloġija Ambjentali u Kimika.

⁵ Federazzjoni ta' Tossikoloġisti Ewropej u ta' Soċjetajiet Ewropej tat-Tossikoloġija.

2. Korpi u Attivitàjiet Trasversali tal-ECHA

2.1 Kumitati u Forum (Attività 8)

Il-Kumitati – il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC), il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC), il-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) u l-Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali (BPC) – jiffurmaw parti integrali tal-ECHA. Jiżvolġu rwol kruċjali f'li jipprovdu konsulenza xjentifika u teknika (jiġifieri ftehim u opinjonijiet) bħala bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-ECHA. Il-Forum għall-Iskambju tal-Infurmazzjoni dwar l-Infurzar jipprovdi netwerk ta' awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti REACH, CLP u PIC, bl-iskop li jiġi armonizzat l-approċċ tagħhom għall-infurzar.

1. Punti prinċipali tas-sena

Fl-2015, il-Kumitati REACH qed joperaw b'kapaċità sħiħa biex jipprovdu konsulenza xjentifika u teknika ta' kwalità għolja f'limiti ta' żmien stretti. L-isfida prinċipali tagħhom hi li jimmaniġġjaw tagħbija tax-xogħol aktar għolja milli fi snin preċedenti filwaqt li jassiguraw li l-parir tagħhom jiffoka fuq l-elementi rilevanti fil-kuntest regolatorju, jiġifieri hija tajba għall-iskop. Il-Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali qiegħed ukoll jiffaċċjaw tagħbija tax-xogħol iżjed qawwija u jkun jeħtieġ li jilħaq verloċità qawwija fl-iffurmar tal-opinjonijiet tiegħu. Dan jeħtieġ li membri tal-Kumitat iżommu livell għoli ta' kontribuzzjoni għax-xogħol tal-Kumitat billi jieħdu b'mod regolari r-rwol ta' rapportatur minbarra kompiti ta' evalwazzjoni bejn il-pari u attendenza f'laqgħat tal-Kumitat. Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtieġu li jipprovdu sostenn adegwat biex membri tal-Kumitat iwettqu x-xogħol tagħhom.

Sfidi addizzjonali jkunu li jkompli jiġi pprovdut livell għoli ta' trasparenza filwaqt li, fl-istess ħin, jiġu rispettati ħtiġiet ta' kunfidenzjalità u jkunu ġestiti b'mod effettiv kunflitti ta' interessi potenzjali fil-Kumitati.

Is-Segretarjat tal-Kumitati ikollu b'mod effiċjenti u effettiv imexxi din it-tagħbija kbira ta' xogħol biex jissodisfa l-limiti ta' żmien legali stretti filwaqt li jżomm il-kwalità għolja tax-xogħol. B'mod partikolari, il-ħtieġa dejjem tiżdied għal relaturi u korrelaturi u sħubija attiv jkunu jeħtieġu komunikazzjoni tajba kontinwa mal-MSAs u mal-Bord ta' Tmexxija. Bħala parti mill-preparazzjoni għat-tieni rapport tal-ECHA taħt l-Art 117(2) ta' REACH, l-Aġenzija ser tanalizza possibiltajiet differenti għall-ġejjieni biex il-Kumitati jitħallew jitrattaw it-tagħbija tax-xogħol tagħhom dejjem tiżdied.

Il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC)

Fl-2015, il-proċessi kollha tal-Kumitat (jiġifieri, l-identifikazzjoni SVHC, opinjoni dwar l-abbozz tar-rakkmandazzjoni tal-ECHA għall-Anness XIV, il-valutazzjoni tad-dossier, opinjonijiet dwar CoRAP u l-valutazzjoni tas-sustanzi) qegħdin joperaw b'volum massimu għat-tieni sena konsekuttiva. B'mod partikolari, il-valutazzjoni tad-dossier ser tiffoka fuq kontrolli ta' konformità filwaqt li tkompli tinidizza deċiżjonijiet ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar, u l-valutazzjoni tas-sustanzi ser tipproċessa d-deċiżjonijiet li jitolbu aktar infurmazzjoni għal sustanzi mit-tielet lista CoRAP. L-MSC ser tkompli tiffoka fuq l-effiċjenza tal-proċeduri u l-prattiki ta' ħidma tagħha, u tirrevedihom meta neċessarju.

Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC)

Iż-żewġ Kumitati ser jitrattaw numru kbir ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni b'mod parallel ma' proċessi oħra – jiġifieri CLH fil-każ ta' RAC u dossiers ta' restrizzjoni fiż-żewġ Kumitati. It-tagħbija tax-xogħol għolja ser tittestja l-kapaċità massima tagħhom u l-effiċjenza tal-proċeduri tagħhom. Ir-rakkmandazzjonijiet biex jitjeb il-proċess ta' restrizzjoni ser jiġu implimentati biex iżidu l-effiċjenza fejn possibbli. Issir l-ewwel reviżjoni ta' lezzjonijiet mitgħallma mill-proċess ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni.

L-SEAC ser ikompli jindirizza kwistjonijiet kumplessi ta' analiżi soċjo-ekonomika u l-valutazzjoni ta' impatti għas-saħħa u ambjentali.

Interazzjoni u kooperazzjoni tajba bejn RAC u SEAC ser ikompli jkunu essenzjali għall-komunikazzjoni tar-riskji u l-inċertezzi biex tkun iffaċilitata l-analiżi soċjo-ekonomika. B—istess mod, kooperazzjoni tajba bejn RAC u l-BPC hi meħtieġa biex ikun hemm koordinazzjoni effettiva tal-iffurmar tal-opinjoni ta' CLH għal sustanzi attivi bijoċidali. Kooperazzjoni ma' kumitati u korpi xjentifiċi oħra tal-UE (b'mod partikolari l-Kumitat Xjentifiku dwar Limiti tal-Espożizzjoni fuq ix-Xogħol (SCOEL)) ser ikompli biex jiġu evitati u solvuti malajr diverġenzi potenzjali ta' opinjonijiet.

Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali (BPC)

FI-2015, il-Kumitat ser jilħaq il-veloċità massima fl-iffurmar tal-opinjonijiet għal sustanzi attivi u jkun jeħtieġ ukoll jipproċessa l-ewwel opinjonijiet għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni u emenda tal-Anness I mal-BPR (sustanzi attivi eliġibbli għall-proċedura tal-awtorizzazzjoni simplifikata). Barra minn hekk, opinjonijiet li jirrelataw għall-proċess ta' rikonoxximent reċiproku jistgħu jeħtieġ li jiġu konklużi. It-tagħbija tax-xogħol għolja tittestja l-kapaċità massima u l-effiċjenza tal-proċeduri tal-Kumitat.

Forum

FI-2015, ħafna mill-awttivitajiet tal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ser jiffukaw fuq proġetti ta' infurzar. Ir-rapport finali tat-tielet proġett ta' infurzar ikkoordinat mill-Forum (REF-3) dwar obbligi tar-reġistrazzjoni u li jstabilixxi kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali ser jiġi finalizzat u ppubblikat. Ir-raba' proġett ikkoordinat maġġuri tal-Forum (REF-4) (AĠĠORNAMENT: is-suġġett għandu jiġi magħżul f'Q4 tal-2014) kif ukoll it-tieni proġett pilota dwar l-awtorizzazzjoni ser jidħol fil-fażi preparatorja tiegħu, li jfisser li l-Forum ikun qiegħed jipprepara l-manwali rispettivi tal-proġett.

FI-2015, ser jibdew ukoll ispezzjonijiet taħt l-ewwel proġett pilota tal-Forum dwar l-awtorizzazzjoni biex b'hekk jitqiegħed fil-prattika wieħed mill-punti kardinali tal-MAWP tal-ECHA MAWP 2014-2018. Dan il-proġett pilota huwa maħsub biex jiġbor l-ewwel esperjenzi u biex jibni proċessi għall-kontroll ta' obbligi li jirrelataw għall-awtorizzazzjoni. Il-konsenja tar-rapport finali ta' dak il-proġett pilota hija ppjanata għal tmien is-sena 2015.

Matul l-2015, il-Forum hu mistenni wkoll jagħżel is-suġġett tal-ħames proġett maġġuri ta' infurzar tiegħu (REF-5) u jiddeċiedi dwar attivitajiet prattiċi ulterjuri li jirrelataw għal obbligi tal-awtorizzazzjoni.

Barra minn hekk, il-Forum ser ikompli wkoll jagħti sostenn lill-infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar billi jassisti lill-ECHA u lill-Kummissjoni Ewropea f'titjib kontinwu u f'modernizzazzjoni tal-għodod tal-IT disponibbli għal ispetturi bħal RIPE (REACH Portal tal-Infurzar) jew ICSMS (Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni

b'sostenn tal-Internet għas-sorveljanza tas-suq pan-Ewropew). F'dak ir-rigward, l-ECHA għandha l-intenzjoni tirrilaxxa t-tieni verżjoni maġġuri ta' RIPE integrata bl-għodda tad-Daxxbord Portal għall-MSAs fl-ewwel nofs tal-2015.

Wara li jkun espanda l-firxa ta' deċiżjonijiet tal-ECHA segwita mill-ispetturi fl-2014, il-Forum ser ikompli jimmobilizza l-awtoritajiet biex jużaw l-informazzjoni tal-ECHA b'intelliġenza u jidentifika u jindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib (it-tieni mira strateġija tal-ECHA tal-MAWP tagħha 2014-2018). Dan ikun iffaċilitat permezz ta' żvilupp u simplifikazzjoni ulterjuri tal-interkonnessjonijiet istituzzjonali bejn l-ECHA u l-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali u jintlaħaq bid-deskrizzjoni progressivament dettaljata tal-proċessi ta' segwitu għat-tipi differenti ta' deċiżjonijiet u, potenzjalment, permezz ta' ttestjar prattiku fi proġetti pilota fuq skala żgħira.

Bħal fis-snin preċedenti, il-Forum ser isostni wkoll b'mod ulterjuri l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ispetturi billi jiżviluppa u jagħti taħriġ kull sena għal persuni li jħarrġu li mbagħad iħarrġu huwa wkoll ispetturi fuq livell nazzjonali.

Il-konsenja f'waqtha ta' pariri ta' kwalità dwar l-infurzabbiltà ta' proposti ta' restrizzjoni sersert tkun ukoll prodott primarju tax-xogħol ġenerali tal-Forum. Addizzjonalment, il-Forum ser jaħdem fuq l-espansjoni ulterjuri tal-kompendju tiegħu ta' metodi analitiċi rrakkmandati biex jikkontrollaw konformità mar-restrizzjonijiet elenkati fl-Anness XVII ta' REACH.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita x-xogħol tal-Kumitati b'effiċjenza u effettività biex il-Kumitati jkunu jistgħu:
 - jirrispettaw il-linji ta' żmien mogħtija fil-leġiżlazzjoni, u.
 - jagħtu konsulenza xjentifika u teknika ta' kwalità għolja, opinjonijiet u ftehim li jsostnu t-teħid regolatorju tad-deċiżjonijiet b'mod trasparenti filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità neċessarja.
2. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita l-ħidma tal-Forum b'mod effiċjenti u effettiv biex ikun jista':
 - jsaħħaħ u jarmonizza aktar l-infurzar effettiv tar-regolamenti REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE, filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità neċessarja, u.
 - jippromwovi infurzar armonizzat tar-regolamenti REACH, CLP u PIC.
3. Kunflitti tal-opinjoni mal-kumitati xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE huma fil-parti l-kbira pprevenuti u eventwalment solvuti permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' interess reċiproku, u kooperazzjoni attiva bejn il-Kumitati rispettivi.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza ta' verifika
Perċentaġġ ta' opinjonijiet/ftehim mogħti fil-qafas ta' żmien legali.	100 %	Rapport intern kull sena
Perċentaġġ ta' ftehim unanimu MSC.	80 %	Rapport intern kull sena
Perċentaġġ ta' opinjonijiet tal-Kumitat addottati b'konsensus.	80 %	Rapport intern kull sena
Grad ta' opinjonijiet tal-Kumitat meqjusa fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni.	Għolja	Rapport intern kull sena
Livell ta' soddisfazzjon tal-membri u parteċipanti oħra bil-funzjonament tal-Kumitati u l-Forum.	Għolja	Inkjesta, kull sentejn ⁶
Kunflitti ta' opinjonijiet li jseħħu mal-kumitati xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE.	F'każijiet ġustifikati tajjeb biss	Rapport intern ta' valutazzjoni kull sena

3. Riżultati prinċipaliKumitat tal-Istati Membri

- Aktar minn 90⁷ ftehim unanimu tal-MSK dwar deċiżjonijiet ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar u kontrolli ta' konformità, li joriġinaw minn deċiżjonijiet ta' abbozz ippreparati fl-2012-2015.
- Preparazzjoni ta' mhux inqas minn 35 ftehim unanimu dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' sustanzi.
- Opinjoni dwar it-tielet abbozz ta' aġġornament tal-CoRAP.
- Ftehim unanimu MSC (jew opinjonijiet) dwar proposti tal-Anness XV għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC) ippreparat mill-MSKAs jew mill-ECHA.
- Opinjoni dwar is-sitt rakkmandazzjoni ta' abbozz tal-ECHA għall-Anness XIV.
- Sitt laqgħat plenarji u laqgħat addizzjonali tal-grupp ta' ħidma.

⁶ Membri u parteċipanti oħra tal-Kumitati: valutazzjoni tal-indikatur issir fl-2015.

⁷ Dan in-numru huwa bbażat fuq l-assunzjoni li madwar 40 % tal-każijiet imorru l-MSK u madwar 20 % minn dawn jiġu riferiti lill-Kummissjoni u għaldaqstant mhumiex inklużi f'dan in-numru.

Kumitat għall-Istima tar-Riskji

- 50 opinjoni RAC dwar dossiers CLH.
- Disa' opinjonijiet RAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- Adozzjoni ta' 40 opinjoni RAC dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Adizzjoni ta' opinjonijiet RAC dwar talbiet mid-Direttur Eżekuttiv (Artikolu 77.3.c ta' REACH).
- Sa sitt laqgħat plenarji u gruppi ta' ħidma kif ukoll l-użu regolari ta' adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub, kif xieraq.

Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika

- Disa' opinjonijiet SEAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- L-adozzjoni ta' 40 opinjoni SEAC dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Adozzjoni ta' opinjonijiet SEAC dwar talbiet mid-Direttur Eżekuttiv (Artikolu 77.3.c ta' REACH).
- Sa ħames laqgħat plenarji u gruppi ta' ħidma kif ukoll l-użu ta' adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub, kif xieraq.

Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali

- 50 opinjoni dwar sustanzi attivi.
- Ħames opinjonijiet dwar kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li jirrelataw għall-proċess ta' rikonossiment reċiproku.
- Opinjoni waħda dwar l-emenda tal-Anness I.
- Ħames laqgħat plenarji BPC u ħames laqgħat ta' kull grupp ta' ħidma permanenti.

Forum

- Rapport finali tat-tielet proġett ta' infurzar koordinat (REF-3) dwar obbligi tar-reġistrazzjoni u kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali.
- Manwal tar-raba' Forum koordinat għall-proġett ta' infurzar REACH (REF-4).
- Suġġett magħżeul tal-ħames Forum koordinat tal-proġett ta' infurzar REACH (REF-5).
- Riżultati tal-proġett pilota tal-Forum dwar obbligi li jirrelataw għall-awtorizzazzjoni.
- Deċiżjoni dwar attivitajiet ulterjuri li jirrelataw għal obbligi tal-awtorizzazzjoni.
- Taħriġ għal dawk li jħarrġu, inkarigati mill-Infurzar, għall-2015.

2.2 Bord ta' Appell (Attività 9)

Il-Bord ta' Appell (BoA) kien stabbilit mir-Regolament REACH biex jipprovdi lil partijiet interessati bil-possibbiltà ta' rimedju legali. Jagħmel dan billi jikkunsidra, u jiddeċiedi dwar, appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Aġenzija (ara l-Artikolu 91 tar-Regolament REACH u l-Artikolu 77 tal-BPR).

1. Punti prinċipali tas-sena

Matul l-2015, il-Bord ta' Appell (BoA) ser jiġi msejjaħ biex jipproċessa appelli li jvarjaw b'mod sinifikanti minn dawk li dwarhom diġà ddeċieda fis-snin preċedenti.

B'mod partikolari, il-BoA ser jiddeċiedi dwar l-ewwel appelli kontra deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' sustanzi li kienu ppreżentati matul it-tieni nofs tal-2014. Hu mistenni li dawn l-appelli ser jippreżentaw għadd ta' kwistjonijiet ġodda li huma xjentifikament, legalment u amministrattivament kumplessi. Pereżempju, għall-ewwel darba, il-BoA għandu jitratta każijiet fejn diversi reġistranti ppreżentaw appelli b'mod konġunt kontra l-istess deċiżjoni tal-ECHA.

Barra minn hekk, l-ewwel appelli kontra deċiżjonijiet tal-ECHA meħuda taħt il-BPR kienu mressqa lejn tmiem l-2014. Il-BoA għaldaqstant jipproċessa dawk l-appelli matul l-2015. Fl-istess ħin, il-BoA itejjeb aktar il-kapaċità tiegħu fil-qasam tal-BPR biex jiżgura li deċiżjonijiet ta' kwalità għolja isiru f'waqthom. Il-BoA ser ikompli wkoll iqajjem kuxjenza fost partijiet interessati dwar l-ambitu tal-appelli u l-proċess tal-appelli taħt il-BPR.

Deċiżjonijiet dwar l-appelli ser jgħinu biex jikkjarifikaw ċerti aspetti tar-Regolament REACH u l-BPR li jistgħu ikunu soġġetti għal interpretazzjonijiet differenti. Dawn il-kjarifikazzjonijiet imbagħad jgħinu biex itejjbu l-kwalità ta' dejta ppreżentata mill-industrija u jżidu l-effiċjenza tal-proċessi stabbiliti fir-Regolament REACH u fil-BPR.

Il-BoA ser ikompli jippubblik d-deċiżjonijiet finali tiegħu, tħabbir tal-appelli, u deċiżjonijiet dwar klejms għal kunfidenzjalità u applikazzjonijiet biex jintervjeni. Barra minn hekk, ser ikompli l-involviment tiegħu ma' partijiet interessati biex jispjega l-proċess tal-appelli u x-xogħol tal-BoA. Permezz ta' dawn il-miżuri, il-BoA ser jipprova jiżgura li l-partijiet kollha jikkunsidrawh bħala kemm indipendenti kif ukoll imparzjali.

Filwaqt li t-tagħbija tax-xogħol tal-BoA mhuwiex fil-kontroll tiegħu, f'termini tal-għadd ta' appelli li jirċievi, għandu jibqa' flessibbli u joħloq biżżejjed biex jiżgura li jista' jirreaġixxi għad-domandi mqiegħda fuqu filwaqt li jkompli jikkonsenja deċiżjonijiet ta' kwalità għolja mingħajr dewmien mhux dovut. Il-BoA għaldaqstant ser ikompli l-proċess li jirrevedi l-metodi ta' ħidma tiegħu biex jiżgura li dawn jirriflettu d-domandi li qegħdin jinbidlu mqiegħda fuqu u jippermettulu jimmaniġġja b'effiċjenza l-għadd dejjem jiżdied ta' miżuri proċedurali u korrispondenza.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja addottati mill-BoA mingħajr dewmien mhux dovut.
2. Ġestjoni effiċjenti tal-proċess ta' appelli u komunikazzjonijiet relatati.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikator	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' deċiżjonijiet finali magħmula fi żmien 90 jum utli mill-egħluq tal-proċedura orali jew bil-miktub.	90 %	Rapport tal-BoA kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Sa 15-il deċiżjoni finali addottata.
- Deċiżjonijiet proċedurali, kif meħtieġa, addottati.
- Korp robust ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja ippubblikat onlajn.
- Komunikazzjoni effettiva (jiġifieri ċara, preċiża u f'waqtha) mal-partijiet (potenzjali) fir-rigward ta' proċeduri ta' appell.

2.3 Komunikazzjonijiet (Attività 10)

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-ECHA huma inerenti fil-ħidma ta' aġenzija indipendenti tal-UE. Jipprovdu l-vettura biex tinforma lill-udjenzi tal-Aġenzija bil-mod li bij l-ECHA tissodisfa d-dmirijiet tagħha, għall-preservazzjoni tal-identità azjendali tal-Aġenzija u r-reputazzjoni pubblika u jippermettu l-interazzjoni tagħha mal-partijiet interessati. Il-websajt tal-ECHA jispjega l-proċessi regolatorji tal-Aġenzija, jippromulga l-gwida u s-sostenn għal detenturi fid-dmir, jipprovdi l-pjattaforma biex tiġi mqasma informazzjoni dwar sustanzi kimiċi, u jipprovdi informazzjoni dwar il-miri tal-leġiżlazzjoni u l-progress fl-implimentazzjoni tagħha lill-pubbliku ġenerali. Il-komunikazzjonijiet interni tal-ECHA jinfurmaw u jinvolvu lill-persunal, u hekk jikkontribwixxu għall-effettività tal-ħidma tal-Aġenzija.

1. Punti prinċipali tas-sena

Hekk kif l-ECHA timxi lejn is-seba' sena tal-operazzjoni ta' REACH, l-għadd ta' kumpaniji li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tagħha jsir ikbar u aktar minn dawm il-kumpaniji ser ikunu żgħar u mingħar esperjenza bil-leġiżlazzjoni. Dan iġib domandi akbar fuq il-funzjoni tal-komunikazzjonijiet, biex jilħqu lil kumpaniji li mhumiex konxji mir-responsabbiltajiet tagħhom taħt REACH u l-leġiżlazzjoni l-oħra implimentata mill-Aġenzija: ir-reġistrazzjoni, in-notifikazzjoni, il-komunikazzjoni 'il fuq u 'l isfel fil-katina tal-provvista u s-segwitu tal-informazzjoni ta' sigurtà pprovduta mill-fornituri. Kumpaniji iżgħar b'inqas riżorsi ukoll ikunu jeħtieġu aktar sostenn u, meta possibbli, informazzjoni simplifikata u iqsar biex tiggwidahom. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni biex jgħinu lil kumpaniji fil-ġirja lejn l-iskadenza tar-reġistrazzjoni finali fl-2018 għaldaqstant tibda fl-2015.

Sfida addizzjonali għall-2015 hija l-iskadenza fl-1 ta' Ġunju għat-taħlitiet kollha li jikkontjenu ċerti sustanzi kklassifikati f'aktar minn ċerti limiti li għandhom jiġu ttikkettati u ppakkjati skont is-Sistema Globalment Armonizzata ta' Klassifikazzjoni u Ttikkettar ta' Sustanzi Kimiċi, artikulata mir-Regolament CLP. Attivitajiet sinifikanti fl-ewwel nofs tas-sena għaldaqstant jibnu fuq xogħol mibdi fl-2014 biex jiżguraw li l-kumpaniji huma konxji mill-obbligu tagħhom. Tkompli tiżdied kuxjenza fir-rigward tar-Regolament dwar Prodotti Bijoċidali, pereżempju fir-rigward tal-iskadenza tal-1 ta' Settembru fir-rigward tal-Artikolu 95 tal-BPR u d-dmirijiet ta' SMEs. .

Fuq il-bini tal-ewwel sforzi tal-ECHA biex tilħaq liċ-ċittadin ġenerali fl-2014 (permezz tal-websajt, vidjows u medja soċjali) ser ikun hemm aktar attivitajiet biex iżidu kuxjenza għal udjenzi ġenerali (partikolarment konsumaturi) dwar id-"dritt li jstaqsu" tagħhom u dwar il-pittogrammi CLP li, minn Ġunju, ser ikunu jidhru fuq prodotti tal-konsumatur.

Il-Jien tal-Partijiet Interessati tal-ECHA ikunu għal darb'oħra karatteristiċi regolari tal-2015.

Filwaqt li taħdem mal-organizzazzjonijiet akkreditati tagħha tal-partijiet interessat, l-ECHA ser tkun qiegħed topera wkoll politika ġdida ta' trasparenza li kienet abbozzata fl-2014. Il-politika ser tiżviluppa katar id-disponibbiltà tal-Aġenzija u l-kapaċità li tissodisfa l-interess ta' ċittadini li jsegwu u jwettqu monitoraġġ tax-xogħol tagħha u li jżommuha responsabbli għall-azzjonijiet tagħha.

L-ECHA ser tkompli taħdem mill-qrib mal-esperti tal-komunikazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni, Aġenziji oħra tal-UE u l-organizzazzjonijiet akkreditati tal-partijiet interessati tagħha.

Il-komunikazzjonijiet interni tal-Aġenzija ser jibqgħu prijorità, jiżvolu rwol primarji f'li jippermettu lil persunal jiżvolġi r-rwoli tiegħu b'impenn, motivazzjoni u effiċjenza.

Dawn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ser jikkontribwixxu direttament biex jintlaħħqu l-miri strateġiċi tal-Aġenzija 1, 2 u 4 b'mod partikolari.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Issir komunikazzjoni effettiva ma' udjenzi esterni tal-ECHA, fi 23⁸ lingwa uffiċjali tal-UE meta neċessarju u partikolarment bl-iskop tal-ħtiġiet ta' SMEs, u l-ECHA tibbenefika minn preżenza preċiż u proporzjonata tal-medja.
2. Partijiet interessati akkreditati huma involuti fil-ħidma tal-ECHA u huma sodisfatti li l-opinjoni tagħhom jinstemgħu u jitqiesu.
3. Il-persunal tal-ECHA huwa infurmat tajjeb, għandu sens ta' appartenenza u jħossu parti minn attività korporattiva komuni.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezz u frekwenza ta' verifika
Livell ta' sodisfazzjon tal-qarrej bir-riżultat mitkub tal-ECHA, inkluża d-disponibbiltà tal-lingwa (websajt, e-aħbarijiet, Dikjarazzjonijiet tal-Istampa, Twissijiet tal-Aħbarijiet). Dan għandu jitqies f'termini ta' ħin addattat, kontenut u utilità.	Għolja	Feedback tal-qarrejja u inkjesti kull sena
Livell ta' sodisfazzjon tal-Partijiet Interessati akkreditati bl-informazzjoni li huma jirċievu u l-involvement tagħhom mal-ECHA.	Għolja	Inkjesta kull sena, feedback dwar l-avvenimenti, feedback tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni
Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-komunikazzjonijiet interni.	Għolja	Inkjesta interna dwar il-komunikazzjoni kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Sa 100 biċċa ta' komunikazzjoni ppubblikata fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE – dokumenti, paġni web, pubblikazzjonijiet ta' gwida, partikolarment in vista tal-ħtiġiet ta' SMEs, eċċ.
- Attivitajiet ta' komunikazzjoni kkoordinati għal gruppi mira speċifiċi (eż. SMEs, bejjiegħa bl-imnut, utenti downstream, konsumaturi, eċċ.).

⁸ Mhux inkluża l-lingwa Gaelic Irlandiża.

- Organizzati sa Jumejn għall-Partijiet Interessati, workshop wieħed għal Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati u avvenimenti tal-partijiet interessati *ad hoc*.
- Prodotti sa tużżana stqarrijiet tal-istampa, 50 twissija tal-aħbarijiet, 50 bullettin ta' Aħbarijiet elettroniċi fil-ġimgħa u gazzetta kull xahrejn.
- Prodotti sa sitt webinars u erba' vidjows qosra.
- Aġġornament tal-Partijiet Interessati ppubblikat kull xahrejn għal Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati.
- Informazzjoni interna pprovdata kuljum għall-persunal fuq l-intranet u skrins interni tal-informazzjoni.

2.4 Kooperazzjoni Internazzjonali (Attività 11)

Fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-isforzi tal-ECHA f'kooperazzjoni internazzjonali jiffukaw fuq l-armonizzazzjoni tal-għodod u l-approċċi tal-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi. Il-kummerċ fis-sustanzi kimiċi huwa min-natura tiegħu globali, għalhekk l-iskambju ma' msieħba internazzjonali ma johlqox biss sinerġiji għall-awtoritajiet iżda wkoll għall-industrija Ewropea.

Waħda mill-pjattaformi prinċipali tal-Aġenzija għall-kooperazzjoni internazzjonali hija l-OECD u, fuq skala kemmxejn inqas, in-Nazzjonijiet Uniti. Dan jippermetti lill-ECHA twettaq monitoraġġ fuq l-iżvolġiment preżenti u tantiċipa l-bidliet fir-reġimi ta' ġestjoni internazzjonali tas-sustanzi kimiċi u biex tara li l-miri tar-regolamenti REACH, CLP, il-Prodotti Bijoċidali u PIC jiġu kkunsidrati f'kuntest globali.

Il-kooperazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali tagħti lill-ECHA rwol rikonoxxut fil-qasam tal-ġestjoni tas-sigurtà kimika fuq livell globali, u tagħti lill-Aġenzija opportunità li tikkondividi l-għarfien tagħha mal-imsieħba internazzjonali u li titgħallem minnhom fl-oqsma li fihom huma aktar avvanzati. Il-punt fokali tal-Aġenzija huwa fuq l-iżvilupp ta' gwida armonizzata, linji gwida u għodod għall-istima tal-perikolu u tal-espożizzjoni. L-iżvilupp ta' formati għar-rappurtaġġ u l-iskambju tad-dejta u li tkun magħmula disponibbli onlajn informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sustanzi kimiċi huma wkoll prijorità.

1. Punti prinċipali tas-sena

Fir-rigward tal-attivitajiet OECD, fl-2015, l-iżvilupp ta' formati u għodod ser ikompli b'ħala attività b'rittmu sod.

Fir-rigward ta' IUCLID, il-finalizzazzjoni tal-aġġornamenti u l-validazzjoni tal-applikazzjoni IUCLID 6 ser ikunu jfissru kollaborazzjoni mill-qrib mal-grupp Espert IUCLID tal-OECD. Minħabba li din il-verżjoni l-ġdida IUCLID tkun ta' sostenn ukoll għal personalizzazzjoni iktar faċli biex tissodisfa l-ħtiġiet ta' leġislazzjonijiet oħra, tkun meħtieġa promozzjoni biex jiġi żgurat li din il-karatteristika tkun magħrufa tajjeb minn awtoritajiet regolatorji madwar id-dinja. L-attività b'sostenn tal-matriċi armonizzati tal-OECD, li jikkostitwixxu l-qalba ta' IUCLID, ser tkompli wkoll bit-titjib u l-iżvilupp ulterjuri ta' formati ġodda skont il-linji gwida tal-ittejtjar l-iktar riċenti li sar qbil fuqhom.

Għall-kaxxa tal-għodda QSAR tal-OECD, il-punt fokali ser ikun fuq l-iżvilupp tal-verżjoni 4, bil-mira prinċipali li tiżdied il-possibbiltà ta' użu għal utenti b'inqas esperjenza u utilità għall-ġustifikazzjoni ta' każijiet read-across kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Possibbiltà b'Riżultati Ħżiena, fuq deċiżjoni tal-Grupp ta' Tmexxija OECD.

Fir-rigward tal-eChemPortal tal-OECD, l-Aġenzija ser tkompli l-iżvilupp u l-ħowsting ulterjuri, kif ukoll il-promozzjoni tiegħu lill-pubbliku, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Tmexxija tal-OECD. L-ECHA ser tikkontribwixxi wkoll għall-Programm Kooperattiv rivedut ta' Valutazzjoni tas-Sustanzi Kimiċi tal-OECD, u b'mod partikolari tippromwovi għarfien komuni dwar l-użu ta' metodi alternattivi ta' valutazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi. L-ECHA ser tkompli ssostni l-ħidma tal-OECD f'nanomaterjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' approċċi għall-ittejtjar u l-valutazzjoni tagħhom.

Is-sostenn xjentifiku u tekniku tal-ECHA lill-Kummissjoni Ewropea ser jiffoka fuq żewġ oqsma prinċipali: il-bini tal-kapaċità f'pajjiżi kandidati u kandidati potensjali skont il-politiki esterni tal-Unjoni Ewropea u kontribuzzjonijiet għall-ħidma tal-UE fir-rigward tal-ġestjoni internazzjonali tas-sustanzi kimiċi. Fl-2015, it-tielet proġett għall-bini tal-

kapaċità tal-ECHA taħt l-Istrument għal Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA II)⁹ ser jimmira li jżomm u jtejjeb aktar l-għarfien tal-benefiċjarji tiegħu dwar l-*acquis* tas-sustanzi kimiċi tal-UE u dwar il-ħidma tal-ECHA. Oqsma prinċipali oħra ta' sostenn ser ikunu l-kumitat sekondarju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistema Globalment Armonizzata ta' Klassifikazzjoni u Ttikkettar tas-Sustanzi Kimiċi (UN GHS) u jekk mitlub, il-parteciċipazzjoni tal-Kummissjoni fir-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi (ICCM-4) kif ukoll laqgħat tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u Rotterdam. L-ECHA ser tikkontribwixxi għall-eżerċizzju pilota, mwettaq taħt it-tmexxija tal-OECD, dwar il-klassifikazzjoni ta' sustanzi għall-iżvilupp ta' lista globali ta' sustanzi kklassifikati skont il-GHS tan-NU.

L-Aġenzija ser tkompli tikkoopera ma' aġenziji pari fl-Awstralja, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-Istati Uniti. Attivitajiet konġunti ser ikunu jinkludu ħidma reċiprokament benefiċjarja bħall-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi għal valutazzjoni u metodoloġiji ta' valutazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u li jkun indirizzati kwistjonijiet emerġenti.

Minħabba li parti sinifikanti tar-reġistrazzjonijiet hija marbuta ma' sustanzi importati, ser jingħataw preżentazzjonijiet lil udjenzi f'pajjiżi mhux tal-UE/ŻEE biex ikunu ta' sostenn għal manifatturi ta' pajjiżi terzi f'li l-prodotti tagħhom ikunu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE. F'dan ir-rigward, l-attivitajiet internazzjonali tal-ECHA jikkontribwixxu għall-mira strateġika tal-Aġenzija li ttejjeb il-kwalità ta' dossiers. Barra minn hekk, l-ECHA ser tinteraġixxi, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, ma' awtoritajiet f'pajjiżi li qegħdin jirrevedu jew jstabbilixxu l-leġiżlazzjoni tagħhom dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi. L-Aġenzija, bħal fi snin preċedenti, ser tikkontribwixxi għall-Forum ta' Helsinki dwar is-Sustanzi Kimiċi 2015 (HCF).

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Il-Kummissjoni tirċievi sostenn xjentifiku u tekniku ta' kwalità għolja għall-attivitajiet internazzjonali tagħha, speċjalment f'korpi multilaterali, u b'mod partikolari, l-ECHA tikkontribwixxi għall-attivitajiet tal-OECD li jirrelataw għal sustanzi kimiċi bl-iskop li tippromwovi l-armonizzazzjoni ta' approċċi, formati u għodod tal-IT biex jiżiedu s-sinerġiji u jiġi evitat xogħol doppju kull meta possibbli.
2. L-ECHA tibni u żżomm ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika f'kooperazzjoni ma' aġenziji regolatorji primarji ta' pajjiżi terzi li huma utli għall-implimentazzjoni tar-regolamenti REACH u CLP, tal-Bijoċidi u PIC u ssoċni l-inizjattivi ta' tkabbir u tal-politika tal-Viċinat tal-UE b'mod effettiv u effiċjenti.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati (inkluża l-Kummissjoni) bl-	Għolja	Inkjesti

⁹ Pjan ta' proġett huwa previst li jiġi ppreżentat u approvat tard fl-2014; it-test finali tal-WP 2015 jista' jkollu jiġi addattat kif meħtieġ.

attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-Aġenzija (inkluż is-sostenn xjentifiku u amministrattiv lill-Kummissjoni).		
---	--	--

3. Riżultati prinċipali

- Proġetti OECD: Aġġornament tal-eChemPortal biex ikun żgurat li d-dejta ppreparata fil-formati armonizzati ġodda jew aġġornati, inkluż IUCLID 6 jistgħu jiġu ppubblikati. L-ewwel rilaxx tal-verżjoni li jmiss tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD mogħti lill-ECHA u lill-OECD.
- Taħriġ fuq il-Kaxxa tal-għodda QSAR tal-OECD u/jew għodod oħrajn inkluża l-għodda ġdida żviluppata.
- Kontribuzzjoni għall-kooperazzjoni tal-OECD taħt it-Taskforce għall-Valutazzjoni tal-Perikolu, u l-Grupp ta' Ħidma dwar Nanomaterjali Mmanifatturati, b'mod partikolari permezz tal-presidenza ta' wieħed mill-gruppi ta' tmexxija tiegħu.
- Provviżjoni ta' sostenn xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni, inkluż dwar GHS tan-NU, eż. parteċipazzjoni potenzjali u input f'laqgħat GHS tan-NU, Konvenzjonijiet u ICCM-4.
- Kooperazzjoni kontinwa mal-aġenziji regolatorji fl-Awstralja, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-Istati Uniti in linja mal-Pjanijiet ta' Ħidma Kontinwa.
- Attivitajiet għall-bini tal-kapaċità li jimmiraw pajjiżi kandidati tal-UE u kandidati potenzjali kif spjegat fit-tielet pjan ta' proġett IPA¹⁰ tal-ECHA.
- Preżentazzjonijiet f'seminars/workshops/konferenzi f'pajjiżi terzi primarji (jew fiżikament jew permezz ta' konferenzi bil-vidjow) u żjarat ospitati minn rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi.

¹⁰ Pjan ta' proġett huwa previst li jkun ippreżentat u approvat tard fl-2014.

3. It-Tmexxija, l-organizzazzjoni u r-riżorsi

3.1. Tmexxija (Attività 12)

L-Aġenzija taħdem biex tiżgura identità azjendali moderna u tmexxija li tikkonforma mal-ogħla standards tal-UE, biex tkun tista' tintegra b'mod effiċjenti attivitajiet ġodda fl-organizzazzjoni tagħha. L-ECHA hija rregolata minn Bord ta' Tmexxija ta' 36-membru, li hu assistit minn Segretarjat ipprovdut mid-Direttur Eżekuttiv. Fuq bażi ta' kuljum, id-Direttur Eżekuttiv huwa sostnut fil-funzjoni tal-governanza interna tiegħu minn maniment primarju (diretturi). L-ECHA tutilizza attività u ġestjoni bbażata fuq il-proġetti u sistema ta' kwalità biex torganizza l-operazzjonijiet tagħha fi struttura ġerarkika jew matriċi. Il-ġestjoni tal-informazzjoni hija bbilanċjata bejn prinċipji ta' ftuħ u sigurtà.

1. Punti prinċipali tas-sena

Is-Segretarjat tal-ECHA ser ikompli jsostni b'effiċjenza l-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija fl-irwol tiegħu bħala korp governattiv tal-Aġenzija. Sostnut mill-gruppi ta' ħidma tiegħu, il-Bord ta' Tmexxija jiżvolġi rwol primarju fl-implimentazzjoni tal-erba' miri strateġiċi, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Multi-Annali 2014-2018 permezz tal-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma tagħhom kull sena.

Funzjonijiet prinċipali oħra tal-Bord ta' Tmexxija jinkludu l-adozzjoni tal-baġit u r-rapport annwali, kif ukoll l-adozzjoni u r-reviżjoni ta' regoli interni tal-Aġenzija. Barra minn hekk, il-Bord ta' Tmexxija jagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-prestazzjoni tal-Aġenzija u l-implimentazzjoni tal-miri strateġiċi tagħha. Għal dan l-iskop, il-Bord jirċievi rapporti regolari dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma, u rapporti speċifiċi li jirrelataw għas-suġġett mis-Segretarjat.

L-ECHA ser tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u istituzzjonijiet nazzjonali inkarigati, u ttejjeb il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni permezz tal-iskambju tal-informazzjoni, żjarat u laqgħat tal-ippjanar kull sena tad-diretturi tal-awtoritajiet kompetenti. Billi tagħmel dan, l-ECHA ser tippromwovi wkoll għarfien komuni dwar prijoritajiet filwaqt li tqis il-limiti tar-riżorsi kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-ECHA. L-ECHA ser tħaddan id-djalogu mal-imsieħba istituzzjonali prinċipali inkluża l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament, u l-Kunsill tal-Ministri u tkompli tikkontribwixxi għall-ħidma tan-Netwerk ta' Aġenziji tal-UE.

FI-2015, l-iżvilupp tal-effettività u tal-effiċjenza tal-Aġenzija b'mezzi differenti ser ikompli jkun ta' prijorità in linja mal-mira strateġika 4. L-Aġenzija ser tiffoka fuq it-titjib kontinwu tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Kwalità Integrata, ċertifikat minn Korp ta' Ċertifikazzjoni arreditat skont l-istandard 9001:2008 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). L-ECHA ser tenfasizza approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex tevita kontrolli mhux neċessarji. L-Aġenzija ser tibda l-integrazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni rilevanti ambjentali fis-Sistema ta' Ġestjoni ta' Kwalità Integrata tagħha (IQMS). Ser jitwettqu verifiki biex jiġu rintraċċati opportunitajiet ta' titjib u jiġu korretti l-ineffiċjenzi. Iċ-ċiklu tal-ippjanar kull sena ser jinkludi rakkmandazzjonijiet li jirriżultaw minn valutazzjonijiet u verifiki. Ser jieħu kont ukoll tal-feedback mill-partijiet interessati. L-ippjanar tal-attivitajiet tal-Aġenzija kif ukoll ir-riżorsi jissaħħu permezz ta' għodda apposta. It-titjib tal-ġestjoni tal-informazzjoni fl-Aġenzija ser jiffaċilita l-prestazzjoni tal-attivitajiet u jippermetti li dawn ikunu jistgħu jiġu rintraċċati.

L-Aġenzija ser tiżgura l-konformità mar-regolamenti rilevanti u mal-politiki interni, il-

proċeduri u l-istruzzjonijiet billi tapplika standards ta' ġestjoni interni u twestaq reviżjoni tal-ġestjoni. Responsabbiltajiet tat-tmexxija jinkludu wkoll li jsiru verifiki ta' assigurazzjoni, tiġi protetta dejta personali, jiġu mmaniġġjati b'mod effiċjenti d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-persunal, il-Bord ta' Tmexxija u l-membri tal-Kumitat kif ukoll tkun protetta s-sigurtà tal-informazzjoni kunfidenzjali personali u tal-industrija permezz ta' sistema ta' sigurtà ta' kwalità għolja. L-ECHA ser tiżgura wkoll il-prestazzjoni kontinwa tal-kompiti tal-Aġenzija permezz ta' sistema ta' kontinwità kummerċjali komprensiva. Barra minn hekk, l-għarfien legali jeħtieġ li jinżamm kontinwament biex jiggarantixxi l-kwalità legali tad-deċiżjonijiet tal-ECHA..

2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija hija rregolata permezz ta' ġestjoni effiċjenti u effettiva, li tiżgura l-ippjanar xieraq tal-attivitajiet, l-allokazzjoni ta' riżorsi, l-istima u l-immaniġġjar tar-riskji, is-sigurtà tal-persunal u s-sigurtà ta' assi u informazzjoni, u tipprovdi assigurazzjoni tal-konformità u tal-kwalità tar-riżultati.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' rakkmandazzjonijiet importanti ħafna ta' verifika, implimentati fi żmien l-iskadenza (IAS).	100 %	Rapport intern tal-awditur kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Organizzati erba' laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u gruppi ta' ħidma korrispondenti jippermettu lill-Bord jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji kollha.
- Organizzata laqgħa waħda għal Stati Membri/diretturi tal-MSCA.
- Ċertifikazzjoni ISO 9001 fuq proċessi magħżula.
- Bidu tal-implimentazzjoni ta' EMAS¹¹ jew standard ambjentali ekwivalenti.
- Ipprovdut sostenn legali qawwi biex jiġu abbozzati deċiżjonijiet tal-ECHA u għad-difiża effettiva tagħhom.
- Rapport annwali tal-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta li jingħata lis-Superviżjur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.
- Organizzata għall-inqas laqgħa waħda tan-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà.
- 120 aċċess għal deċiżjonijiet ta' dokumenti li jkopru bejn wieħed u ieħor 700 dokument.
- Prodotti pjanijiet multi-annali u annwali u rapporti annwali.

¹¹ Skema Ewropea ta' Eko-Ġestjoni u Verifika

3.2. Finanzi, Akkwisti u Kontabilità (Attività 13)

1. Punti prinċipali tal-2015

Ir-regoli li jirregolaw il-ġestjoni finanzjarja tal-ECHA huma addottati mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, u għandhom ikunu jikkonformaw mar-regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (Regolament Finanzjarju)¹². Il-fondi u l-infiq tar-regolamenti REACH, tal-Prodotti Bijoċidali u PIC għandhom jiġu sseparati.

Il-punt fokali ġenerali tal-ġestjoni finanzjarja tal-ECHA ser ikun fuq li tiżgura l-aħjar użu ta' riżorsi finanzjarji disponibbli skont il-prinċipali ta' ekonomija, effiċjenza u effettività.

Dħul proprju għal attivitajiet REACH/CLP fl-2015 ikun jinkludi ħlasijiet minn reġistrazzjonijiet, applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, appelli, dħul minn pagamenti addizzjonali wara l-verifika tal-istatus SME, ħlasijiet amministrattivi, u dħul fuq l-imgħaxx. Sa tmiem is-sena, ir-riżerva mistennija tispiċċa u l-Aġenzija terġa' lura għal reġim ta' fondi mħallta għal REACH/CLP fejn parti mill-infiq ser ikun kopert minn dħul minn ħlas u l-bqija jiġi bbilanċjat permezz ta' sussidju mill-UE.

Filwaqt li l-iffinanzjar tal-attivitajiet PIC ser ikompli jkun kompletament ibbażat fuq sussidju tal-UE, l-attivitajiet tal-bijoċidi ser jistrieħu dejjem iktar fuq il-finanzjament ta' ħlas. Minħabba l-inċertezza għolja fil-livell ta' ħlas determinat mill-industrija kemm għal attivitajiet REACH/CLP kif ukoll tal-Bijoċidi, l-ECHA ser tinvesti b'mod sinifikanti fuq il-previżjoni u l-immudellar u twettaq monitoraġġ kontinwu tat-tbassir tad-dħul u l-infiq tagħha biex tkun tista' tissenjala xi nuqqas lill-Kummissjoni għal azzjoni xierqa biex jiġi bbilanċjat il-baġit.

Ġestjoni finanzjarja effiċjenti tkompli tkun żgurata permezz tal-ġestjoni prudenti tad-dħul, kontroll strett tal-infiq, aktar enfasi fuq il-valutazzjoni ta' każijiet kummerċjali u proċessi speċifiċi ta' xogħol identifikati għal simplifikazzjoni. Fir-rigward tal-akkwisti u kuntratti, l-ECHA għal darb'oħra ser testernalizza parti mill-attivitajiet tagħha biex issostni l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tagħha. L-istabbiliment ta' arranġamenti kontraenti xierqa ser ikompli jqiegħed domandi għal akkwisti effiċjenti. Ser tingħata attenzjoni partikolari biex isir l-iktar użu effettiv u ekonomiku tal-għadd kbir ta' kuntratti kwadri li l-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom fis-seħħ.

Ser jitkomplew sforzi biex jiġiżgurati li r-regolamenti tal-ħlasijiet ta' REACH, CLP u tal-bijoċidi jiġu implimentati tajjeb. Għal dan l-iskop, il-funzjoni ta' kontroll sistematika li tqiegħdet fis-seħħ biex tikkontrolla l-korrettezza tat-tnaqqis SME mogħti għal ħlasijiet REACH, u għaldaqstant ħlasijiet mogħtija lill-ECHA, ser titkompla. Fir-rigward tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, l-ECHA, bil-quddiem, ser tivverifika l-kumpaniji li jitolbu tnaqqis tal-ħlas fuq il-bażi ta' status SME u, skont in-numru ta' talbiet, parti mir-riżorsi umani ser jiġu allokatu għall-verifika SME relatati għal Bijoċidi.

L-Aġenzija ser tkompli tissegrega fondi u taqsam ir-riżorsi umani bejn ir-regolamenti REACH, tal-Prodotti Bijoċidali u PIC fit-tqassim tal-baġit u fir-rappurtaġġ tagħha. L-ECHA ser twettaq ukoll monitoraġġ fuq li r-riport lejn is-sena li jmiss ta' fondi appost jkun fil-limiti stabbiliti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) bl-eċċezzjoni tal-infiq operazzjonali marbut ma' proġetti multi-annali. L-ECHA ser taħdem ukoll mal-Kummissjoni biex tiżgura l-funzjonament tagħha fuq il-bażi ta' ffinanzjar imħallat (l-ibbilanċjar ta' sussidji u dħul minn ħlasijiet). F'dan il-kuntest, l-Aġenzija ser tqiegħed fis-seħħ mekkaniżmu ta'

¹² REACH Artikolu 99.

tbassir u rappurtaġġ f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija tiżgura ġestjoni korretta, tajba u effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji tagħha skont ir-regoli u r-regolamenti finanzjarji applikabbli.
2. Il-korrettezza tat-tnaqqis tal-ħlas għal SME ikklejmjat mir-reġistranti tiġi żgurata.
3. L-Aġenzija għandha sistemi finanzjarji effettivi biex timmaniġġa u tirrapporta dwar diversi bażijiet legali segregati finanzjarjament.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Għadd ta' riżervi fir-rapport annwali dwar kwistjonijiet finanzjarji u ta' kontabilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA).	0	Rapporti ECA kull sena
Rata ta' impenn (ta' allokkazzjonijiet ta' impenn fi tmiem is-sena).	97 %	Rapport kull sena
Rata ta' ħlas (ta' allokkazzjonijiet ta' ħlas fi tmiem is-sena).	80 %	Rapport kull sena
Konformità ma' gwida MB dwar riżervi ta' flus kontanti (MB/62/2010 finali).	100 %	Rapport kull sena
Għadd ta' kontrolli tal-istatus SME ikkompletati fuq reġistranti REACH.	400	Rapport kull sena
Rata ta' riport (% ta' fondi apposta riportati lejn I-2016).	< 20 %	Rapport kull sena
Allokkazzjonijiet ta' ħlas ta' riport ikkanċellati mill-2014.	< 5 %	Rapport kull sena

3. Riżultati prinċipali

- Ġestjoni rigoruża tal-baġit u tal-likwidità bl-evalwazzjoni ta' programmi kbar.
- Segwitu u eżekuzzjoni tal-baġit biex jintlaħaq l-impenn u r-rata ta' ħlas immirati.
- Monitoraġġ u ġestjoni mill-qrib tar-riżervi ta' flus kontanti tal-Aġenzija.
- Numru konsiderevoli ta' inizjattivi ġodda ta' akkwisti mwettqa u kuntratti ġodda stabbiliti biex iservu implimentazzjoni effettiva tal-baġit.
- Rappurtaġġ tal-użu ta' fondi taħt leġislazzjonijiet differenti.

- Rappurtaġġ matul is-sena tal-ispiża bbażata fuq l-attività.
- Kontijiet annwali tal-2014 ippreparati fil-ħin.

3.3. Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi (Attività 14)

1. Punti prinċipali tal-2015

Riżorsi Umani

Bħala Aġenzija deċentralizzata tal-UE, l-ECHA għandha twestaq l-attivitajiet tagħha f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet tal-impieg ta' ċivili oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ir-Regolament tal-Persunal) u l-persunal kollu tal-ECHA huwa obbligat jaġixxi f'konformità mal-kodiċi ta' mġieba amministrattiva tajba tal-ECHA u b'konsiderazzjoni għall-prinċipji ta' servizz pubbliku għas-servizz ċivili tal-UE maħruġa mill-Ombudsman Ewropew.

L-ambjent ta' operazzjoni tal-ECHA ser ikompli jsirlu l-impatt tas-sitwazzjoni ekonomika prevalenti fl-Ewropa u l-impatt tar-riżorsi assoċjat fuq amministrazzjonijiet nazzjonal iu pubbliċi tal-UE. Fl-2015, l-ECHA hija ffaċċjata bi tnaqqis tal-persunal primarju tagħha għal REACH u CLP u, minħabba limiti tal-baġit, l-ECJA ser ikollha tkompli żżomm, għal żmien qasir, proporzjon tal-impiegi tagħha allokali għal attivitajiet tal-bijoċidi, vakanti.

Il-pendulum strateġiku ta' ġestjoni tal-HR issa mexa mir-reklutaġġ għall-impieg u ż-żamma minħabba li, għall-ġejjieni, l-ECHA issa għandha fis-seħħ il-kwadru prinċipali tal-persunal biex tissodisfa l-miri tagħha u m'għandhiex il-possibbiltà li tirrekluta bħalma għamlet fis-snin preċedenti. B'konsegwenza, l-istrateġija tar-riżorsi umani tal-ECHA ser tkompli tevolve mill-punt fokali inizjali tagħha fuq it-tkabbir lejn li tippermetti organizzazzjoni li hija effettiva, effiċjenti u li żżomm il-flessibbiltà u l-aġilità li taddatta għall-ħtiġiet tal-partijiet interessati tagħha u l-kapaċità li twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi leġiżlattivi u/jew tal-politika fil-ġejjieni. Kategorija ġdida ta' persunal ta' Aġenti Kontraenti (għal żmien qasir) ser tiġi introdotta biex tiżgura kapaċità organizzazzjonali u flessibbiltà aħjar f'perjodi ta' żieda fix-xogħol.

Filwaqt li l-ECHA, bħala organizzazzjoni ta' għarfien, teħtieġ ċertu grad ta' turnover (pereżempju, biex taġġorna l-kompetenzi tagħha), jeħtieġ ukoll li tikkunsidra b'mod kostanti inizjattivi ta' żamma biex tiżgura li t-turnover tal-persunal primarji jibqa' f'livell aċċettabbli. Qasam primarji ta' enfasi ser ikun li jiġi żgurati li entitajiet primarji bil-profilu u l-esperjenza meħtieġa jiġu mmotivati jaħdmu fl-ECHA. Il-MAWP 2014-2018 tal-ECHA (mira strateġika 3) jispjega r-rekwiżit għall-bini ta' kapaċità aħjar ta' kompetenzi xjentifiċi u regolatorji fi ħdan l-ECHA f'oqsma ta' prijorità identifikati. L-eżerċizzju għall-ippjanar tal-kompetenza ser jiggwida l-azzjonijiet tal-ECHA meħtieġa biex issaħħaħ il-kompetenza tagħha f'dawn l-oqsma ta' prijorità. L-HRMS il-ġdid ser joħloq effiċjenzi fi ħdan l-organizzazzjoni permezz ta', pereżempju, t-tqassim b'mod separat ta' flussi tad-dejta ġġenerati f'modju ċentrali wieħed, u jippermetti titjib konsiderevoli fl-ippjanar tal-forza tax-xogħol.

Servizzi Korporattivi

Il-punt fokali primarju ser ikun fuq l-istudju tal-prattiċità mmirat lejn li jinvestiga possibiltajiet għall-lwog tal-ECHA fil-ġejjieni fid-dawl tal-iskadenza tal-kuntratt tal-bini preżenti fl-aħħar tal-2019. L-istudju ta' pratiċità huwa maħsub biex jipprovdi lill-ECHA b'bażi għal valutazzjoni oġġettiva u deċiżjoni dwar il-ħtiġiet u l-post għal-lwog fil-ġejjieni tal-ECHA.

Filwaqt li l-ippjanar tal-lwog fil-ġejjieni ser ikun ta' tħassib maġġuri fl-2015 u fis-sena ta' wara, ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni preventivi u ta' korrezzjoni mwettqa mis-sid tal-post preżenti ser jibqa' jsirilhom monitoraġġ biex il-faċilitajiet tal-bini jinżammu fi standard aċċettabbli. Kooperazzjoni mas-sid u mal-provvedituri taħt kuntratt għall-manutenzjoni

tal-bini ser isirihom monitoraġġ aktar strett. Fl-2015, ser tiġi stabbilita għodda ta' monitoraġġ komuni, ta' manutenzjoni, bejn is-sid u l-ECHA biex ikun hemm iżjed trasparenza fix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li jsiru speċifikament fir-rigward tal-obbligi kontrattwali tas-sid. Il-monitoraġġ strett tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni huwa wkoll maħsub biex jiżgura li l-bini jaderixxi għal standards ambjentali u tas-saħħa.

Meta wieħed jikkunsidra li xi proġetti ta' manutenzjoni jistgħu ikunu ta' impatt konsiderevoli fuq l-ambjent ġenerali tax-xogħol, kull proġett ser ikollu jiġi vvalutat b'attenzjoni vis-à-vis l-impatt.

It-titjib ta' miżuri ta' sigurtà permezz ta' taħriġ ser jingħata attenzjoni permezz ta' drills ġenerali ta' evakwazzjoni, taħriġ ta' wardens għan-nar u taħriġ tal-Ewwel Għajnuna, u kampanji biex joħolqu kuxjenza dwar regoli ta' sigurtà fis-seħħ. Fuq il-bażi ta' rapport ta' verifika tas-sistema ta' kontrolli preżenti kkompletat fl-2014, xogħol ta' segwitu ser jikompla fl-2015 biex jiżgura li l-Aġenzija għandha sistema ta' kontroll ta' aċċess affidabbli li hija parti kruċjali mis-sigurtà fiżika tal-ECHA.

Bl-utilizzazzjoni dejjem tiżdied tal-faċilitajiet għal-laqqgħat, huwa vitali li l-faċilitajiet għal-laqqgħat ikunu affidabbli u jiffunzjonaw tajjeb u s-sigriet ta' dan hu li tinżamm manutenzjoni regolari tal-faċilitajiet fejn isiru l-laqqgħat. Dan ser jissaħħaħ fl-2015 flimkien mal-aġġornament ta' xi tagħmir. Minħabba li l-laqqgħat huma ħafna drabi komponenti essenzjali biex jintlaħqu miri operazzjoni, li jiġu pprovduti faċilitajiet affidabbli tal-laqqgħat ser jibqa' kompitiv vitali tal-ECHA.

Waqt li wieħed jirrikonoxxi li l-effiċjenza ta' aġenzija tal-ivvjaġġar għandha impatt sinifikanti fuq l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' laqqgħat tal-ECHA, is-servizzi offerti mill-aġenzija tal-ivvjaġġar il-ġdida ser isirihom monitoraġġ mill-qrib permezz ta' inkjesti regolari li jistaqsu dwar is-sodisfazzjon.

Sa nofs l-2015, il-ħidma fuq l-arkivji fiżiċi ser tkun ikkompletata.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija għandha għadd suffiċjenti ta' persunal imħarreġ biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma u joffri persunal u ambjent ta' ħidma li jiffunzjona tajjeb.
2. L-Aġenzija għandha post ta' uffiċċju suffiċjenti, sigur li jipprovdi ambjent ta' ħidma effiċjenti u sigur għall-persunal, u faċilitajiet tal-laqqgħat li jiffunzjonaw tajjeb għall-korpi u viżitaturi esterni tal-Aġenzija.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Perċentaġġ ta' karigi tal-pjan ta' stabbiliment REACH u PIC mimlija fl-aħħar tas-sena.	95 %	Rapport intern kull sena

Perċentaġġ ta' karigi tal-pjan ta' stabbiliment tal-bijoċidi mimlija fi tmiem is-sena.	88 %	Rapport intern kull sena
Turnover ta' aġenti temporanji	< 7.5 %	Rapport intern kull sena
Turnover ta' Aġenti Kontraenti (bl-esklużjoni ta' CAs għal żmien qasir).	< 12.5 %	Rapport intern kull sena
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kumitat, il-Forum, u membri MB bil-funzjonament taċ-ċentru tal-konferenzi.	Għolja	Inkjesta kull sena
Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bis-servizzi korporattivi.	Għolja	Inkjesta kull sena

3. Riżultati prinċipali

Riżorsi Umani

- Rimunerazzjoni għal persunal statutorju u ħlasijiet oħra lill-persunal, SNEs u apprendisti (li jgħoddu bejn wieħed u ieħor madwar 550 persuna).
- L-introduzzjoni ta' madwar 10 proċeduri ta' selezzjoni.
- Il-kompletazzjoni ta' madwar 25 reklutaġġ.
- Valutazzjoni tal-prestazzjoni u eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għal madwar 500 persunal statutorju.
- Konsulenza u assistenza mogħtija lil persunal u l-ġestituri dwar kwistjonijiet HR, b'mod partikolari dwar drittijiet individwali u benessri.
- Twettiq ta' inkjesta dwar il-persunal.
- Ġestjoni attiva tal-persuni u proċessi u metodi għall-ġestjoni tal-prestazzjoni.

Servizzi korporattivi

- Stima tal-prattiċità dwar il-ħtiġiet tal-ECHA fuq il-post.
- Xiri f'waqt ta' tagħmir, materjali u servizzi permezz ta' proċeduri xierqa ta' akkwist.
- Għodda ta' monitoraġġ għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni preventivi u korrettivi mwettqa mis-sid aċċessibbli wkoll għall-ECHA.
- Taħriġ ta' sigurtà.
- Sostenn tajjeb għal laqgħat u konferenzi.
- Tagħmir awdjoviżwali li jiffunzjona tajjeb b'sostenn tekniku tajjeb.
- Servizz effettiv u effiċjenti tal-Aġenzija tal-Ivvjaġġar.
- Kalkoli u rimborsi f'waqthom ta' rimborsi fuq missjonijiet u vvjaġġar lil parteċipanti f'laqgħat.

- Servizzi effiċjenti tal-posta.
- Biblijoteka u arkivji ġestiti sewwa u organizzati tajjeb.
- Inventarju aġġornat u korrett ta' assi mhux tal-IT.

3.4. Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (Attività 15)

1. Punti prinċipali tal-2015

Li jingħata sostenn tal-IT għal proċessi amministrattivi kif ukoll li tkun żgurata l-adeqwatezza ta' infrastruttura tal-ICT huma żewġ oqsma ta' azzjoni strateġija taħt il-mira strateġija nru 4.

Wara l-istabbiliment ta' servizz ta' ġestjoni b'aċċess ċentralizzat fl-2014, il-mudell tal-ġestjoni tal-Identità (IDM) huwa addottat b'mod progressiv mill-applikazzjonijiet prinċipali tal-ECHA, biex jottjeni kontroll aħjar ta' u effiċjenza f'ġestjoni ta' aċċess għal sistemi u servizzi tal-IT.

L-ECHA ser tkompli wkoll ir-reviżjoni tal-infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni tal-Informazzjoni li bdiet fl-2014, biex tottimizza l-ispejjeż, issostni t-tkabbir u tiflaħ għall-impatt tal-iskadenza tal-2018. Matul l-2014, kienu vvalutati possibiltajiet differenti, li fosthom dawk prinċipali huma: t-tkomplija tal-mudell preżenti ta' esternalizzazzjoni fuq infrastruttura fil-pussess tagħha jew tranżizzjoni gradwali lejn l-esternalizzazzjoni ta' infrastruttura esterna ta' komputazzjoni, fil-pussess u l-ġestjoni kompleta ta' esternalizzatur (magħruf bħala mudell ta' Infrastruttura bħala Servizz). Iż-żewġ possibiltajiet kienu vvalutati kontra l-istess rekwiżiti ta' prestazzjonim sigurtà, adegwatezza tas-sostenn offrut għall-kontinwità kummerċjali. Il-pjan ta' implimentazzjoni, li jirriżulta mid-deċiżjoni, ser ikopri d-definizzjoni tal-mudell kontrattwali u operazzjonali fil-ġejjieni għal servizzi ta' howsting esternalizzati u t-twettieq tiegħu ser jibda fl-2015.

Biex tilħaq u żżid il-flessibbiltà ta' servizzi tal-IT u mezz aħjar ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin issaħħaħ is-sigurtà, l-ECHA ser issegwi estensjoni ulterjuri tal-kopertura tan-netwerk WiFi.

Huwa ppjanat l-aġġornament tal-politiki li jirrelataw għas-sigurtà tal-IT tal-ECHA biex iqisu l-infrastruttura l-ġdida u s-soluzzjonijiet ġodda tal-IT imsemmija fuq.

Fl-2014, l-Aġenzija analizzat soluzzjoni biex ittejjeb l-ippjanar u r-rappurtaġġ. Fuq il-bażi tal-ambitu identifikat għas-sostenn tal-IT ser jingħata bidu għal proġett tal-implimentazzjoni fl-2015.

Wara t-tiġdid komplet tal-pjattaforma interna tal-ġestjoni tal-informazzjoni fl-2014, l-applikazzjonijiet huma aġġornati biex isostnu l-funzjonalitajiet ġodda u l-politiki ta' ġestjoni tal-informazzjoni tal-Aġenzija.

Sistema ta' ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HRMS) Fażi II li tkopri: l-għażla u r-reklutaġġ, prestazzjoni u l-ġestjoni tal-karrieta, tagħlim u żvilupp ser tiġi rilaxxata biex b'hekk jiżiedu l-effiċjenzi fil-proċessi tal-HR.

2. Miri u indikaturi

Miri

1. Is-sostenn tal-proċessi amministrattivi u l-ġestjoni tar-rappurtaġġ bl-assistenza ta' għodod tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb. L-ECHA tagħmel użu effettiv mill-informazzjoni tagħha; dokumenti u rekords riċevuti, ġġenerati u wżati mill-

persunal tagħha huma kkontrollati tajjeb.

2. L-infrastruttura teknika tal-ICT tal-Aġenzija hija operata f'livell għoli ta' servizz u kontinwità; l-effiċjenza u s-sigurtà huma massimizzati għall-operazzjonijiet kummerċjali kollha sostnuti.
3. Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali tal-IT ikopri b'mod adegwat is-sistemi ta' missjoni kritiċi għall-ECHA u huwa addattat għall-evoluzzjoni tal-infrastruttura tal-ICT.

Indikaturi u Miri ta' prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2015	Mezzi u frekwenza tal-verifika
Disponibbilà ta' sistemi ta' missjoni essenzjali għal klijenti esterni (jiġifieri żmien attiv matul is-sigħat ta' servizz).	Fuq medja 98 %	Statistiċi taċ-ċentru tad-dejta
Livell ta' sodisfazzjon ta' utent intern u tal-Istati Membri bis-servizzi tal-IT, relattiv għall-proporzjon tal-persunal/ sostenn.	Għolja	Inkjesta tal-klijenti kull sena u feedback <i>ad hoc</i>

3. Riżultati prinċipali

- Jitkompli l-pjan ta' reviżjoni tal-infrastruttura tal-IT tal-ECHA u jiġu addattati l-pjanijiet għall-Kontinwità Kummerċjali tal-IT u għal Irkupru f'każ ta' Diżastru.
- Kopertura estiża tan-netwerk WiFi.
- Definit u implimentat id-diżinn ta' livell għoli tas-soluzzjoni tal-IT għal ippjanar u rappurtaġġ aħjar.
- Hija kkompletata l-migrazzjoni lejn il-pjattaforma l-ġdida għall-ġestjoni ta' informazzjoni interna u għal standards ġodda ta' ġestjoni tal-informazzjoni, skont il-pjan għall-ġestjoni tal-fajls u l-politika dwar il-klassifikazzjoni u l-immaniġġjar tal-informazzjoni.
- Kontroll ta' aċċess għal sistemi u servizzi tal-IT huwa progressivament addattat għal mudell ta' ġestjoni ta' aċċess unifikat u ċċentralizzat.
- Il-ġestjoni tal-Assi tal-IT titwettaq f'livell adegwat ta' preċiżjoni u żmien; l-irtirar potenzjali ta' assi tal-ICT huwa ppreparat b'mod adegwat u mmaniġġjar skont il-politiki u l-proċeduri interni.

4. Riskji tal-Aġenzija

L-ECHA twettaq eżerċizzju ta' stima tar-riskji kull sena biex tidentifika, tivvaluta u timmaniġġa l-avvenimenti potenzjali li jistgħu iqiegħdu taħt riskju l-miri li jistgħu jintlaħħqu, definiti fil-Programm ta' Ħidma. Bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju, għadd ta' riskji ġew identifikati, vvalutati u kkunsidrati fil-preparazzjoni tal-Programm ta' Ħidma 2015. Il-ġestjoni tal-ECHA qiegħdet ir-riskji prinċipali li ġejjien f'ordni ta' importanza b'qies għall-probabbiltà tagħhom li jseħħu u l-impatt tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma 2015, u ddefiniet miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji li l-effettività tagħhom ser issirilha monitoraġġ mill-qrib matul is-sena.

Taħt ir-Regolament Finanzjarju preżenti, l-ECHA tista' ma tkunx fil-pożizzjoni li tibbilanċja id-dħul u l-infiq volatili tagħha mingħajr xi forma ta' mekkaniżmu għall-ibbilanċjar. L-ECHA tikkunsidra li tejjbet xi previżjonijiet fir-rigward tad-dħul b'għadd ta' xenarji u pjanijiet ta' sostenn li jippermettu li jittieħdu azzjonijiet jekk ikun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi, filwaq li mekkaniżmu tal-ibbilanċjar jiżgura kontroll fuq dan ir-riskju.

Ir-regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC iġibu obbligi u kompiti ġodda għall-ECHA. Minħabba dħul minn ħlasijiet inqas milli mistenni, u biex tiżgura baġit ibbilanċjat, l-ECHA tkun teħtieġ li ma tkomplix timla parti mill-inkarigi tal-pjan ta' stabbiliment għal żmien qasir. Dan huwa ġeneralment riskju fir-rigward tal-kapaċità li jintlaħħqu miri fil-programm ta' ħidma, u b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità li tkampa f'żidiet fit-tagħbija tax-xogħol fi kwalunkwe qasam tal-attività tal-bijoċidi. Meta wieħed jikkunsidra l-iskadenzi stretti u l-kwistjonijiet tar-riżorsi kemm fl-ECHA kif ukoll f'xi Stati Membri, flimkien mal-inċertezza tat-tbassir fuq id-dħul, l-ECHA u/jew l-MSAs jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jipproċessar l-applikazzjonijiet kollha taħt il-BPR u jikkonsenjaw ir-rapporti kollha bi kwalità tajba u fiż-żmien dovut, li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-miri fil-Programm ta' Reviżjoni. L-ECHA tikkunsidra li kooperazzjoni mill-qrib mal-MSAs, inkluż sostenn ta' linji gwida, matriċi u bini tal-kapaċità huwa importanti ħafna biex dan ir-riskju jittaffa'. Fir-rigward tar-riżorsi umani, l-ECHA ikollha tkun flessibbli fir-riallokazzjoni interna tagħha, f'każ li d-dħul fil-BPR ma jkunx biżżejjed għar-riżorsi rreklutati jew jekk ikun hemm żieda mhux mistennija ta' xogħol fl-applikazzjonijiet. F'każ li jkun hemm dħul baxx b'mod sinifikanti, iktar milli mistenni, xogħol li ma jkunx jirrelata b'mod dirett għall-applikazzjonijiet jista' ma jingħatax prijorità biex ir-riżorsi jkunu jistgħu jitnaqqsu mingħajr ma jikkompromettu l-kapaċità li jitlesta xogħol li jkollu x'jaqsam mal-applikazzjonijiet.

Riskju fir-rigward ta' applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni taħt REACH kien identifikat fir-rigward ta' żewġ xenarji potenzjali. Hekk ikun hemm żieda fl-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, li jista' jkollu impatt kemm fuq il-kapaċità tal-persunal li jimmaniġġaw il-volum u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kumitati, l-Aġenzija pprevediet riallokazzjoni interna flessibbli u l-involvement potenzjali tal-membri kollha tal-Kumitati bħala rapportaturi. Ir-riskju ta' dħul baxx b'mod sinifikanti iktar milli previst huwa ttrattat bħala parti mir-riskju finanzjarju ġenerali li l-Aġenzija qiegħda tiffaċċja fir-rigward tal-inċertezza fid-dħul għas-snin li ġejjin.


Riskju maġġuri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma fil-valutazzjoni tad-dossiers huwa l-impatt tar-reviżjoni prevista tar-reqwiziti tal-informazzjoni fir-rigward tal-punt finali dwar it-tossiċità riproduttiva. Huwa mistenni li l-Annessi REACH jiġu riveduti (sal-aħħar tal-2014) billi l-istudji estiżi ta' tossiċità riproduttivi fuq ġenerazzjoni waħda (EOGRTS) jiġu inklużi taħt reqwiziti tal-informazzjoni għal tossiċità riproduttiva. Bħala parti minn dan l-eżerċizzju, l-Kummissjoni jkollha titratta backlog ta' każijiet ta' kontroll ta' konformità u proposti ta' ttestjar riferiti lill-Kummissjoni biex tieħu deċiżjoni dwarhom, minħabba n-nuqqas ta' unanimità fl-MSA fir-rigward ta' dan il-punt finali (fil-preżent kważi 200 każ). Filwaqt li l-mekkaniżmu biex jittratta dawn i-każijiet għadu qiegħed jiġi diskuss, huwa mistenni li l-ECHA tiġi mitluba tikkontribwixxi b'mod konsiderevoli biex

issolvihom. Skont is-soluzzjoni dan jista' jwassal għal waqfien serju fix-xogħol l-ieħor ta' valutazzjoni tad-dossier. Biex dan ir-riskju jittaffa', l-ECHA qiegħda tinnegozja approċċ f'fażijiet biex timplimenta l-istrateġija b'qies speċjali għal linji ta' żmien.

Għadd ta' miri tal-programm ta' ħidma jiddependu ħafna fuq is-sistema ta' governanza tal-IT u fuq l-infrastruttura tal-IT. FI-2015, flimkein ma' għadd ta' proġetti oħra ambizzjużi tal-IT, għandu jkun introdott websajt ġdid ta' tqassim. Riskju li jirriżulta mit-tibdil potenzjali tal-kuntrattur eżistenti minħabba l-konsum tar-riżorsi kollha tal-kuntratt kwadru preżenti jista' jirriżulta f'dewmien jew fi tnaqqis fl-ambitu ta' dan il-proġett. Huma previsti għadd ta' miżuri li jinkludu l-intervent tal-ġestituri biex jikkontrollaw il-prestazzjoni tal-proġett.

Problemi ġenerali tal-manutenzjoni fil-bini tal-Aġenzija kif ukoll xogħol serju ta' rinnovamenti mhux ippjanat jista' jħarbat b'mod serju l-proċess ta' ħidma normali. L-Aġenzija diġà ħadet għadd ta' miżuri biex ittaffi dan ir-riskju, bħal ftehim dwar pjan ta' rinnovazzjoni mas-sid għas-snin ta' kera li baqa', li ser ikun jikkunsidra l-ħtieġa li għal xi żmien xi timijiet jiġu riallokati temporanjament fi u barra l-bini.

ANNEX 1: L-Organizzazzjoni tal-ECHA



ANNEX 2: Assunzjonijiet bażi

	Mexxejja prinċipali ta' attivitajiet REACH u CLP	Stima għall-2015
Attività	Dossiers li jaslu	
1	Dossiers tar-reġistrazzjoni (inklużi aġġornamenti)	5 700
1	Talbiet għal kunfidenzjalità	240
1	Notifikazzjonijiet PPORD (inklużi talbiet għal estensjoni)	400
1	Domandi	1 400
1	Disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta	7
2	Sustanzi fuq il-CoRAP li għandhom jiġu vvalutati fl-2015 mill-Istati Membri	55
2	Proposti ta' ttestjar	60
3	Proposti ta' restrizzjoni (Anness XV)	9
	Li minnhom proposti ta' restrizzjoni żviluppati mill-ECHA	3
3	Proposti għal identifikazzjoni bħala SVHC (Anness XV) ¹³	50
	Li minnhom żviluppati mill-ECHA	5
3	Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni	70
4	Talbiet għal isem alternattiv	150
4	Proposti għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati (Anness VI tar-Regolament CLP)	60
Kwalunkwe	Aċċess għal dejta eqdem minn 12-il sena	350

¹³ In-numru attwali ta' dossiers SVHC li jasal ikun jiddependi fuq l-għadd ta' analiżi RMO konklużi. L-ECHA tikkontribwixxi, fuq talba mill-Kummissjoni, għall-preparazzjoni ta' sa ħames RMOs. Skont il-konklużjonijiet miġbuda dan jista' jwassal sew għall-iżvilupp ta' sa ħames proposti għal identifikazzjoni bħala SVHCs.

	Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP	Stima għall-2015
Attività	Deċiżjonijiet tal-ECHA	
1	Deċiżjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta	7
1	Deċiżjonijiet dwar il-kontroll ta' kompletezza (negattiv, jiġifieri rifjuti)	60
1	Deċiżjonijiet dwar talbiet għal kunfidenzjalità (negattivi)	30
1	Deċiżjonijiet dwar PPORD	50
1	Revoki ta' numri tar-reġistrazzjoni	20
2	Deċiżjonijiet finali dwar il-valutazzjoni tad-dossiers u ta' sustanzi	
2	- Proposti ta' ttestjar	180
2	- Kontrolli ta' konformità	120
2	- Valutazzjonijiet tas-sustanzi	40
12	Deċiżjonijiet dwar aċċess għal talbiet għal dokumenti	120
13	Deċiżjonijiet dwar status ta' SME (negattivi)	200

	Mexxejja prinċipali ta' attivitajiet REACH u CLP	Stima għall-2015
Attività	Oħrajn	
2	CoRAP ta' abbozz għal sustanzi soġġetti għal valutazzjoni	1
2	Eżaminazzjonijiet tas-segwitu għal valutazzjonijiet tad-dossiers	400
3	Rakkmandazzjonijiet lill-Kummissjoni għal-Lista ta' Awtorizzazzjoni	1
5	Mistoqsijiet li għandhom jingħataw tweġibiet għalihom (REACH, CLP, kif ukoll għodod rispettivi tal-IT)	4 800
8	Laqgħat MSC	6
8	Laqgħat RAC	6
8	Laqgħat SEAC	5
8	Laqgħat tal-Forum	3
9	Appelli ppreżentati	20
9	Deċiżjonijiet ta' appell	15
10	Domandi ġenerali permezz tat-telefon jew l-email	600

10	Domandi tal-istampa	500
10	Stqarrijiet tal-stampa u twissijiet tal-aħbarijiet	60
12	Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija	4
13	Kontrolli tal-istatus ta' SME	400
14	Reklutaġġ dovut għal turnover	25

Attività	Mexxejja prinċipali tal-bijoċidi u tal-attivitajiet PIC	Stima għall-2015
16	L-għadd ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati taħt il-Programm ta' Reviżjoni	50
16	Doandi dwar Bijoċidi	50
16	Disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta dwar Bijoċidi	5
16	Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ġodda	2
16	Applikazzjonijiet għal tiġdid jew reviżjoni ta' sustanzi attivi	3
16	Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni għal prodotti Bijoċidali	12
16	Applikazzjonijiet għal fornituri ta' sustanzi attivi (Artikolu 95)	150
16	Applikazzjonijiet għal ekwivalenza teknika	20
16	Applikazzjonijiet għal similarità kimika	10
16	Preżentazzjonijiet lil Stati Membri	3 000
16	Kontrolli ta' status SME	30
16	Appelli	3
16	Laqgħat BPC	5
16	Laqgħat WG tal-BPC	20
17	Notifikazzjonijiet PIC	4000
16, 17	Mistoqsijiet li għandhom jingħataw tweġibiet għalihom (Regolament BPR, PIC kif ukoll għodod tal-IT rispettivi)	1 200
16, 17	Reklutaġġ dovut għal turnover, għal Bijoċidi u PIC	3

ANNEX 3: Riżorsi stmati għall-2015

MB/48/2014

Ruma, 17.12.2014

	REACH Riżorsi tal-persunal 2015					BIJOĊIDI Riżorsi tal-Persunal 2015					PIC Riżorsi tal- Persunal 2015					ECHA (Total) Riżorsi tal-Persunal 2015				
	AD	AST	CA	Total	Baġit 2015	AD	AST	CA	Total	Total	AD	AST	CA	Total	Baġit 2015	AD	AST	CA	Total	Total
L-enumerrazzjoni hawn taħt tirreferi għall-WP 2015, mhux għall-enumerrazzjoni fil-Baġit																				
Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji (Baġit Operazzjonali)																				
Attività 1: Reġistrazzjoni, Kondivizzjoni tad-Dejta u Tqassim	35	9	13	57	11 001 711	4	1	5	10	1 141 834		1	1	2	255 820	39	11	19	69	12 399 365
Attività 2: Valutazzjoni	75	12	5	92	15 693 815				0	0				0	0	75	12	5	92	15 693 815
Attività 3: L-Immaniġġjar tar-Riskji	38	5	6	49	7 929 445				0	0				0	0	38	5	6	49	7 929 445
Attività 4: Klassifikazzjoni u Ttikkettar	13	2	2	17	2 532 879				0	0				0	0	13	2	2	17	2 532 879
Attività 5: Konsulenza u Assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni	18	8	5	31	4 763 720	1		1	2	300 767				0	0	19	8	6	33	5 064 487
Attività 6: Sostenn tal-IT għall-Operazzjonijiet	27	7	3	37	19 144 295	1	1		2	567 917		1		1	333 640	28	9	3	40	20 045 852
Attività 7: Attivitajiet Xjentifiċi u Konsulenza Teknika lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE	10	1	0	11	1 970 804				0	0				0	0	10	1	0	11	1 970 804
Korpi tal-UE u Attivitajiet ta' Sostenn																				
Attività 8: Kumitati u Forum	22	7	5	34	7 734 758	4	2		6	956 820				0	0	26	9	5	40	8 691 578
Attività 9: Bord ta' Appell	6	3	2	11	1 725 304			1	1	134 183				0	0	6	3	3	12	1 859 487
Attività 10: Komunikazzjonijiet	8	7	7	22	6 549 608		1	1	2	421 367				0	177 500	8	8	8	24	7 148 475
Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali	4	0	0	4	947 383				0	0				0	0	4	0	0	4	947 383
Ġestjoni, Organizzazzjoni u Riżorsi																				
Attività 12: Ġestjoni	25	16	7	49	9 071 145			1	1	336 583				0	13 400	26	16	8	50	9 421 128
Attivitajiet 13-15: Organizzazzjoni u Riżorsi (Titolu II: Infrastruttura)	26	45	43	114	16 683 423	2	1	3	6	685 100		1		1	110 410	28	47	46	121	17 478 933
Attività 16: Bijoċidi							27	3	2	3 653 868				0	0	27	3	2	32	3 653 868
Attività 17: PIC											1	2		3	331 230	1	2	0	3	331 230
Total	308	122	98	528	105 748 290	39	9	14	62	8 198 440	1	5	1	7	1 222 000	348	136	113	597	115 168 730

ANNEX 4: Pjan ta' Akkwisti

MB/48/2014
Ruma, 17.12.2014

Attività WP	Subattività (meta applikabli)	Suġġett tal-Kuntratt	Baġit stmat f'EUR	Kanal tentattiv ta' akkwisti	Data prevista (xahar) għall-introduzzjoni tal-akkwisti	Data prevista għall-firma tal-kuntratt
01 : Reġistrazzjoni, kondivizzjoni tad-dejta u tqassim	1.7 : Estrazzjoni tad-dejta u intelliġenza	Xiri ta' liċenzi għall-Prijoritizzazzjoni ta' dejta ta' Skrinjng tal-Profil (PRoSP) dwar sustanzi kimiċi	25 000 €	Proċedura Negożjata b'Valur Baxx	Q1	Q2
01 : Reġistrazzjoni, kondivizzjoni tad-dejta u tqassim	1.7 : Estrazzjoni tad-dejta u intelliġenza	Servizzi tal-IT biex jestendu l-funzjonalità tal-ġhodod għall-iproċessar u l-analiżi ta' informazzjoni mhux strutturata li tinsab fir-Rapporti dwar is-Sigurtà Kimika u kontenut ieħor mehmuż fid-dossiers ta' reġistrazzjoni biex ikopru kampijiet liberi fid-dossiers IUCLID, u l-implimentazzjoni ta' titjib ta' mmaniġġjar tal-prestazzjoni u tal-utenti	60 000 €	FWC ECHA/2014/86	Q1	Q2
01 : Reġistrazzjoni, kondivizzjoni tad-dejta u tqassim	1.7 : Estrazzjoni tad-dejta u intelliġenza	Servizzi xjentifiċi dwar kodifikazzjoni tal-istruttura Markush għal kompożizzjoni Mhux magħrufa jew Varjabbli, Prodotti b'reazzjoni kumplessa jew materjali bijoloġiċi (UVCB)	100 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q1	Q2

01 : Reġistrazzjoni, kondivizzjoni tad- dejta u tqassim	1.7 : Estrazzjoni tad-dejta u intelliġenza	Servizzi xjentifiċi għall- identifikazzjoni, il-ġbir u l- użu ta' informazzjoni esterna b'enfasi fuq espożizzjoni biex jiġi stabbilit skринing komuni ta' prijorità	100 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q1	Q2
01 : Reġistrazzjoni, kondivizzjoni tad- dejta u tqassim	1.8 : Att. 1 attivitajiet speċifiċi	Servizzi xjentifiċi biex jiġbru u jirvedu l-informazzjoni disponibbli dwar id- determinazzjoni kwantitattiva tal- kompożizzjoni kimika għal lista ta' tipi ta' sustanzi kumplessi biex jiġu ppreparati rapporti ta' profil analitiċi għall-identità tas- sustanzi (SID)	90 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q1	Q2
01 : Reġistrazzjoni, kondivizzjoni tad- dejta u tqassim	1.8 : Att. 1 attivitajiet speċifiċi	Studju analitika dwar domandi dwar il- valutazzjoni tad-dossiers biex jitjieb is-sostenn tal- ECHA lill-Kumpaniji	20 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q1	Q2
02 : Valutazzjoni	2.2 : Valutazzjoni tas-sustanzi	Servizzi biex ikun rivedut il- Proċess għall-Valutazzjoni tas-Sustanzi	50 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q4/2014-Q1/2015	Q2-Q3
02 : Valutazzjoni	2.1 : Valutazzjoni tad-dossier	Servizzi xjentifiċi li jimmiraw mistoqsijiet speċifiċi fil-Valutazzjoni tad- Dossiers	100 000 €	Diversi SRs taħt FWC ECHA/2011/01 jew diversi proċeduri ta' valur baxx innegożjati	Q2-Q3	Q3-Q4
03 : . L- immaniġġjar tar- riskji	NA	FWC għal servizzi ta' Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEA)	120 000 €	OPEN	Q1	Q3

03 : . L- immaniġġjar tar- riskji	3.1 : Preparazzjoni għall-Immaniġġjar tar-Riskji	Studji għall-ġbir ta' informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi (applikazzjonijiet, użijiet, materjali, oġġetti)	50 000 €	Proċeduri ta' negozjati ta' valur baxx	Q2	Q3
03 : . L- immaniġġjar tar- riskji	3.4 : Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni	Studji ta' prattiċità dwar valutazzjoni RAC ta' entitajiet li jħarbtu l-endokrina (inkluż li tkun stabbilita funzjoni ta' doża – reazzjoni)	30 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q2	Q3
03 : . L- immaniġġjar tar- riskji	3.5 : Restrizzjonijiet	Servizzi biex jippreparaw dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV. Kuntratt ta' servizz wieħed dwar l-istima ta' riskji tal-kanċer li jirrelataw għall-użu ta' melħ tal-kobalt. Kuntratt ta' servizz 1 dwar restrizzjonijiet fuq spejjeż ta' konformità	100 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q4 2014	Q1 2015
03 : . L- immaniġġjar tar- riskji	3.6 : Attivitajiet orizzontali tal-immaniġġjar tar-riskji	Servizzi biex jidentifikaw u jistmgu l-ispejjeż ta' sostituzzjoni ta' sustanzi speċifiċi.	50 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q2	Q3
03 : . L- immaniġġjar tar- riskji	3.4 : Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni	L-ippjanar ta' studju dwar is-setturi tal-industrija kimika (bażi għal kollaborazzjoni aktar effettiva)	50 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q2	Q3
03 : . L- immaniġġjar tar- riskji	3.4 : Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni	Servizzi xjentifiċi biex wieħed ifittex sostenn għall-valutazzjoni ta' sustanzi li jirrelataw għall-5 u għas-6 annessi.	50 000 €	FWC/ECHA/2011/01	Q1	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Ix-xiri ta' softwer xjentifiku u manutenzjoni	145 000 €	FWC SIDE	Q1	Q2

06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Servizzi IT għall-Ġestjoni ta' Access Integrat (IAM) – L-adattament ta' IDM għall-ħtiġiet tal-proġett	200 000 €	FWC ECHA/2011/103. Lott 1 u Lott 3	Q1	Q1
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Servizzi IT għall-Proġett ta' Integrazzjoni tad-Dejta (DIP)	1 014 000 €	FWC ECHA/2011/103.Lott 1 u Lott 3	Q4 2014	Q1
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Servizzi IT għall-Proġetti ODYSSEY, CHESAR, IUCLID fl- 2015	2 021 000 €	FWC ECHA/2011/103. Lott 1 u Lott 3	Q1-Q2	Q2-Q3
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Servizzi IT għall-Proġett ECM (ibbażat fuq Documentum) fl-2015	1 995 000 €	FWC ECHA/2012/150	Q4 2014	Q1-Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Servizzi IT għall-Ġestjoni tal-Identità IDM – segwitu għall-implimentazzjoni tal-proġett (inkl. Ġestjoni Avanzata tal-Identità - FIM)	150 000 €	FWC ma' MICROSOFT	Q1	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Servizzi IT għall-Proġett ta' Daxxbord Portal	300 000 €	FWC ECHA/2014/86	Q1	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.1 : II-Ġestjoni ta' Proġetti tal-IT	Servizzi IT għall-personalizzazzjoni tal-pakkett ta' softwer EPI suite	15 000 €	FWC SIDE	Q2	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: II-Ġestjoni ta' Servizzi tal-IT	Softwer ORACLE u manutenzjoni	200 000 €	FWC Oracle	Q1	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: II-Ġestjoni ta' Servizzi tal-IT	Manutenzjoni ta' ħardwer u softwer, u servizzi għall-iżvilupp ulterjuri tal-Għodda ta' Reġistrazzjoni ta' Struttura (SRT)	1 077 060 €	FWC SACHA II / FWC SIDE	Q4 2014	Q1-Q3

06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: Il-Ġestjoni ta' Servizzi tal-IT	Servizzi għall-Ġestjoni ta' programmi tal-IT	100 000 €	FWC ECHA/2011/103.Lott 1	Q4/2014	Q1/2015
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2 : Manutenzjoni tas-software	Servizzi IT: Edituri onlajn (Domanda C&L, Rapport tal-Utenti Downstream 38; Notifikazzjoni ta' Sustanzi f'Oġġetti, Reġistrazzjoni 2018)	350 000 €	FWC ECHA/2011/103.Lott 1	Q1	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2 : Manutenzjoni tas-software	Servizzi ta' konsulenza ta' sostenn bħala rimedju	140 000 €	FWC SIDE	Q1	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: Ġestjoni tas-servizz tal-IT	Servizzi ta' howsting esternalizzati għal applikazzjoni tal-IT għall-ECHA	1 575 000 €	FWC ECHA/2010/95N	Q4 2014-Q1 2015	Q1-Q2
06 : Ghodod xjentifiċi tal-IT	6.2: Ġestjoni tas-servizz tal-IT	Servizzi IT għal Applikazzjonijiet R4BP, REACH-IT, ePIC	1 760 000 €	FWC ECHA/2011/103.Lott 1	Q2	Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: Ġestjoni tas-servizz tal-IT	Servizzi IT għal Proġett ta' Tqassim	175 000 €	FWC ECHA/2014/86	Q4	Q4
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: Ġestjoni tas-servizz tal-IT	Servizzi għall-ġestjoni ta' applikazzjonijiet tal-IT taħt il-programm ECM	815 000 €	FWC ECHA/2012/150	Q4 2014	Q1-Q2
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: Ġestjoni tas-servizz tal-IT	Ittestjar għall-applikazzjonijiet kollha tal-IT tal-Aġenzija	1 638 000 €	Kuntratt ta' Servizz ECHA/2013/135	Q4 2014-Q2 2015	Q1-Q3
06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.2: Ġestjoni tas-servizz tal-IT	Servizzi tal-IT għall-migrazzjoni ta' Sharepoint	150 000 €	Kuntratt ta' Servizz ECHA/2014/147	Q1	Q2

06 : Għodod xjentifiċi tal-IT	6.4	Stabbilit programm ta' taħriġ dwar il-Valutazzjoni tas-sigurtà kimika u l-għodda ta' Valutazzjoni tar-Rappurtaġġ (CHESAR)	45 000 €	FWC ECHA/2011/01 jew Proċedura Negożjata ta' Valur Baxx	Q1	Q2
07 : Attivitajiet xjentifiċi u konsulenza teknika lil istituzzjonijiet u lil korpi tal-UE	7.2 : Metodi ta' ttestjar	Servizz biex jivvaluta r-rilevanza u l-adeqwatezza tat-test il-ġdid tal-OECD ta' Tossiċità Akuta fl-Embrijuni tal-Ħut (FET) (OECD TG 236) f'ttestjar għat-tossiċità	60 000 €	FWC ECHA/2011/01/Proċedura Negożjata ta' Valur Baxx	Q4 2014	Q1 2015
07 : Attivitajiet xjentifiċi u konsulenza teknika lil istituzzjonijiet u lil korpi tal-UE	7.2 : Metodi ta' ttestjar	Studju dwar metodi alternattivi/ta' ttestjar ġodda għas-saħħa tal-bniedem	60 000 €	FWC ECHA/2011/01	Q1	Q2
10 : Komunikazzjonijiet	10.2 : Produzzjoni u Implimentazzjoni ta' Mezzi ta' Komunikazzjoni	Servizzi awdjoviżwali	200 000 €	FWC ECHA/2011/111	Q1-Q3	Q2-Q4
10 : Komunikazzjonijiet	10.2 : Produzzjoni u Implimentazzjoni ta' Mezzi ta' Komunikazzjoni	Servizzi ta' stampar u ddizinjjar	81 000 €	FWC ECHA/2011/183	Ordnijiet fix-xahar	Ordnijiet fix-xahar
10 : Komunikazzjonijiet	10.2 : Produzzjoni u Implimentazzjoni ta' Mezzi ta' Komunikazzjoni	Servizzi għall-iżvilupp tal-websajt (speċjalment tqassim)	250 000 €	FWC ECHA/2014/110	Q1	Q2
10 : Komunikazzjonijiet	10.2 : Produzzjoni u Implimentazzjoni ta' Mezzi ta' Komunikazzjoni	Xiri ta' materjal promozzjonali	20 000 €	Kuntratt ta' Fornitura ECHA/2012/281	Q1-Q4	Q1-Q4

10 : Komunikazzjonijiet	10.2 : Produzzjoni u l-Implimentazzjoni ta' Mezzi ta' Komunikazzjoni	Servizzi tal-IT ibbażati fuq SharePoint għall- ECHANet	200 000 €	Kuntratt ta' Servizz ECHA/2014/147	Q1	Q1
11 : Kooperazzjoni Internazzjonali	11.0 : Ġestjoni u żvilupp tal-attivitajiet	2 Studji Xjentifiċi għall-implimentazzjoni/ l-inkorporazzjoni ta' ontoloġiji għall-Għodda QSAR (Relazzjonijiet Struttura-Attività Kwantitattiva)	20 000 €	Proċeduri negozjati ta' valur baxx	Q4/2014	Q1/2015
11 : Kooperazzjoni Internazzjonali	11.4: Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u konvenzjonijiet multilaterali oħrajn	L-iżvilupp u l-manutenzjoni fl-2015 tal-Portal EChem (il-Portal Globali għal Informazzjoni dwar Sustanzi Kimiċi)	100 000 €	FWC ECHA/2014/86	Q1-Q2	Q2-Q3
12 : Ġestjoni	12.3 : Il-provviżjoni ta' Ġestjoni Eżekuttiva	Għodda sigura onlajn għal Fabasoft Cloud	18 000 €	FWC SIDE	Q1	Q1
12 : Ġestjoni	12.3 : Il-provviżjoni ta' Ġestjoni Eżekuttiva	Stima minn qabel tal-kapaċitajiet xjentifiċi tal-ECHA	50 000 €	Proċedura negozjata ta' valur baxx/ FWC ECHA/2010/93	Q2	Q3
12 : Ġestjoni	12.3 : Il-provviżjoni ta' Ġestjoni Eżekuttiva	Verifika ta' segwitu għaċ-ċertifikazzjoni ISO 9001	25 000 €	FWC ECHA/2013/483	Q3	Q4
12 : Ġestjoni	12.3 : Il-provviżjoni ta' Ġestjoni Eżekuttiva	Verifika dwar is-Sigurtà tal-IT (segwitu għall-verifika tal- Kunflitt ta' Interess)	55 000 €	FWC DG BUDG	Q2	Q3
12 : Ġestjoni	12.4 : Il-provviżjoni ta' konsulenza u difiża legali	Każijiet legali u tal-qorti, konsulenza legali ad-hoc	350 000 €	Proċeduri eċċezzjonali negozjati taħt Art. 134.1.i) RAP	Q1-Q4	Q1-Q4

12 : Ġestjoni	12.5: Monitoraġġ, titjib, ġestjoni u rappurtaġġ	Konsulenza għall-ippjanar u l-monitoraġġ tal-operazzjoni u l-baġit tal-ECHA (l-1 fażi) inkluża l-ispeċifikazzjoni għal sistema PM	66 000 €	TbD	Q2	Q3
17 : PIC regulation	17.0 : Regolament PIC	Sostenn xjentifiku lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-ġestjoni tagħhom tar-Regolament PIC u l-involviment tagħhom fis-Segetarjat tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam	35 000 €	Proċedura negozjata ta' valur baxx	Q1	Q3
1-2-3-4-7-11-16-17	NA	FWC multipli (bil-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni) biex jassistu lill-ECHA fit-twettiq tal-kompiti tagħha li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' Regolamenti għal REACH, CLP, Bijoċidi u PIC	0 €	OPEN (II-valur ġenerali stmat tal-FWC għal 4 snin huwa 4 000 000 €)	Q2	Q4
Cross-cutting (ebda attività partikolari)	NA	FWC multipli (skrinjar) għal persunal Interim għall-ECHA	2 000 000 €	OPEN (II-valur ġenerali stmat tal-FWC għal 4 snin huwa 8 000 000 €)	Q4/2014	Q1/2015
Cross-cutting (ebda attività partikolari)	NA	FWC għal servizzi ta' Canteen u Catering	0 €	OPEN (II-valur ġenerali stmat tal-FWC għal 4 snin huwa 1 000 000 €)	Q2	Q4
SOMMA totali:			18 450 060 €			
II-Pjan jinkludi infiq operazzjonali tal-ECHA ta' aktar minn 15 000 Ewro, fl-2015						

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

ISBN: 978-92-9244-854-7(PDF)

KIF TOTTJENI PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-Librerija tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- għand ir-rappreżentanti jew id-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Tista' tottjeni d-dettalji ta' kuntatt tagħhom fuq l-Internet (<http://ec.europa.eu>) jew billi tibgħat fax lil +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Librerija tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (eż. serje annwali tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u rapporti ta' każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- permezz ta' waħda mill-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_en.htm).